# IL-PROŻA TAL-FEMMINIŻMU

Studju kritiku dwar *Ilkoll ta' Nisel Wieħed*

**Charles Briffa**

## ĦAJR

Ħajr lil Rena Balzan tal-permess ġentili tagħha biex nikkwota fit-tul mir-rumanz tagħha, *Ilkoll ta' Nisel Wieħed.* Magħha wkoll ġieli qgħadt niddiskuti xi punti ewlenin ta' din l-investigazzjoni kritika.

# It-tqassim tax-xogħol

1. Xejriet Tematiċi

Introduzzjoni
X'Inhi r-Realta'?
Possibilta' Umana
Tħabbat il-Qalb
Karatterizzazzjoni
Xibka ta' Relazzjonijiet
Ossessjoni
Il-Maskra
Konklużjoni

2. Xejriet Psikostilistiċi

Introduzzjoni
Rumanziera Epistolari
Il-Puntodivista
Stil Mentali
Stil ta' Proża Akkademika
In-Nixxiegħa tal-Ħsieb
Il-Preżentazzjoni tal-Ħsieb
Konklużjoni

3. Nota Bijografika

L-Awtriċi u x-Xjenza
L-Awtriċi u l-Letteratura
Tlaqqigħ

4. Il-Femminiżmu fir-Rumanz

Introduzzjoni
L-Esperjenza Maltija
Ir-Rumanz Femminista
Dilemmi Femminili
Il-Femminiżmu Prudenti
Il-Qofol l-Imħabba
Konklużjoni

Biblijografija

Glossarju

# 1. Xejriet Tematiċi

Introduzzjoni
X'Inhi r-Realta'?
Possibilta' Umana
Tħabbat il-Qalb
Karatterizzazzjoni
Xibka ta' Relazzjonijiet
Ossessjoni
Il-Maskra
Konklużjoni

## 1. Xejriet Tematiċi

> Artist li ma jafx joħlom, ma jispirax bl-arti tiegħu u ma jkollux il-ħila jneżża' r-realta' mill-qoxra superfiċjali li minn żmien għal żmien titrabba quddiemha.[1]

**INTRODUZZJONI**

Ir-rumanz huwa kuntratt letterarju bejn l-awtur u l-ġrajja li trid twassal realta' immaġinattiva. Dan l-istħajjil huwa qawwi għax isir pubbliku u jaqbad relazzjoni mal-qarrej li mbagħad irid jagħraf ir-realta' li jippreżentalu r-rumanz. U bla ma rridu, nistaqsu: xi jfisser rumanz għall-awtur li kitbu? Għax kull awtur joħroġ bid-definizzjoni tiegħu. U hekk tagħmel Rena Balzan. Imma, qabel xejn, irridu naraw x'nifhmu b'realta'.

F'dan l-istudju kritiku se nimxi fuq il-prinċipju li l-lingwa tal-letteratura jeħtieġ tiġi apprezzata meta mqabbla ma' l-użu ordinarju tal-lingwa. Meta, fit-taqsima ta' wara, nitkellmu fuq in-nominalizzazzjoni f'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed* nifhmu li din hija teknika letterarja konvenjenti biex twassal għamla ta' realta'. pereżempju, meta Nada marret tistudja fl-universita' ta' belt kbira l-awtriċi tgħidilna li

> Bil-mod bdiet trawwem ħbiberiji ġodda u żdied ir-rikonoxximenti ta' nies minn nazzjonijiet oħra u bi drawwiet u reliġjonijiet differenti. (Kap 7)

F'lingwa aktar komuni dan jista' jitfisser hekk: "Qabdet ħbieb ġodda u saret taf nies barranin." Fl-istess faċċata tar-rumanz insibu wkoll:

> Kienet telqet mid-dar bit-tama li fil-miġja tagħha lura ssib kollox kif kien, bla ebda tibdil. (Kap 7)

Normalment wieħed jgħid "...bit-tama li meta tiġi lura ..." L-awtriċi tidher li għandha strateġija: titbiegħed mil-lingwa ordinarja sabiex iġġagħalna nħarsu lejn dak li hu familjari b'nuċċali mhux tas-soltu — aktar 'il quddiem dan il-proċess insejjaħlu defamiljarizzazzjoni. Nifhmu wkoll li ħsieb jista' jkollu lbies differenti, jiġifieri idea tista' tissawwar b'modi differenti. Nieħdu sentenza oħra mill-istess faċċata ta' qabel:

---

[1] BALZAN, R., *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (PEG, Malta, 1987), p.135.

> Bil-borża ta' studju li kisbet, rebaħ ukoll in-nannu li seta' jara l-bidu ta' l-eżekuzzjoni tal-pjan tiegħu bla ma jxellef l-indipendenza finanzjarja tan-neputija. (Kap 7)

Din nistgħu nġibuha hekk:

> Meta rebħet il-borża ta' studju, il-ħsieb tan-nannu kien irnexxa u fl-istess ħin kien se jħalliha tiddependi fuq flusha biss.

Imma Rena Balzan qiegħda tinqeda bin-nominalizzazzjoni apposta biex twasslilna l-istil mentali ta' Nada — fi kliem ieħor, twasslilna kif Nada tifhem id-dinja tagħha.[2] U din se nqisha r-realta' mistħajla tar-rumanz.

Hija l-lingwa li trid tpitter it-taparsi realta' tal-proża fittizzja [3] imma rrid inżomm f'moħħi li l-qawwa tal-letteratura tinsab fil-fatt li tippermetti lfi ħdanha dak li mhux veru. Bħala qarrej nippretendi li awtur juża l-immaġinazzjoni tiegħu liberalment biex iqajjem potenzjalitajiet ta' l-eżistenza tagħna. L-użu ħieles ta' l-immaġinazzjoni huwa fattur importanti tal-proża kreattiva, u għaldaqstant qatt ma jista' jkun hemm realiżmu assolut f'rumanz. Il-proża kreattiva tidħol f'dawk l-aspetti tar-realta' meqjusa essenzjali għall-għanijiet tematiċi — il-kumplament jitħalla barra. Il-funzjoni esperjenzali[4] tal-lingwa m'hija xejn għajr attentat biex tgħaddilna l-verita', u allura din il-funzjoni mħaddma f'rumanz twasslilna l-illużjoni tar-realta'. [5] Dan kollu jsaħħaħ l-idea li r-realiżmu huwa kunċett relattiv: relattiv għall-għan tal-kitba u relattiv għall-effett fuq il-qarrej. Hu għalhekk li nemmen bis-sħiħ li l-aktar ħaġa li tiswa ;fil-proża kreattiva hija l-illużjoni ta' xi esperjenza vera, u l-verita' xjentifika tbegħedna minn din il-illużjoni.

---

[2] Dan huwa x-xogħol tat-tieni taqsima ta' din l-investigazzjoni.

[3] Nagħżel bejn "proża letterarja" u "proża fittizzja": ta' l-ewwel, minbarra bosta rumanzi u novelli, tinkludi, għal bosta nies, l-essejs ta' Ġuże' Aquilina u d-djalogi ta' Agius de Soldanis, filwaqt li tat-tieni tista' tinkludi xi storja bla valuri għall-bniedem u għalhekk ma titqiesx bħala letteratura.

[4] Jew "ideazzjonali", kif se nsejħulha fil-parti ta' l-istil mentali fit-taqsima ta' wara.

[5] Ma rridx nimplika li r-realiżmu huwa xi ħtieġa assoluta fil-letteratura. Anzi nemmen li huwa l-istħajjil li huwa meħtieġ, imma anki fl-aktar biċċa xogħol fantastika jista' bniedem isib xi veritajiet li jkollu bżonn.

## X'INHI R-REALTA'?

Il-komunikazzjoni tiddependi fuq tagħrif komuni li aħna lkoll naqsmu bejnietna. Hemm ċertu tagħrif li hu propjeta' komuni tal-bniedem:

> Tiftakru f'dik il-għodwa tar-rebbiegħa, bilqiegħda fuq ġebla, b'idejh mislutin mistrieħa fuq għasluġ kollu għekiesi, li kien ġabar mit-triq li tagħti għall-wied. (Kap 1)

Dan ir-rapport narrattiv iserraħ ħafna fuq dak li nafu, fuq id-dettalji li kapaċi nimlew minn rajna sabiex inżidu mal-mudell tar-realta'. Balzan ma tiktibx fis-sħab. Iddaħħal fatti li m'għandhomx bżonn ta' spjegazzjonijiet, fatti li jiġbdu mit-tagħrif li diġa jeżisti fina:  bħal x'inhi rebbiegħa u wied, u kif tkun l-atmosfera fit-triq għal wied fil-jiem kalmi tar-rebbiegħa. Inkomplu nagħlu sens minn dan ir-rapport għax nagħrfu li f'din lix-xena hemm ħwejjeġ li qed jiġru ;li huma konvinċenti:  fit-triq għal wied, triq fil-kampanja, issib bosta ġebel kbir li tista' tpoġġi fuqu — ġebla bħal din ma ssibhiex, ngħidu aħna, f'xi triq ewlenija ta' belt traffikuża;  u kieku Balzan kienet qiegħda tagħti ambjent raħli forsi n-nannu kien jintasab fuq xi għatba ta' razzett;  imma hawnhekk għandna l-kampanja u l-ġeba hija l-aktar li tixraq fil-kuntest.

Mhux hekk biss, imma mal-ħażna tat-tagħrif tagħna aħna għandna l-ħila nlaqqgħu ħaġa ma' oħra:  fil-kampanja ssib bosta għesieleġ fil-mogħdijiet u nistħajlu lin-nannu jiġbor l-għasluġ kollu għekiesi mill-art biex jużah bħala bastun. Intellgħu wkoll probabiltajiet li jispjegaw aktar:  nistgħu nobsru kif in-nannu kien bis-sabar kollu joqgħod ifisser liċ-ċkejkna neputija tiegħu l-ħajja tan-natura ta' madwarhom. Aktar ma nitgħallmu fuq il-karattri, aktar ma nkunu nafu fuq l-istorja tagħhom u r-relazzjoni ta' bejniethom aktar inkunu nistgħu nagħmlu inferenzi bil-qalb.  Inżidu aktar dettalji. Dan hu l-proċess ta' qari b'komprensjoni:  niġbdu konklużjonijiet billi nħaddmu r-riżorsi ta' l-għerf li għandna u nsawru dettalji mill-mod kif nifhmu d-dinja ta' madwarna. Huwa għalhekk li r-rumanziera, fil-proċess tal-kitba tagħha, tkun trid tieħu deċiżjonijiet fuq x'informazzjoni se tgħaddilna, kif, u kemm.

~erti dettalji qegħdin hemm għall-impressjoni tar-realta', għall-kredibilita'.  L-"għodwa", l-idejn "mislutin", u l-"għasluġ kollu għekiesi" ma

jgħinu xejn fl-iżvilupp tal-ġrajja imma huma dettalji tar-realta'. Fittaġni għad-dettal reali biex meta tasal l-assurdita' tal-ġrajja (ittra lill-mejjet) din titwemmen aktar minħabba l-isfond reali. Inkunu drajna nafdaw lill-awtriċi li tagħtina dak li hu reali, ukoll jekk dettalji żgħar. Tafdaha fiż-żgħir biex temminha fil-kbir.

L-ispeċifikazzjoni tad-dettalji, mela, timla l-mudell tar-realta' li neħtieġu biex nifhmu d-dinja tar-rumanz. [6] Imma l-awtriċi tlaqqa' l-għażliet tagħha skond kemm ikollhom x'jaqsmu mat-tema jew man-nisġa. Jiġifieri timxi fuq il-kriterji artistiċi tar-relevanza. Mhux importanti li nkunu nafu eżatt meta Nada kitbet l-"ittra twila f'għamla ta' rakkont" (Kap 2) lin-nannu; u lanqas m'hu importanti li nkunu nafu eżatt meta kitbithielu; jew kif kien id-desk li kitbitha fuqu; jew jekk kitbithiex fil-kompjuter jew bit-tajprajter jew bil-bajrow. Dan kollu huwa irrelevanti għall-iskop tal-ġrajja. Imma l-proċessi ewlenin tal-ħsieb li għaddiet minnhom huma kollha importanti għax joħolqu kuntrasti tematiċi u jsawru x-xeħta mentali ta' Nada, u kif ukoll jixħtu dawl fuq l-għeruq tar-relazzjonijiet bejn il-karattri.

Hija l-funzjoni tal-letteratura li tfisser l-universali permezz tal-partikolari li tinsisti ma' l-awtriċi li għandu jkun hemm din ir-relevanza artistika. L-awtriċi tispeċifika dawk id-dettalji tar-realta' fittizzja li jistgħu jiġu interpretati bħala affarijiet importanti fil-qagħda umana. L-ittra lin-nannu mejjet hija simbolika: it-tiftixa ta' l-identita' tagħna hija komunikazzjoni ma' l-antenati tagħna. Il-bniedem li jagħraf u jifhem in-nisel tiegħu jlaqqa' l-passat mal-preżent f'ġieħ il-futur. Il-"min jien" hija stqarrija (aktar milli mistoqsija) tal-kontinwita' umana li tgħid: "min kienu ta' qabli?" u "min se jkunu ta' warajja?" Ironikament Rena Balzan ix-xjentista qed tinqeda bil-qasam ta' l-għerf tagħha biex issawwar kreattivament il-kważi-*cloning* psikoloġiku permezz ta' Rena Balzan ir-rumanziera. Il-bini mentali ta' Nada huwa tilqita jew tlaqqiegħ ta' karatteristiċi li diġa kienu jeżistu f'nannuha u f'ommha u f'missierha. Għalhekk qed insejjaħlu "kważi-*cloning* psikoloġiku" għax Nada hija pezza waħda magħhom: ilkoll ta' nisel wieħed! B'hekk nistgħu naraw kif l-inklinazzjoni artisltika li tuniversalizza tasal sabiex ċerti dettalji jkunu eleborati bi spjegazzjoni li taqbeż 'l hemm mill-fatti superfiċjali.[7]

---

[6] Aktar 'il quddiem "id-dinja tar-rumanz" insejħilha "d-dinja testwali" jew "l-ambjent testwali" biex nuri r-realta' fittizzja tal-proża narrattiva kreattiva.

[7] Meta nitkellmu fuq letteratura "serja" jew letteratura "ta' kwalita' " inkunu qegħdin nifhmu dan kollu li qegħdin ngħidu hawn. Jiġifieri, il-ħila li biċċa xogħol letterarja jkollha biex twassal

Imma fl-għażliet artistiċi tagħha Balzan twieżen il-ġibda biex tuniversalizza mal-ġibda biex tindividwalizza. X'irrid ngħid? Irrid ngħid li Nada tinħass li hija bniedma: għandha l-burdati tagħha; daqqa tħobb, daqqa tirrabja, kultant tagħder, kultant taħfer, u dejjem taħseb u tipprova tifhem id-dinja tagħha. Il-lingwa ta' Balzan għandha t-tendenza li tagħti l-astratt, imma n-nisġa artistika li qed tinqeda bil-lingwa hija proċess kontinwu ta' konkretizzazzjoni. L-arti ta' Balzan tħallina fl-attwalita'. [8] Twasslilna sens ta' eżistenza. Inħossuna li qegħdin fil-preżenza tal-karattri li donnhom individwi vera: in-nannu ħassiebi u rasu iebsa, imma qalbu m'hix xierfa; in-nanna tostor ġo fiha imma tħoss u ġġarrab fil-kwiet u forsi wkoll tifga f'demmha kultant; Erica rasha iebsa u deċiżiva bħal missierha; Karl agħmi għall-bżonnijiet tal-ħajja minħabba l-ideal; Arnold il-bniedem li ma jridx ix-xkiel ta' ħaddieħor; Claud il-ġuvni li jonqos li jagħraf il-vera mħabba; u Maris storbjuża u aktar żbukkata minn oħtha. Dawn kollha nies li nsibuhom ma' saqajna. Bħalhom hemm ħafna fit-triq tagħna, fix-xogħol magħna, u fl-iskola tagħna. Jekk nibdlulhom l-ismijiet naraw li huma nies veri. Il-karattri li semmjena huma parti mill-esperjenza komuni li nistennew li nsibu fir-rumanz biex tkattar l-illużjoni tar-realta', tkattar il-verisimilitudni.

L-universali u l-verisimilitudni Balzan tlaqqagħhom flimkien biex jikkonsolidaw it-tema. Fil-bidu ċ-ċkejkna Nada tkun tixtieq il-bastun biex timita lil nannuha fil-mixjiet tagħhom fil-kampanja.

> Hi wkoll kienet tkun tixtieq tagħmel bħalu. Bil-bastun f'idha tħossha ikbar u tixbah aktar lin-nannu, iżda l-wegħda li jsellifha tiegħu jekk tegħja timxi, flimkien ma' l-alternattiva li kien dejjem lest joffrilha, li tistrieħ bilqiegħda ma' l-iċken sinjal ta' għeja, kienu jnissuha x-xewqa li qatt ma ġiet mitmuma. (Kap 1)

messaġġi universali, tirradja tifsir 'l hemm mill-qoxra superfiċjali. Tobrox l-iskorċa u ssib valuri li jgħoddu għall-qagħda umana.

[8] Aktar 'il quddiem se nispjega kif dan iseħħ stilistikament.

Ma jagħtihulhiex u hi tkompli tisimgħu u tammirah. Simbolikament in-nannu jridha tiddependi fuq ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħha.[9] Qed irawwimha biex tkun awtonoma bħala bniedma. Ikollha ħila toqgħod fuq riġlejha u tfendi għal rasha. Mela f'din ix-xena, għalkemm inħossu li qegħdin nosservaw fatt reali, nilmħu s-simboliżmu li għandu jdaħħalna fl-atmosfera psikoloġika ta' Nada. Dan il-valur simboliku fir-rumanz jibqa' jitmexxa b'konsistenza f'mumenti ;oħra li jżidu mal-ħaxu psikoloġiku. Pero', ta' min jgħid ukoll li d-dettalji taċ-ċirkustanzi (bħall-ġebla li joqgħod bilqiegħda fuqha n-nannu) huma essenzjali għax jippartikolarizzaw l-esperjenza u jikkontribwixxu għall-verisimilitduni. Jiġifieri, ir-realta' fittizzja tinsab mgħammra sew b'tagħrif partikolari marbut ma' xi waqt li jrid iġagħalna nkunu parteċipanti jew osservaturi tal-ġrajja.

L-illużjoni tar-realta' hija marbuta wkoll mal-kredibilita' tal-ġrajja li titqies bħala realta' li tista' sseħħ. U la tista' sseħħ, titwemmen. Titwemmen għax l-istħajjil jitrikkeb fuq il-verisimilitudni. Il-każ ta' l-ittra lin-nannu mejjet — għalkemm qed jikser il-liġi li tgħid li l-lingwa miktuba f'ittra għandha tkun indirizzata lill-bniedem ħaj — huwa każ ta' estensjoni konvinċenti tar-realta'. In-nannu għadu "ħaj" fil-psikoloġija ta' Nada, huwa parti minnha. Għadu "ħaj" għax hi għandha ħafna minnu. L-istil mentali tiegħu ntiret. Huwa privileġġ tar-rumanz psikoloġiku, li jillokalizza l-azzjoni fil-moħħ, li jibqa' relattivament kredibbli, minkejja xi ksur tar-regoli naturali li nkunu midħla tagħhom.

Realta' li tista' sseħħ fil-moħħ — dan li tagħtina Balzan. U tagħtihielna din ir-realta' mingħajr ma xxekkilha bl-inkredibilita'. Tant li dan il-każ huwa l-unika każ ta' transgressjoni mir-realta' familjari. Iddaħħal il-kumbinazzjoni (ta' kif nada ssib lil missierha u 'l oħtha) imma din ukoll hija parti mill-ħajja u m'hijiex transgressjoni mir-realta' familjari, għax il-konsistenza għall-awtriċi hija importanti għall-kredibilita'. Ir-realta' li mhix familjari (l-ittra lill-mejjet) tobdi r-regoli tagħha stess u ma tesaġerax, u b'hekk tiġi kredibbli.

It-tlaqqiegħ tal-verisimilitudni u l-kredibilita' huwa parti mill-kuntratt letterarju li semmejt fil-bidu. L-awtriċi qed tagħmel dan il-kuntratt ta'

---

[9] Nistgħu ngħidu wkoll li n-nannu qiegħed irawwimha fil-ħsieb. Timmaġina aktar, bla ma jħalliha ġġarrab.

awtentiċita'. [10] U jirnexxilha għax tpoġġi dak li mhux familjari fuq sfond kredibbli. Tiddefamiljarizza wkoll azzjoni komuni bħalma hi l-kitba ta' ittra. Bid-defamiljarizzazzjoni twaqqgħalna dak li nkunu qegħdin nistennew u meta f'nofs ir-rumanz insiru nafu li n-nannu miet b'attakk tal-qalb nirrealizzaw li dak li konna qegħdin nistennew (jiġifieri, għallinqas li n-nannu jaqra r-rakkont u, forsi, jagħti xi forma ta' kumment) ġie vjolentat, imma ġabar sinifikat speċjali għax l-affari sħiħa tidher aktar awtentika. Is-sens komun jgħix ma' l-assurdita' biex toħroġ l-interpretazzjoni ironika li aħna lkoll ta' nisel wieħed.

Importanti wkoll għal dan kollu huwa l-fatt li Nada n-narratriċi hija omnixjenti. U hija omnixjenti biex tkun fil-liberta' li twettaq il-ħidma ta' tiftix psikoloġiku. Dan huwa marbut mal-kunċett tar-rumanz.

[10] Nerġa' ntenni li hawnhekk m'iniex nimplika li rumanz bilfors irid ikollu rabtiet realistiċi. Jista' jkun hemm rumanz li jkun anti-reali jew ma jkollu xejn realistiku. Imma billi, sa fajn naf jien, ir-rumanz Malti dejjem żamm rabtiet sodi mar-realta', hawnhekk qiegħed nikkonsidra l-aspett tar-realiżmu bħala ingredjent ewlieni tar-rumanz Malti.

**POSSIBILTA' UMANA**

Għalhekk, issa nerġgħu mmorru lura għall-mistoqsija tal-bidu: xi jfisser rumanz għal min kitbu?

Fil-każ ta' Rena Balzan ir-rumanz huwa esperjenza ta' tiftix. Anzi huwa lingwa radikali li fil-proċess ta' l-istħajjil tgħarrex fil-fond tal-konxju u tal-psikoloġija ħalli żżid ma' l-għarfien u l-perċezzjoni tar-realta'. Huwa għamla serja ta' investigazzjoni umana. U r-rumanziera tivvinta possibiltajiet ġo univers li jsib ismijiet xierqa għall-esperjenzi li jħaddan. Fi kliem Milan Kundera, f'*The Unbearable Lightness of Being* (1984),

> The novel is not the author's confession; it is an investigation of human life in the trap the world has become.

Il-karattri huma possibiltajiet li qatt ma twettqu għajr fl-istħajjil. Hekk hi Nada f'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed*: possibilta' bla twettiq. Titwieled minn sitwazzjoni ta' possibilta' umana biex toffri għamla ta' soluzzjoni: tarbija mitluqa mill-ġenituri, miġbura min-nanniet fl-għożża u fl-imħabba (sitwazzjoni), ma tasal qatt meta tikber lanqas wara s-sejba tal-verita' biex tiċħad lill-ġenituri minħabba li l-esperiment ta' mħabba tan-nanniet (soluzzjoni) kien irnexxa. Hija realta' mhix mitmuma, u l-ittra indirizzata lin-nannu tenfasizza n-nuqqas ta' finalita'. Ittra minnha nfisha titlob tweġiba jew xi forma ta' għarfien li qatt ma jasal għax ir-rumanz jispiċċa. Jispiċċa bil-kliem ta' Nada li tħalli f'idejn iż-żmien biex jagħtiha r-risposta ta' ħajjitha. B'hekk m'hemm ebda finalita', imma Nada dejjem tibqa' n-neputija ta' nannuha bil-wirt psikoloġiku tagħha li fuqu trid tibni l-futur għax "Il-qadim ma jitħallatx mal-ġdid" (Kap 1).

F'Rena Balzan m'hemmx stampa komprensiva tas-soċjeta', imma attitudni personali għax tindirizza mhux lill-bniedem sħiħ imma lill-parti minnu. Lis-sensibilta' tiegħu. Twassal għarfien femminili. Il-fruntiera tal-jien ta' Nada hija l-perċezzjoni. Balzan tagħtiha perċezzjoni bħal ta' nannuha. Nifhmu lil nannuha, nifhmu lilha.

Nada hija s-suġġett konxju, is-suġġett ħassiebi tar-rumanz. Għandha l-kontroll tagħha nnifisha għax iddakkret min-nannu u rawmet il-*cogito* individwali tagħha b'ideoloġija bbażata fuq nisel il-familja bħala l-essenza ta' l-identita'. Minħabba l-għarfien tagħha, timtela b'diskors kumpless u bħala suġġett issir is-sit jew il-lok tar-rumanz. Kollox jitwettaq fiha: ċaħdiet, firdiet,

imħabbiet, sejbiet. Fil-kultura tar-rumanz l-identita' personali titfaċċa mir-relazzjonijiet differenti li jkollha ma' ħaddieħor. *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* huwa interpellanza għax issir interruzzjoni fil-protagonista biex tagħraf lilha nnifisha. Nada, fl-individwalita' tagħha, trattab qalbha aktar minn nannuha — hawn isseħħ il-ħelsien assoluta tagħha. Issib is-sabar biex "tbejjet il-maħfra flok il-mibegħda" (Kap 10) u meta Karl (li fl-aħħar ma baqax "Karl" imma biss "il-pittur" għaliha) qalilha li hu kien missierha, twarrbu f'moħħha għax il-veru missier għaliha kien in-nannu, imma fl-istess waqt ma tridx tweġġgħu lil Karl "u ma ssibhiex bi tqila li timxi għal xejret ħabib li ħabb lil ommha u li fil-preżent jeħtieġ l-għajnuna tagħha." (Kap 12). Hawnhekk jinstema' l-eku tad-diskors tal-ftuħ ta' nannuha:

> Il-ġejjieni tiegħek jinbena fuq il-preżent li xi darba, żmien ilu, kien jista' jingħadd bil-ġejjieni tiegħi; iżda jiena u int m'għandniex nitkejlu mal-ġejjieni limitat ta' għada. It-tiġdid jinkiseb bil-għajxien tal-preżent fil-ftuħ ta' ġejjieni bla orizzonti. (Kap 1)

Ix-xefaq dejjem joffri possibiltajiet oħra u l-għarfien ta' dawk il-possibiltajiet iwassal l-indipendenza individwali.

Balzan tiżviluppa relazzjonijiet sħaħ u varjati f'nisġa kumplessa ta' ħsibijiet, fehmiet, u għemejjel li jikxfu stili mentali differenti biex iwettqu dejjem it-tema ewlenija tal-kisba jew l-għarfien ta' l-identita' marbuta man-nisel. Minħabba f'hekk, il-proża narrattiva tar-rumanz hija psiko-filosofika bl-iskop li tikxef il-ħsieb tal-karattri ewlenin. Ir-rumanziera tippreżentalna għalhekk kitba soġġettiva, evokattiva, u riflettiva li tinqeda ħafna bit-teknika letterarja tal-ħsieb indirett ħieles — metodu ta' espressjoni konvenjenti għall-monologi interni. B'hekk il-proża titgħabba b'livelli semantiċi li huma suġġestivi ħafna (fis-sens li jqanqlu l-ideat fil-moħħ). Ir-ritmu serju ta' kliem in-nannu jwassal it-tensjonijiet psiko-filosofiċi tar-rumanz. Għax in-nannu huwa sensittiv ħafna għaċ-ċaqliqiet ta' ruħ bintu u n-neputija tiegħu, u tant għandu effett li l-filsosofija tiegħu titwaħħad mal-psikoloġija ta' Nada (u kultant anki ma' ta' Erica) sabiex tiddeterminalha ħsibijietha mingħajr ma tnaqqsilha mill-ħelsien ta' ruħha:

> Li kieku kellha terġa' tibda tgħix mill-ġdid, din id-darba bil-għażla ta' missier f'idejha, Nada kienet tagħżel mingħajr tlaqliq lin-nannu mhux lill-pittur. (Kap 12)

Ir-relazzjoni Nada-nannu hija qawwija u intima. Ix-xiħ kien perċettiv: "In-nannu kien jaf jara l-affarijiet u żball ma jirrepetihx apposta." (Kap 12) U t-

tifla tgħallmet tkun bħalu għalhekk toqgħod attenta ħafna x'relazzjonijiet taqbad. Tħossha grata ħafna lejn nannuha: "Jiena u hu naqblu ħafna u dak li rnexxieli nikseb s'issa fil-ħajja, nafu l-aktar lilu." (Kap 12) Min-naħa tiegħu, in-nannu qatt ma ċaħad ir-responsabilta' li assuma ta' missier, lanqas wara mewtu għax il-valuri tiegħu ntirtu bil-għaqal u minħabba l-għaqal li ħaddem f'ħajtu.

**TĦABBAT IL-QALB**

In-nisġa tal-ġrajja tiġri minn relazzjoni għal oħra u r-rumanz joħloq esperjenza ta' tidwir fil-moħħ. Il-qarrej jogħdos fl-azzjoni tal-moħħ u l-monologi interni jiddominaw biex jippreżentaw perspettivi differenti li jonsbu lill-individwu u jitfgħuh fin-nassa tas-solitudni. U l-individwu, bħal Nada tagħmel għażliet mingħajr kompromessi. Id-direzzjoni li taqbad m'hix it-triq tan-nofs, imma hija l-attitudni ta' "jew kollox jew xejn" (Kap 8) li twarrabha mill-maħbub tagħha u tqarribha lejn il-verita' dwar niesha.

Il-vakwu fl-identita' jrid jimtela biex ix-xbieha ta' ommha tagħmel aktar sens u tinġarr fil-qrib mill-moħħ ħa jidderieġi t-tmun lejn tamiet ġodda. Fis-sejbien ta' l-identita', fl-għarfien ta' nisilha Nada ssaħħaħ l-istabilita' li newlilha nannuha. U r-rumanz jisħaq fuq l-importanza tal-qalb: il-qalb li tħabbat biex tħobb u l-qalb li tħabbat biex tgħix. Meta tħabbat biex tħobb il-qalb tikxef il-filosofija u l-psikoloġija tan-nannu, u Nada tilmaħ il-ġmiel tiegħu u ġġorru magħha tul ħajjitha, bħal marka ta' twelid. U meta tħabbat biex tgħix il-qalb issib veritajiet li trid taċċetta.

Fl-għarfien tan-nisel tiegħu l-individwu ma jitmermirx b'faqar psikoloġiku u tonqos l-inevitabilita' li jkun hemm sens ta' nuqqas ta' sodisfazzjon. Fl-għarfien Nada ssib il-ħelsien, mhux l-awtorita', għax l-identita' individwali tagħha tiġi kwistjoni ta' għażla diffiċli li tiddetermina l-jien tagħha.

F'Nada tidher ħila kbira ta' mħabba. Ma tintebaħx li l-imħabba għal xi ħadd (bħal Claud u Maris) tkun bdiet, imma f'daqqa waħda tinduna biha, tinduna li tkun hemm. Ma tesprimihiex b'ħafna storbju (bħalma tagħmel Maris) għax dan għaliha qisu meta wieħed jonxor il-ħwejjeġ ta' taħt fuq il-bejt biex jarahom kulħadd. L-imħabba tħalliha f'postha, tħalliha tinfiltralha ħajjitha. Tħalliha privata.

Rena Balzan tagħtina dehra drammatika ta' l-individwu bir-rieda solitarja tiegħu. L-individwu hawnhekk huwa femminili (i.e. Nada) għax Balzan

il-psikoloġija femminili taf tippreżenta l-aktar. Bla tqanżiħ, għal raġunijiet ovvji. Nada hija ħielsa għax kapaċi tgħodd sa l-għaxra, kapaċi ssib l-għerf li teħtieġ. Hija razzjonali u responsabbli għal kulma taħseb u tagħżel. Matura għax twemminha jidher f'għemilha. U l-qarrej jitħasseb: kemm minn Nada huwa n-nannu? Jekk aħna lkoll ta' nisel wieħed, aħna l-prodott ta' dawk ta' qabilna? Jekk iva, allura l-preżent (jiġifieri, aħna) huwa gaġġa mibnija mill-passat (jiġifieri, min-nanniet tagħna)? X'sehem għandu l-feles tal-ġenituri? Tilqit psikoloġiku: dan hu l-bniedem?! U *ż-żmien*, x'inhu *ż-żmien*? Bħal *chewing gum*: aktar ma tomogħdu (jew tħaddmu) aktar se ssibu jiġġebbed? Fis-soluzzjoni tagħha Balzan tagħti ħjiel ta' tweġiba fid-dinja mistħajla tagħha. L-imħabba li titferra' fuq iż-żgħar issejjes il-maturita' biex meta jikbru jitwettqu fil-ħelsien.

> Fejn tikkommetti ruħha kollha kemm hi mingħajr riżervi, il-ħlas li titlob irid ikun is-sodisfazzjon aħħari li għax iwettaq l-eżistenza tagħha, ma jintemmx fix-xejn. (Kap 8)

Din hija l-attitudni ta' Nada, attitudni mtaqqla bil-ħsieb ħieles.[11]

Għax il-ħelsien huwa relattiv: jiddependi fuq l-għaġna tal-personalita'. Din l-attitudni ħierġa mill-ħsieb indirett ta' Nada tidwi bir-ritmu ta' leħen nannuha. Possibilta' umana bla twettiq, ħlief fl-istħajjil.

[11] Dan il-ħsieb ħieles, fit-taqsima ta' wara, narawh ukoll fl-istil.

**KARATTERIZZAZZJONI**

Għalkemm wieħed jista' jħaqqaqha fuq x'inhuma l-aspetti tar-realiżmu, bosta huma dawk li jaqblu li l-aktar komponent importanti ta' rumanz huwa r-rappreżentazzjoni tal-karattru. Forom narrattivi oħra jistgħu jirrakkontaw storja tajjeb ħafna, imma xejn (lanqas film [12]) ma jista' jwassal il-karatterizzazzjoni aħjar mir-rumanz. It-tradizzjoni qawwija tar-rumanz Ewropew, fir-rikkezza u l-varjeta' tagħha, tipprovdi approfondiment psikoloġiku tan-natura umana. Pero', meta niġu biex niddiskutu l-karatterizzazzjoni f'termini tekniċi, insibuha bi tqilha x'aktarx minħabba li hemm tipi differenti ta' karattri u bosta modi differenti kif tirrappreżentahom: insibu karattri ewlenin u karattri sekondarji; karattri żviluppati u karattri stereotipi; karattri magħġunin minn ġewwa moħħhom u karattri mlibbsin sura minn barra biss. Bosta drabi s-suċċess ta' rumanz jiddependi fuq kemm il-karattri ewlenin ikunu ssawru tajjeb. Imma xi tkun karatterizzazzjoni tajba? Diffiċli li tgħid. Nistgħu, minflok, nuru d-differenza bejn il-karatterizzazzjoni f'tipi differenti ta' rumanzi.

Nieħdu rumanz storiku biex inqabbluh mar-rumanz psikoloġiku tagħna u hekk il-kuntrast ikun qawwi ħafna. F'*San Ġwann* (1939) Ġuże' Galea (1901-1978) jintroduċi lil Mariroż Attard bl-aktar metodu sempliċi u bl-eqdem metodu li għandna fil-proża narrattiva: jiġifieri, il-metodu li jagħti deskrizzjoni fiżika b'xi tiżwiq bijografiku.

> Kienu għaddew fuq is-sentejn minn dak il-lejl maqdur meta l-Kanonku Abela sab lil bint Fantin Attard u ġabarha miegħu. F'dak iż-żmien fost l-imħabba u l-għożża ta' Dun naz u oħtu, Mariroż, minn tifla ta' sittax-il sena, kibret u sseddqet fi xbejba ta' tmintax, ta' ġmiel li jsaħħar bħal warda li tinfetaħ F'April. Dak wiċċha s-sabiħ kien mera ta' qalbha rżina u fi xfar għajnejha kienet tiddi l-indafa ta' ruħha: hi kienet xbejba li tiġbdek bi tjubitha u tisirqek bi ġmielha, u Vitor minn dak in-nhar li mar ma' ħabibu għand Dun Naz, malli raha, minnufih intilef għal warajha.[13]

Din id-deskrizzjoni kienet magħmula għal żmien u kultura aktar kalmi minn tagħna. L-għajn kellha s-sabar tħares u tifli u titpaxxa, mingħajr ma taħseb fil-fond. Il-gost kien fl-istorja u allura l-impressjoni fuq il-karattru lkien biżżejjed.

---

[12] Napprezzaw fil-kitba sentenza bħal "il-ħsieb imwieżen bis-skiet jieħu qagħda prominenti"; nifhmu l-implikazzjonijiet tagħha u nimmaġinaw ir-ritmi li jwasslu t-tifsir. Imma fuq l-iskrin din is-sentenza ma tistax iġġibha, għallinqas bil-metafora tagħha.

[13] GALEA, Ġ., *San Ġwann* (Edizzjoni *Il-Ħajja*, 1970), p.44.

Pero' fil-każ ta' Rena Balzan bħala rumanziera moderna, il-gost qiegħed fil-ġrajja mentali. L-introduzzjoni ta' Erica hija mod ieħor:

> "Ommok ma kinetx bħalek. Għalkemm intelliġenti u tifhem mill-ewwel dak li tisma', ma kellhiex sabar tisma'. Erica ma kinetx taf tagħti widen anqas għall-ilħna mżewqa tan-natura, li jitwaħħdu ma' l-isfond sieket mimsus ħafif minnhom. Aktar ma' ż-żmien jgħaddi aktar isir diffiċli li wieħed jisma', bħalna t-tnejn, l-ilħna tan-natura. Il-bniedem għad ikollu jerġa' jibda mill-ġdid. Mhux faċli jwettaq ħajtu mingħajr l-eliżir tal-ħajja." (Kap 1)

Balzan tippreferi tħalli l-fatti dwar il-karattru joħorġu wieħed wieħed waħidhom mill-għemil, mid-diskors, jew mill-proċess tal-ħsieb. Il-bini tal-karattru mhux mogħti f'daqqa, trid tlaqqtu minn diversi mumenti. Nifhmu wkoll li kull deskrizzjoni fil-letteratura hija silettiva, x'aktarx ibbażata fuq is-sineddoki fejn il-parti ta' ħaġa twassal il-ħaġa sħiħa. Kemm Galea u kif ukoll Balzan jiffokaw fuq aspetti tal-karattru imma jħallu l-wisgħa għall-immaġinazzjoni tal-qarrej. Wiċċ Mariroż huwa "sabih", jgħidilna l-awtur, imma kif inhu sabiħ ma jgħidilniex. Nimmaġinaw aħna skond il-gosti tagħna. Jekk irridu nistħajluha b'imnieħer żgħir, nistħajluha b'imnieħer żgħir;  u jekk irridu npinġuha b'imnieħer mislut, ħadd m'hu sidna. L-importanti għar-rumanzier li nlaqqgħu l-idea tas-sbuħija fiżika ma' "l-indafa ta' ruħha" (jiġifieri, mas-sbuħija spiritwali). Mill-banda l-oħra, għal Balzan importanti li fl-introduzzjoni ta' Erica nagħrfuha b'intelliġenti imma wkoll b'waħda li m'għandhiex sabar tisma' l-pariri ta' ħaddieħor. Diġa hawn il-penetrazzjoni tal-moħħ. Il-ġenerazzjoni ta' Galea kellha l-kamera tar-ritratti u l-ġenerazzjoni ta' Balzan hija midħla sew taċ-ċinema. F'wieħed hemm l-influwenza tal-kamera:  figura statika donnha Mariroż qiegħda tippoża għal xi pittura verbali. Fl-oħra hemm l-influwenza tat-tokis:  hemm il-ħsejjes u hemm l-azzjoni; u hekk nibqgħu narawha 'l Erica: tgħarbel id-diskors ta' moħħha u tieħu deċiżjonijiet minn rajha.

Dawn l-elementi tal-karattru huma essenzjali meta niġu għar-relazzjonijiet Erica-missierha u Erica-Karl. Nibdew bl-ewwel relazzjoni.

Erica u missierha ma jaqblux għax hi qiegħda poġġuta ma' raġel li diġa falla fiż-żwieġ. Hemm gwerra bierda bejniethom, u l-missier jassumi skiet assolut. Għalih is-skiet jassumi dimensjoni psikoloġika:  huwa essenzjali biex iwieżen il-ħsieb. Imma s-skiet trid is-sabar għalih u għalhekk huwa marbut ma' l-imgħoddi u man-natura. Fil-preżent "is-skiet tilef ħafna mis-sinifikat tiegħu" (Kap 1) u l-ambjent "irid jitlaħlaħ bis-skiet" (Kap 1) li ;jwassal għal riflessjoni

fuq ir-realta'. U għal għarfien li l-pessimiżmu huwa tellief. F'kelma waħda, is-skiet huwa l-mument li l-bniedem modern jeħtieġ biex joqgħod jaħseb fuq ħajtu.

> Il-bniedem donnu qiegħed isir jibża' mill-ħemda tas-sikta u jekk jitlifha għal kollox, ikollu jerġa' jibda mil-ġdid. (Kap1)

Għax is-skiet iwassal għall-perfezzjoni.

> "Il-bniedem jista' jkun qawwi u dgħajjef fl-istess waqt. Kemm-il darba fil-milja tal-qawwa tiegħu jipprova jinbex u jġarrab lilu nnifsu biex ikun jista' jkejjel il-grad ta' dgħufija li ma tistax tiġi miċħuda minnu. Il-pretensjonijiet tiegħu huma kbar wisq. Li kieku kellu jifhem is-skiet u jwettqu mqar f'biċċa mdaqqsa minn ħajtu, kieku kien jagħraf il-limitazzjonijiet tiegħu u l-ambizzjoni mnissla fih kienet tiswa biss għat-tisħiħ ta' l-ispeċi umana f'kull qasam tal-ħajja. Kieku wkoll kien jindehes aktar ma' l-ambjent ta' madwaru qabel ma jisfugurah biex ikun jista' jesibixxi s-setgħa li għandu u jikkonferma l-eżistenza tiegħu miegħu nnifsu. Il-bniedem ma kienx iħoss ruħu barrani f'daru. Inti ma tafx x'jiġifieri li wieħed iħossu barrani f'daru. Il-kenn familjari tas-soltu jinbidel f'morsa li toħnoq u s-sħana ġewwiena tgħakkar minflok li tifdi. L-arja li qabel, għax nadifa, kienet tmelles u ttuq il-pulmuni tibda tinħass tqila u mdewda u bil-pressjoni miżjuda tagħha tipprova tħaxken iċ-ċelluli delikati magħhom infushom. F'dan l-istat, it-tentazzjoni li l-bniedem jinża' mill-għata li ssawwar miegħu toktor, bir-riskju li jisfa' għeri aktar minn qatt qabel. Il-qawwa tibqa' attribut ewlieni tal-karattru tiegħu daqs id-dgħufija, iżda mhux faċli li l-bniedem jerġa' jibda kollox mill-ġdid. Ikun jaqbillu jekk fil-milja tal-qawwa tiegħu ma jfittixx li jittanta lilu nnifsu. Is-skiet inewwel il-lqugħ li hu ħafna aktar fiż-żgur mill-fejqan."  (Kap1)

In-nannu kien perfezzjonista imma Erica ma kinetx tisma' t-twiddib tiegħu biex ma titlifx il-kwalitajiet umani tagħha. U qabdet triq oħra minn dik ta' missierha. Għalhekk ikklaxxjaw.  Erica sabet valuri differenti minn tiegħu. Imbagħad hu, fil-funzjoni tiegħu ta' nannu-missier, rawwem lin-neputija fil-perfezzjoni.  Dak li xtaq jagħti 'l bintu tah lin-neputija. Wettaq l-esperiment ta' l-imħabba f'Nada. U Erica, minkejja li fiżikament kienet telqitu lil missierha, f'ħajjitha baqgħet iġġorru magħha psikoloġikament għax spiss tiftakar f'dak li kien jgħidilha. F'moħħha, kliem missierha jitla' fil-wiċċ. Spiss jidwi f'moħħha b'mod applikabbli għaċ-ċirkustanzi li tkun qiegħda fihom.

L-espressjoni ta' "Belha!", li lissen wara li qara l-ittra ta' Erica 'l ommha, tiġbor dan kollu. Imma fl-aħħar kienet ittra oħra li waddbitu fil-qabar:  l-ittra bl-

aħbar tal-mewt ta' bintu.[14] Kienet belha imma kien jgħożżha f'qalbu, u qalbu nqasmet mal-mewt tagħha. Il-perfezzjonista li jaf iħobb ma felaħx it-toqol tal-firda għal dejjem. L-imħabba fih kienet ġenwina. U hekk kienet f'Erica wkoll.

Fir-relazzjoni tagħha ma' Karl din il-ġenwinita' ħarġet. Erica xtaqet tiżżewweġ, xtaqet ikollha l-familja normali tagħha. Imma Karl ma riedx. Ir-relazzjoni Erica-Karl tfaqqset f'mument ta' kriżi għat-tnejn li huma:  Erica bdiet tħoss id-distanza bejnha u bejn missierha toħnoqha, u Karl ħassu jifga fix-xibka ta' mħabbet martu. It-tnejn infirdu minn ma' qrabathom biex itajru x-xkiel u jfittxu l-ħelsien. Ironikament iltaqgħu permezz ta' l-arti, simbolu tal-ħelsien li xorta xxekklilhom ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Iltaqgħu fl-Għaqda ta' l-Imqanqlin. Hu ried jaħrab mis-solitudni, u hi riedet taħrab mill-monotonija. Għarfu li t-tnejn kellhom bżonn lil xulxin. Għalih Erica kienet l-aktar tfajla "li taf titkellem għax taf taħseb" (Kap 2) u hi stmatlu t-talent artistiku tiegħu. Reġgħet nisslitlu l-fiduċja fih innifsu.

> Erica bdiet tinħass qrib sew ta' l-eżistenza tiegħu. It-tbissima tagħha ġġagħlu jsib lilu nnifsu u tagħtih il-qawwa biex jittanta jirbaħ l-għelt li kien issawwar madwaru. (Kap 2)

---

[14] Rena Balzan f'dan ir-rumanz qiegħda tesperimenta bl-effetti ta' l-ittra fin-narrazzjoni tagħha.

## Xibka ta' Relazzjonijiet

In-nisġa tal-ġrajja tiġri minn relazzjoni għal oħra u n-narrazzjoni ddaħħalna minn moħħ għal ieħor. In-nannu u Nada; Erica u n-nannu; it-twaħħid ta' nada ma' Erica fin-narrazzjoni; Erica u Karl; Karl u martu; Karl u l-Għaqda; Erica u l-Għaqda. Ir-rumanz jeħtieġ din ix-xibka ta' relazzjonijiet biex ifaqqas l-imħabba ta' bejn Karl u Erica li tiddetermina aspett moħbi mill-karattru ta' Nada. Dan it-tfaqqis ta' l-imħabba jseħħ fuq livell intellettwali u minħabba ħtieġa emozzjonali.

Jekk nerġgħu lura għal Ġuże' Galea naraw it-tfaqqis ta' l-imħabba jseħħ mill-bogħod:

> Kos min jista' jifhem qalb il-bniedem! Ma' l-ewwel darba li Mariroż u Vitor xeħtu għajnejhom fuq xulxin, ħassew tferfira ta' hena tiġri f'demmhom, qlubhom xegħlu bin-nar ta' l-imħabba, u rwieħhom taru għal xulxin; fl-istess ħin huma ħassew li kienu maħluqin għal flimkien u ma setgħux jgħixu mifrudin minn xulxin.[15]

Imħabba sempliċi, iddestinata. U jiġri x'jiġri Mariroż u Vitor kienu se jilħqu l-oħla hena ta' ħajjithom flinkien. F'Rena Balzan l-imħabba tidher tiżviluppa, mhux isseħħ f'daqqa b'ħarsa. Isseħħ bil-fehim ta' xulxin: hu jifhem lilha, u hi lilu. Fuq kollox, ma kellhiex regolamenti din l-imħabba:

> L-imħabba li kellha lejh kienet għażiża wisq għaliha u kien faċli temmen li ħajjitha setgħet titwettaq biss bil-preżenza sħiħa tiegħu. Fis-soċjeta' li jgħixu fiha, Karl ma kellux għalfejn iħossu mxekkel minn ħafna dmirijiet lejha. Iħobbha għax irid u kemm irid mingħajr l-esiġenza li mħabbtu tieħu bixra dejjiema. (Kap 3)

Imma xorta, din lir-relazzjoni twassal għal nuqqas ta' qbil: hi trid tiżżewweġ, hu ma jridx; hi trid tarbija, hu ma jridx.

Il-karatterizzazzjoni ta' Karl tiddependi fuq l-idea fundamentali tiegħu ta' l-arti bħala mezz li jippentra fil-fond tar-ruħ umana għax l-arti jridha għall-ħelsien ta' ruħu. Erica mal-ewwel fehmitha din:

> "Id-disinji tiegħek jidhru oriġinali għall-aħħar. Iħalluk tistenna xi ħaġa li trid tinħoloq bilfors fl-istħajjil ta' min jipprova jifhem il-ħsieb

[15] Galea (1970), op.cit., p.44-45.

minsuġ magħhom. Jien nistma kull sfida li ssinn il-moħħ u ma tħallihx jiġġammja bl-istess ħsbijiet li jkollu ġo fih. Fl-opinjoni tiegħi, il-veru arti, filwaqt li tikxef bil-mod il-mod il-ġmiel mistur b'għożża fl-ispirtu tan-natura, tkebbes il-kilba għall-perfezzjoni f'dak kollu li jibqa' sabiħ meta magħġun mar-realta'." (Kap 2)

L-aħħar sentenza ta' din is-silta hija wkoll id-definizzjoni li Rena Balzan tagħti ta' l-arti: hija definizzjoni kruċjali għat-tema tar-rumanz għax il-pittura ta' Erica taħtaf dan il-ġmiel mistur. Meta pinġieha lil Erica, Karl ħatfilha ruħha u f'din il-ħatfa baqgħet tgħix l-imħabba tiegħu għal Erica sa l-aħħar.

Aktar mix-xbieha stess ta' wiċċha, il-ħsieb meħlus mill-materja jinħass jimla l-kwadru bl-ambigwita' ta' l-espressjoni milquta mill-kixfa ġdida ta' l-għarfien ta' l-eżistenza. Waqt li erica lkienet tkun tippoża bħala mudella, qatt ma basret li l-effett tagħha fuq il-ħidma ta' Karl kellu jkun daqshekk sinifikattiv. Hi kienet stenniet biss kopja ;identika ta' wiċċha mhux id-dehra ta' ruħ lesta biex tikseb il-ħelsien li għadu jista' jiġi mittiefes. (Kap 5)

Fl-aħħar, dan l-ispirtu maħtuf fil-pittura laqat ukoll lil Nada:

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn il-kwadru tal-pittur ma kienx jidher xi biċċa xogħol speċjali. Kienet rat ħafna deskrizzjonijiet ta' wċuħ fil-pittura u waħedha sawret l-idea li x'aktarx ebda tpinġija oħra ta' din ix-xorta ma timpressjonaha iżjed bl-oriġinalita' tagħha. Iżda aktar ma ttissat tħares lejn il-kwadru, aktar bdiet issib x'jolqotha fih. L-għajnejn suwed u kbar kienu l-qofol tax-xbieha li kellha quddiemha. Il-bqija tal-wiċċ, għad illi b'fattizzi ċari, bħal jinħeba fid-dell tagħhom. L-espressjoni ġewwiena li qisha ġiet mikxufa apposta fil-beraħ mill-pittur biex jissokta jistudjaha bil-kumdita' tiegħu, kienet xi ħaġa ta' l-għaġeb. Tgħid il-mara sfat daqshekk disposta li terħi l-ispirtu tagħha f'idejh, jew kollox kien frott ta' l-immaġinazzjoni tiegħu? Kien hemm xi ħaġa familjari fil-pittura li lil Nada bdiet tħawwadha. Imma hi qatt ma kienet rat dik il-pittura qabel. Bħal tkexkixa ġriet ma' ġisimha kollu. (Kap 10)

Ma' dan nitgħallmu li Karl huwa artist li ma jaħdimx għall-flus imma għas-sodisfazzjoni artistika tiegħu: għall-attwalizzazzjoni tal-jien tiegħu. Għalih il-valur ta' l-arti huwa marbut mas-sodisfazzjon tal-jien; filwaqt li għaliha l-valur ta' l-arti huwa marbut mal-flus. U Erica tieħu azzjoni minn rajha fuq il-pittura mingħajr ma tikkonsultah; hu jeħodha bi kbira.

Il-bejgħ tal-kwadru jwassal għall-firda, għax dak il-bejgħ għalih huwa ekwivalenti għal meta bniedem ibiegħ ruħu. Ir-relazzjoni titfarrak u Erica tinxteħet f'bir ta' solitudni. Huwa raġel ieħor li joħroġha kemxejn minn dak il-

bir:  Arnold li jasal jikkonvinċiha biex tiżżewġu. Bil-kundizzjoni li twarrab lil bintha (Nada).

U Nada tikber fl-esperiment ta' l-imħabba ta' nannietha. Issir studenta universitarja tal-matematika b'interess speċjali fil-psikoloġija tat-tfal. Fil-maturita' tagħha Nada trabbi indipendenza emozzjonali u intellettwali, kaġun tat-trawwim li taha nannuha. Tivvjaġġa f'belt oħra biex tkompli tistudja u tidħol f'relazzjonijiet oħra:  ma' Claud, ma' Maris, u mal-pittur (missierha). Il-vjaġġ huwa simboliku tat-tiftixa għall-identita':  ma' Claud tasserixxi l-indipendenza tagħha u mat-tnejn l-oħra tiskopri aktar fergħat tal-familja tagħha. Kollox ma' kollox, ir-rumanz jagħti dehra qawwija ta' rabtiet umani. Rabtiet li ma jafu b'ebda fruntieri soċjali jew nazzjonali. L-arti u l-ħajja jidħlu flimkien fl-umanita'. U l-qofol ta' dan kollu huwa l-pittura ta' wiċċ Erica. Pittura li timmortalizza 'l ruħ Erica, u tasal biex tkunb l-element ewlieni li jagħti s-sħuħija tal-jien ta' nada. Il-pittura tikkonkludi u tagħlaq il-maturita' tat-tifla.

**OSSESSJONI**

Rena Balzan tistenna li jkollha udjenza silettiva, qarrejja li għandhom is-sabar jifhmuha. tinqeda bir-rumanz biex tesplora mhux tesponi. U tasal għal sens ta' ħajja permezz tal-ġrajja li tikteb. L-interess tagħha huwa fil-kredibilita' u fil-mottivi li jagħmlu sens. Minħabba f'hekk irridu nqisuha bħala rumanziera realistika. Ir-reazzjonijiet li jidhru huma importanti għax jesibixxu l-ħajja kif inhi, fis-sura tagħha ta' kuljum.

*Ilkoll ta' Nisel Wieħed* huwa mimli psikoloġija u jisħaq l-aktar fuq il-karattru biex jagħti sens ta' dinja ġewwiena. Ir-rumanziera tiftaħ il-perċezzjoni tagħha għall-ħidma kkomplikata ta' l-umanita'. Dan twettqu bil-għajnuna tat-teknika epistolari li trdi tikxef ir-ruħ umana hi u tgħarrex għall-identita'. Il-psikloġija u l-karattru tifhimhom sew u tużahom bħala għodda għall-esplorazzjoni tagħha. Jagħtu struttura solida lir-rumanz u jimlewh b'tifsiriet.

Meta kittieb jesperimenta bir-rumanz bħala għamla ta' arti jkollu joqgħod attent li ma jmurx jitlef is-sens ta' arkitettura jew struttura tiegħu. Jekk wieħed jafda wisq fuq elementi sottili, impressjonijiet, u proċessi psikoloġiċi, jista' jfarrak l-istruttura tar-rumanz. Il-ħeġġa kreattiva għandha tkun evidenti fis-setgħa ta' invenzjoni tar-rumanzier li bħala kittieb kreattiv ikun qed joħloq xi ħaġa bil-kliem u dik ix-xi ħaġa trid tkun ippreżentata b'armonija interna. Biċċa xogħol ta' l-arti hija x'aktarx entita' li tiġbor kollox taħt saqaf wieħed u jkollha ħajja kompletament għaliha waħedha. Min joħloqha jimponilha dik il-ħajja. Jagħtiha odni interna u sura esterna, imma dik l-ordni jeħtieġ tevolvi minn ġewwa l-qafas tax-xogħol. Dan kollu jagħmel ma' l-aspetti estetiċi tar-rumanz, u minħabba l-istabilita' interna x-xogħol jispiċċa prodott uniku. Fil-każ ta' Balzan, il-kreattivita' tagħha tixref mis-sensitivita' tagħha bħala mara u tevita d-disintegrazzjoni strutturali permezz tal-ħila li għandha biex timponi l-forma fuq il-ġrajja tagħha.

Tfittex teknika strutturali ġdida f'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed*: l-użu formali ta' l-ittra bħala reġistru. L-ittra hija psikoloġika (kif diġa għedna) u tfur għal ġo n-narrazzjoni biex tikxef fil-protagonista aspetti tar-realzzjoni ma' l-antenati tagħha. Ir-rumanz epistolari huwa sejħa arkitettorali mill-mewt. L-użu tal-formalitajiet ta' l-ittra jsaħħaħ l-impressjoni ta' din is-similarita' psikoloġika. Elementi ġodda fir-rumanz Malti jagħmlu l-ġid. Il-forma, bħall-kontenut, m'hijiex tradizzjoni. Tinbidel maż-żmien. Jaslu elementi ġodda biex iqanqlu l-

interess tal-qarrej.  Imma l-forma hija essenzjali bħala l-qoxra ta' barra ta' l-armonija interna, bħala prova ta' l-ordni.

Kultant Balzan tagħmel ħafna pressjoni fuq il-qarrej li jrid jifli sew is-siltiet ewlenin tar-rumanz — kif qiegħed nagħmel jien f'dan l-istudju. Titlob udjenza magħżula li għandha l-ħila tiġbor sabar biżżejjed ħalli tkun tista' tesplora l-ħajja u ssibilha skop. It-tiftixa fir-rumanz hija ċ-ċentru ta' kollox, u kollox huwa msejjes fuq it-tiġrib uman. Huwa dan kollu f'daqqa li jagħmel lil Balzan waħda mir-rumanziera s-serji tagħna. Taħseb u tieħu ħsieb kemm tal-kontenut u kif ukoll tal-forma.

Ngħidu aħna, tinqeda bid-djalogu biex tiżviluppa xi relazzjoni jew biex telabora fuq l-essenza ta' xi attitudni li l-karattri jkollhom dwar ir-relazzjonijiet tagħhom ma' ħaddieħor. Mill-firxa konverżazzjonali li nsibu f'Kap 2 (p.11-13) naraw ir-relazzjoni ta' bejn Karl u martu tiġġebbed u tidjieq sa ma tinqata'. Imbagħad il-firxiet konverżazzjonali f'Kap 2 (p.19-20) u f'Kap 5 (p.49-54) huma aspetti progressivi ta' l-istess relazzjoni ta' bejn Karl u Erica:  il-bidu u t-tmiem. Nagħrfu mid-djalogu li din ir-relazzjoni ntemmet għax ma kienx hemm rispett xieraq tas-sentimenti ta' xulxin. Ma kinux jifhmu 'l xulxin:  hi ma fehmitx il-kunċett ta' l-arti tiegħu, u hu ma fehemx il-kunċett tal-familja tagħha. Balzan m'hijiex kittieba medjokri. fiha hemm ammont ta' sensibilita' u ta' intelliġenza u qawwa ta' invenzjoni li ma jħalluhiex tkun medjokri.

Xi wħud mill-argumenti astratti tar-rumanz ikollhom bżonn it-tieni qari u s-sentenzi ewlenin jiddaħħlu bil-għan li jġagħlu moħħ il-qarrej jitnikker biex jgħarbel. Dan huwa parti mit-talba qawwija li tagħmel ir-rumanziera fuq il-qarrejja tagħha, u għalhekk iridu jkunu silettivi.  B'eżempju nistgħu nieħdu l-paragrafu tal-ftuħ.  Jinftiehem aħjar fid-dawl tal-kuntest sħiħ tar-rumanz. Ikollna nreġġgħu lura għalih meta naslu fl-aħħar kumment ta' Nada. Huwa l-kuntest li jrid jiċċara t-tifsira sħiħa ta'

> It-tiġdid jinkiseb bil-għajxien tal-preżent fil-ftuħ ta' ġejjieni bla orizzonti.   (Kap 1)

Dan huwa n-nannu li jiftaħ bl-idea li hija bażika għar-rumanz. Fl-aħħar Nada tammetti:

> Qiegħda nsir nemmen, aħjar minn qabel, li aħna l-bnedmin ilkoll ta' nisel wieħed, imqar meta ma nifhmux lil xulxin. (Kap 13)

Ikollna ntiru lura ħa nagħqdu d-denb mar-ras, proċess ċikliku li jfakkrek f'Vico. Din l-għaqda ċiklika tenfasizza t-twemmin ta' Nada li l-bnedmin għandhom ;l-istess għeruq.

In-nannu huwa l-protagonista ewlieni tal-psikoloġija ta' Nada għax ;il-preżenza tiegħu tinħass dominanti fl-istil mentali tagħha:

> fil-memorja msenna, qiegħda titwaħħad dejjem aktar ma' tagħha. (Kap 2)

Din is-sentenza hija importanti bħalma huma importanti wkoll sentenzi bħal:

> Fil-qrib jew fil-bogħod, it-tifla tibqa' għażiża għaliha aktar minn kull persuna oħra fid-dinja... (Kap 6)

u

> Il-mewt ma twaqqafx il-ħin fil-mixja tiegħu u anqas ma tfixklu fir-ritmu mgħaġġel li qabad. (Kap 7)

Dawn huma sentenzi li jinkorporaw it-tema prinċipali tal-kontinwita' fis-siġra tal-familja.

Forsi wieħed jista' jasal jgħid li Balzan hija vittma ta' ossessjoni. Tiffissa fuq l-għafsa ta' l-eredita' tant li din l-għafsa tiddetta l-ġrajja. Nindunaw biha din l-ossessjoni minn sentenzi bħal dawk li għadna kif rajna fil-paragrafu ta' qabel. Hija l-idea dominanti li taħsad l-impressjonijiet u l-effetti li joħorġu min-narrazzjoni. Xi tkun din Nada li qiegħda tinkwieta daqshekk fuq in-nisel tagħha? Jidher li hemm relazzjoni oħra bejn l-awtriċi u l-karattru: l-ossessjoni hi ta' Balzan-Nada, ossessjoni għall-għarfien tan-nisel, li kultant beżżagħhom lit-tnejn li huma. Fit-tiftixa psikoloġika toħroġ ġrajja li tħallat l-imgħoddi mal-preżent. Ir-rumanziera ddaħħal l-imgħoddi b'ċertu freskezza tal-preżent, u dan kollu jista' jiddetta l-futur.

IL-MASKRA

> Nada kienet saret esperta biex taħbi l-burdati u s-sentimenti tagħha wara maskra mfassla apposta ħalli tmantni l-uniformita' tal-karattru poġġut magħha. (Kap 10)

F'din is-silta għandna żewġ fażijiet: strutturalment l-ewwel fażi hija litterali u t-tieni figurattiva. Imma semantikament iż-żewġ fażijiet jitrikkbu fuq xulxin, u permezz tal-lingwa figurattiva l-qarrej jinġibed 'l hemm mill-fruntieri tat-tiġrib immedjat. Fl-istess waqt, fil-kenn ta' din il-lingwa figurattiva niltaqgħu ma' espressjoni li tirregolalna s-sensitivita' tagħna. Ma nistgħux naqbdu u nwarrbu l-maskra li tmantni l-karattru kif ġieb u laħaq. Din il-maskra li trid tgħajjex il-karattru hija tema ewlenija, m'hijiex biss frażi f'lingwa artistika. Tgħinna naraw kif il-bniedem intelliġenti jista' jħares lejn id-destin komuni tiegħu.

Il-parti litterali tas-silta tagħmel sens sħiħ, u għalhekk wieħed jista' jistaqsi: mela, xi skop għandha l-parti figurattiva? Donnu hemm il-preżenza ta' ossessjoni (kif diġa rajna). Jew għallinqas preokkupazzjoni: idea li tħuf f'moħħ l-awtriċi/narratriċi matul ir-rumanz kollu. Il-maskra tintuża metaforikament għal żewġ raġunijiet: biex taħbi u biex tipproteġi. Għandha l-istess funzjoni li kellha f'xi ritwal primittiv. Nada teħtieġ l-iskrin protettiv biex jaħbiha ħalli tissokta fit-tfittxija tagħha mingħajr xkiel. Il-maskra tqawwilha l-ħsieb. Teħtieġha biex tiffunzjona soċjalment u biex tagħlef il-bilanċ mentali tagħha.

Fit-twemmin primittiv insibu dinja maħkuma mill-ispirti li kienu jeħtieġu li jkunu meqjuma biex jinżammu kwieti billi jingħataw forma konkreta. Dan it-twemmin fir-rumanz huwa implikat fil-kadenzi fini tal-proża ta' l-ittra narrattiva. Nada tħossha marbuta ma' l-antenati tagħha — ma' nannuha u ma' ommha li huma t-tnejn mejtin. U kultant inħossuha ppossessata bl-ispirti tagħhom. Ix-xbieha ta' ommha dejjem tintlemaħ qrib ix-xbieħa tagħha fil-mera biex il-"preżenza simultanja tagħhom tnewwel tamiet ġodda" (Kap 1). Mill-banda l-oġra, l-"ittra twila f'għamla ta' rakkont" (Kap 2) trid taqsamha ma' nannuha ħalli tqimu bi "protagonista ewlieni" (Kap 2) u b'ehkk tistrieħ għax tkun qatgħetlu "xewqtu li, fil-memorja msenna, qiegħda titwaħħad dejjem aktar ma' tagħha." (Kap 2).

Il-maskra teħtieġha biex tkun silettiva u ssib l-awtorita' għaliha nfisha fil-verita'. Il-verita' dwar l-identita' tagħha. Il-verita' li tgħinha tidentifika ruħha ma' familja immedjata anki jekk ikollha tindirizza lil xi ħadd li m'għadux magħna. Il-

maskra li tirriproduċi l-karatteristiċi ta' bniedem mejjet li jrid jinġarr fil-memorja, hija mswara figurattivament u direttament mill-psikoloġija ta' l-antenati tagħha. Tgħinha tfittex l-individwalita' tagħha, u tgħaqqad il-karattru tagħha ma' ta' qabilha. Trid il-maskra biex tħarisha mill-ħajjin, mill-ambjent li jista' jxekkilha fit-tiftix ta' l-identita' u jwaqqgħalha r-rabtiet tagħha ma' l-imgħoddi li hu ħaġa waħda mal-mejtin li huma dejjem preżenti fil-psikoloġija tagħha. Bħalma Eugene G. O'Neill f'*The Great God Brown* (1926) jinqeda bil-maskra biex jikkritika l-valuri materjalistiċi ta' żmienu, Balzan tqiegħed lil Nada wara l-maskra ta' wiċċha stess biex "tmantni l-uniformita' tal-karattru" tagħha. Dan biex turi r-rabta li għandha mal-ġenituri u n-nanniet tagħha — għax, fuq kollox, jiġu minn xulxin ġenetikament — u biex tindika bidliet interni f'dak kollu li taħseb dwar il-familja.

Wara l-maskra Nada tħossha qawwija. Il-maskra hija element essenzjali fil-karnival meta d-distinzjoni bejn l-atturi u l-udjenza tonqos. Wara l-maskra Nada tħossha attriċi imma fl-istess ħin qiegħda tittawwal minn wara l-iskrin ta' għajnejha u, bħal telespettriċi kritika, tifli u tgħarbel f'moħħha. Il-maskra tatha arja ta' superjorita' fuq Maris, imma darba minnhom kellha tinża' l-maskra tas-serjeta' biex fi ġnien pubbliku tinfaqha tidħak — dehra tal-grottesk realistiku. U d-daħk ukoll huwa element ewlieni tal-karnival: ifakkarha li hi tad-demm u l-laħam.

Xi jfisser il-karnival fil-kuntest ta' dan ir-rumanż? Ifisser li qiegħed juri x-xi ħaġa l-oħra. Nada mhux aktar tifla unika. Għandha 'l oħtha. L-identita' tagħha issa trid tieħu tifsir ieħor. Huma l-elementi karnivaleski li qed jikxfu aspetti aoħra tal-karattru. Imma wkoll kif jiġri fil-karnival, dak li jkun familjari jsir stramb. Nada li konna drajnieha serja u waħedha, issa tisplodi bid-daħk u taqsam l-ideat ta' ħajjitha ma' oħtha.

> L-ego mqajjem li hi trasformat f'idolu kien ħaqqu tisbita mill-għoli biex tinkisirlu l-fosdqa mdiehba u jerġa' jirriduċi ruħu għal dak li kien darba; eżatt kif jafu n-nannu. Imbagħad forsi fl-aħħar hi wkoll issir taf lilha nnifisha mingħajr il-ħtieġa ta' maskri ġodda li jistgħu jerġgħu jiġu mċarrta fil-ġejjieni. Iżda biex tkisser l-ego tagħha trid tkompli tweġġa' u hi kienet ġa muġugħa ħafna. (Kap 10)

Nada qiegħda tifhem lilha nnifisha għax issa qiegħda tifhem il-preżent tagħha. Tafda fuq it-tiġrib tagħha, l-esperjenzi personali tagħha, mhux biss fuq l-informazzjoni li ħadet mingħand in-nanniet. Huwa permezz ta' elementi karnivaleski li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha ma' ħaddieħor. Fihom hemm il-

maqlub:  is-serja tinfaqa' tidħak fil-pubbliku;  u minn waħedha tispiċċa b'oħt u b'missier.

**KONKLUŻJONI**

Ir-rumanz iwassal realta' immaġinattiva u fiha Nada titħabat sabiex tifhem id-dinja tagħha. Il-qarrej jeħtieġlu jifhem kemm jista' minn dan ir-realiżmu mistħajjel bil-patt li jagħraf li r-realiżmu huwa relattiv għall-għan tal-kitba u għandu bosta wċuħ. Il-proċessi tal-kitba kreattiva jgħinu biex itellgħu l-kredibilita', iwasslu l-verisimilitudni, ikattru l-awtentiċita', iwessgħu l-oġġettivita', u jqanqlu aktar ħajja — kollox biex jibni l-illużjoni realistika tar-rumanz.

Fir-rumanz ta' Rena Balzan l-aktar li jinħass huwa r-realiżmu psikoloġiku. Dan jeħtieġ karatterizzazzjoni konvinċenti b' approfondiment psikoloġiku tan-natura umana. It-tattika ta' Balzan hija li tħalli l-fatti dwar xi karattru jitkellmu waħedhom, joħorġu mis-siltiet u l-proċessi tal-ħsieb u tad-diskors. Il-karattru jinbena bit-tlaqqit ta' informazzjoni minn naħiet differenti u hekk il-qarrej ikun dejjem attiv: jaħdem biex jifhem. Ngħidu aħna, l-awtriċi tibni l-karattru ta' Erica bit-teknika tat-tokis fejn spiss isir it-tgħarbil tad-diskors tal-moħħ. Imma dan il-karattru rridu nifhmuh bħala l-biċċa essenzjali li hija nieqsa minn Nada. Nada wkoll tipprova tifhem lil dan il-karattru biex tasal tifhem aktar mill-identita' tagħha.

Bosta mir-relazzjonijiet jissiġillaw ruħhom fil-psikoloġija tal-karattri. Għalkemm il-protagonisti nisa jinfirdu minn man-nannu — waħda b'tilwima u l-oħra bil-mewt — jibqgħu jġorruh fil-kurrenti mentali tagħhom kulfejn imorru f'ħajjithom. Il-preżenza tiegħu żżid ma' l-għarfien u l-perċezzjoni tar-realta'. B'hekk ir-rumanz isir investigazzjoni umana u l-karattri possibiltajiet li jridu jseħħu biss fl-istħajjil.

Sa mill-bidu t-tama tidher forza qawwija ;u twassal għall-ġmiel ta' ;l-imħabba. Mas-sejbien ta' l-identita' Nada ssib fażijiet oħra ta' l-imħabba u tasal biex "tbejjet il-maħfra flok il-mibegħda" (Kap 10) għal missierha li telaqha fi ċkunitha. Dan huwa possibbli minħabba li n-nanniet sawru fiha sisien morali stabbli bl-imħabba li tawha. U b'din l-istabilita' tarma ruħha sew u tilbes il-maskra psiko-soċjali ħalli titqawwa fil-missjoni tagħha. Meta mbagħad tiċċarrat il-maskra l-identita' ta' Nada tieħu dimensjoni ġdida. Nada tifhem lilha nnifisha għax taċċetta l-preżent tagħha, partijiet minnu kienu l-istorbju ta' Maris, in-nuqqas ta' responsabilta' ta' missierha, u l-ħemda morali ta' nannitha: ingredjenti tajbin fil-manipulazzjoni tal-konxju tagħha.

# 2. Xejriet Psikostilistiċi

Introduzzjoni
Rumanziera Epistolari
Il-Puntodivista
Stil Mentali
Stil ta' Proża Akkademika
In-Nixxiegħa tal-Ħsieb
Il-Preżentazzjoni tal-Ħsieb
Konklużjoni

## 2. Xejriet Psikostilistiċi

> Il-kontenut isir forma, it-tifsira ma titbiddilx. Fi kliem ieħor, film imnebbaħ minn aħbar storika ma jbiddilhiex, iżda jisħaq fuqha, jenfasizzaha bil-metodi kreattivi kif jippreżentaha, skond stil.[16]

### INTRODUZZJONI

Il-kritika hija investigazzjoni. U meta jkollok rumanz psikoloġiku bħal *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* nifhem u nemmen bis-sħiħ li l-investigazzjoni tiegħi għandha tkun waħda psikostilistika. Hawnhekk il-*psikostilistika* tikkombina l-psikoloġija narrattiva ma' l-istilistika letterarja biex tifli l-qagħda mentali tal-protagonista.

Dan l-istudju juri sistema ta' investigazzjoni ta' ambjent testwali fir-rumanz imsemmi bbażata fuq analiżi lessiko-grammatikali li tidderieġi l-attenzjoni tal-qarrej lejn aspetti tematiċi li għandhom x'jaqsmu mal-karatterizzazzjoni. Metodu bħal dan iwassal għal ftuħ fl-interpretazzjoni tar-rumanz u għalhekk ikun hemm interpretazzjoni amplifikata. Min-naħa kognittiva wieħed jista' jgħid li l-kompetenza letterarja tistgħana wara li tkejjel l-aspetti psikostilistiċi tax-xogħol. Għalhekk hawnhekk qed nagħraf mhux biss il-qawwa tal-kelma imma anki l-qawwa tal-grammatika biex jitwasslu xi tifsiriet ukoll jekk minn taħt.

Se nuri wkoll kif l-awtriċi tinqeda bil-proża bħala biċċa għodda sabiex toħloq ir-realta' psikoloġika tal-karattru. Se naraw flimkien l-implikazzjoni psikoloġiċi, emozzjonali, u morali tal-karatterizzazzjoni (li fiha l-perċezzjoni għandha sehem importanti) fid-dinja tar-rumanz.

Il-metodu użat f'din it-taqsima jimxi fuq il-kritika lingwistika b'interess sofistikat fil-letteratura. Nemmen bis-sħiħ li l-analiżi kritika għandha tinkludi b'fiduċja l-fatti lingwistiċi li ssib f'biċċa xogħol biex ikun hemm twessigħ fl-evalwazzjoni u fl-interpretazzjoni letterarja. Studju tal-lingwa fil-proża kreattiva jikkontribwixxi direttament għal apprezzament aħjar tat-talenti artistiċi ta' l-awtur. Meta nispjegaw kif awtur jasal għal xi effett inkunu qegħdin

[16] FRIGGIERI O., *L-Idea tal-Letteratura* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1986), p.35.

a. nifhmu aħjar il-kuntest — u dan il-fatt huwa essenzjali fil-ħidma kritika; u

b. nżidu l-apprezzament tagħna ta' dak li l-awtur ikun ħoloq.

Issa drajna naraw lill-poeta jħaddem il-lingwa b'mod kreattiv u innovattiv, imma jeħtieġ li nifhmu wkoll li r-rumanzieri serji tagħna wkoll iħaddmu l-Malti b'sengħa ta' artisti kbar. Fil-fatt huma artisti kbar fl-użu tal-kelma,[17] u hawn tidħol l-isfida tagħna biex nispjegaw ftit mill-kwalita' ta' l-arti verbali tagħhom u nfissru kif din l-arti tintegra ruħha ma' l-aspetti tematiċi.

Il-ħidma analitika f'din it-taqsima tindaħal biex tesplora l-proża kreattiva ħa ssib forom u sistemi taħt l-iskorċa tal-lingwa. Jiġifieri tfittex il-prinċipji ta' tifsir li huma relevanti għal kuntest, u dan għandu jwassalna biex mhux biss inħarsu lejn rumanz bħala test imma anki biex nippenetrawh għat-tifsir meħtieġ. L-istilistika tiġbor fiha ħidma ta' kritika investigattiva: tgħarbel l-intuwizzjonijiet b'analiżi ddettaljata. U għalhekk irrid inħares lejn l-istilistika bħala djalogu bejn ix-xejriet letterarji u l-aspetti lingwistiċi tal-proża kreattiva. U dan biex forsi nasal għal għarfien aħjar. Imma f'rumanz bħal *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* jidħlu l-proċessi mentali u għalhekk ikollna niflu wkoll il-personalita' tal-karattri, u hawn ikollna nidħlu fl-għalqa tal-psikoloġija. B'hekk il-proża narrattiva tidher u tinħass dinamika, u l-qarrej irid ikollu s-sabar u d-dispożizzjoni mentali biex jipproċessa l-istrutturi involuti.

Intemm din l-introduzzjoni billi nfakkar li l-għodda tar-rumanzier hija l-lingwa. Jagħmel x'jagħmel bħala rumanzier irid jagħmlu permezz tal-lingwa.[18] Nagħrfu li l-lingwa hija l-essenza tal-letteratura, u għaldaqstant il-qawwa ġenerattiva tal-lingwa tagħtiha aspett kreattiv li għandu jseddaq il-kreattivita' letterarja. Il-lingwa hija kreattiva u l-letteratura hija kreattiva: il-proża narrattiva tinqeda bir-riżorsi tat-tnejn. Huwa dan li se nipprova nuri f'din it-taqsima.

---

[17] Dan diġa wrejtu ma' tliet rumanzieri oħra: BRIFFA, C., *Ħassieb Serju* (Pubblikazzjoni Agius and Agius, Malta, 1994); BRIFFA, C., *Żagħżugħ fuq Vjaġġ* (Pubblikazzjoni Agius and Agius, Malta, 1994); u BRIFFA, C., *Il-Kisba tat-Tmiem* (Pubblikazzjoni Agius and Agius, Malta, 1994).

[18] LODGE, D., *Language of Fiction* (Routledge and Kegan Paul, London, 1966): "The novelist's medium is language: whatever he does, *qua* novelist, he does in and through language." (p. ix)

## RUMANZIERA EPISTOLARI

Fis-seklu sbatax diġa' kien hemm xejra ta' letteratura epistolari għax insibu lil Aphra Behn (1640-1689) li ppubblikat *Love Letters between a Nobleman and his Sister* (1683) li jagħti għadd ta' novelli f'forma ta' ittri fuq l-imħabba illiċita. Imbagħad ir-rumanz miktub f'għamla ta' għadd ta' ittri kien popolari ħafna fis-seklu tmintax. Biżżejjed insemmu ir-rumanzi epistolari ta' Samwel Richardson (1689-1761), *Pamela* (1740-1741) u *Clarissa* (1747-1748), xogħlijiet twal fuq it-tema ta' seduzzjoni, irrakkontati f'sensiela ta' ittri mill-protagonisti nisa li jikxfu l-psikoloġija tagħhom bi skop moralistiku. Dawn ir-rumanzi ħallew l-effett tagħhom fuq il-letteratura Ewropea, u ispiraw, fost oħrajn, lil Jean-Jacques Rousseau (1712-1778) biex jikteb ir-rumanz epistolari tiegħu, *Julie, ou la Nouvelle Heloise* (1761) li jittratta l-fidelta' fiż-żwieġ. U ispiraw ukoll lil Pierre Choderlos de Laclos (1741-1803) f'*Les Liaisons Dangereuses* (1782), analiżi psikoloġika ta' seduttur u l-vittmi tiegħu mogħtija f'sensiela ta' ittri li nkitbu minnu u mill-kompliċi ħajna tiegħu. Insemmu wkoll lil Ugo Foscolo (1778-1827) bir-rumanz tiegħu *Le Ultime Lettere di Jacopo Ortis* (1798) fejn il-Venezjan Ortis, f'sensiela ta' ittri lil sieħbu, jagħti l-mixja tiegħu mit-tama għad-disprament waqt li pajjiżu jaqa' taħt tmexxija tiranna u waqt li l-maħbuba tiegħu tiżżewweġ lil xi ħaddieħor.

Minbarra dawk li diġa' semmejna, fil-letteratura Ingliża nsibu bosta ismijiet bejn l-1740 u l-1800 li ħaddmu xi għamla epistolari fil-kitba tagħhom. Hekk insibu lil Tobias George Smolett (1721-1771) li kiteb ix-xogħol sarkastiku *Travels through France and Italy* (1766) u lil John Moore (1729-1802) bir-rumanz epistolari *Mordaunt* (1800), li jpoġġilna għadd ta' karattri jiktbu l-ittri u tnejn minnhom (Mordaunt u Miss Clifford) fl-aħħar jispiċċaw jieħdu grazzja ma' xulxin u jiżżewġu. Ma' dawn nistgħu ninkludu oħrajn li esperimentaw b'din it-teknika: Robert Bage (1720-1801), Fanny Burney (1752-1840), Maria Edgeworth (1768-1849), u Jane Austen (1775-1817). Fis-sekli ta' wara, ir-rumanz epistolari tilef il-popolarita' tiegħu imma ma mietx għal kollox għax A.C.Swinburne (1837-1909) u Henry James (1843-1916) ukoll esperimentaw bl-għamla epistolari. William Golding (1911-1993) imbagħad, f'*Rites of Passage* (1980) jipprovdi varjazzjoni interessanti bl-epistolarju. U Michael Frayn kiteb *The Trick of It* (1989) li jikxef storja ta' wieħed akkademiku li jispeċjalizza fuq ix-xogħlijiet ta' waħda kittieba u jispiċċa f'relazzjoni magħha, u kollox jaslilna permezz ta' għadd ta' ittri li l-akkademiku jikteb lil sieħbu fl-Awstralja.

Fil-każ tal-letteratura Maltija, Rena Balzan ukoll tuża din it-teknika b'varjazzjoni. *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (1987) jinqeda bl-elementi tar-rumanz epistolari, u fil-kurrenti ta' taħt ir-rakkont hemm l-ittra twila indirizzata lin-nannu. Rena Balzan tissepara lill-korrispondent (Nada) mill-"qarrej" (in-nannu) bid-distanza tal-mewt biex b'hekk il-konvenzjoni ta' l-ittra tkun tista' titwettaq aħjar.

L-epistolarju jinqeda bin-narrazzjoni ta' l-ewwel persuna u l-ittri jirrekordjaw proċess kontinwu: kull avveniment jingħata lill-qarrej hekk kif jitfaċċa. Imma Rena Balzan tuża t-teknika epistolari b'mod imlaħlaħ tant li tħalliha tiftaħ ġot-teknika tad-dokumentarju. Titfagħna fil-ħsieb ta' Nada u 'l din nisimgħuha taħseb:

> Issa għandha tagħrif biżżejjed biex tkun tista' tikteb lin-nannu ittra twila f'għamla ta' rakkont u taqsamha miegħu qiegħed fejn qiegħed. (Kap 2)

Dan hu r-rumanz: ittra twila f'għamla ta' rakkont biex lil Nada nħossuha dejjem fl-aqwa ta' l-esperjenzi tagħha bl-uġigħ li l-moħħ ikollu bl-inċertezzi li jitqandlu minn ġrajja għal oħra. Fl-istħajjil l-ittra tkattar l-illużjoni tar-realta' u d-dokumentarju jikkumplimenta lil din l-illużjoni.

Ir-rakkont ma jibqax fl-ewwel persuna:

> *Lilek, għażiż nannu,* kemm-il darba smajtek tgħid li l-ħajja m'hijiex faċli biex tgħixha u li l-għajxien mhux għajr sensiela ta' tiġdid kontinwu li jitlob l-użu tal-forzi kollha li l-bniedem jiflaħ iħaddem. Min ma jagħmilx ħiltu biex jibqa' jiġġedded, jisfa' jitliegħeb ma' kurrenti bla rażan li bit-taqmis tagħhom ifarrkulu l-għajxien ħieles u jħallulu biss l-eżistenza mċekkna f'parassita fuqha nnifisha. Il-ħajja iebsa biex twettaqha fil-milja tagħha, iżda s-sodisfazzjon għal min joħroġ rebbieħ sa l-aħħar ikun kbir daqs il-ħajja fit-tifrigħ tagħha. Erica wkoll kienet midħla ta' dan l-għarfien sa minn kmieni, għalkemm l-interess ewlieni tagħha jiffoka aktar fuq l-isfida tal-mument mimli fuq is-sodisfazzjoni aħħari. Għaliha, kull sfida ġdida twiegħed il-bidla u jekk il-bidla sseħħ meta hi tħoss il-bżonn tagħha, tkun tista' tgħodd ruħha b'rebbieħa. (Kap 2)

L-ewwel persuna ċċedi postha lit-tielet persuna, u fil-kumplament ta' l-ewwel taqsima tiddomina t-tielet persuna. Imma nibqgħu nħossu li hija Nada li qed tagħtina r-rakkont, u Nada n-narratriċi tagħmilha ta' l-omnixjenti għax bin-narrazzjoni tagħha ddaħħalna minn moħħ għal ieħor biex turina l-istil mentali

ta' ommha u missierha. Turina ż-żewġ karattri b'żewġt imħuħ differenti, u aktar 'il quddiem inkunu nistgħu nifhmu aħjar lilha. Irridu nagħżlu bejn l-*awtriċi* li hija Rena Balzan, in-*narratriċi* jew ir-rakkontatriċi li hija Nada l-kittieba ta' l-ittra li diġa' taf il-verita' sħiħa tal-ġrajja, u l-*protagonista* li hija Nada tal-ġrajja li tieħu sehem bħala karattru u ma tkunx taf fuq l-avvenimenti ħlief meta jseħħu.

Fil-bidu tat-tieni taqsima mbagħad insibu

> *Nixtieq infakkrek għażiż nannu,* illi kieku Nada kellha terġa' tibda tgħix mill-ġdid, din id-darba b'rajha f'idejha, l-għażla tagħha ma tkunx differenti minn dik li ommha kienet għamlet għaliha. (Kap 7)

Nerġgħu, mill-ewwel persuna għat-tielet persuna. Din id-darba Nada n-narratriċi titkellem fuqha nnifisha u xorta tuża t-tielet persuna. Imma issa turina l-istil ta' moħħha, u hekk tibqa' sejra sat-tmiem sabiex fl-aħħar paragrafu tagħlaq "l-ittra indirizzata lin-nannu" (Kap 13) bl-ewwel persuna. U hawnhekk inħossu l-effett drammatiku ta' dan l-istil. L-indirizzat (jiġifieri, in-nannu) qatt m'hu se jwieġeb avolja normalment ittra titlob xi risposta. Hija ittra rettorika li qed tesprimi sentimenti intensi. Fl-istess ħin, tagħmel in-nisġa aktar kumplessa għax ma tantiċipa ebda kundizzjoni ħlief li ż-żmien jagħtiha parir. B'hekk iżżid tikxef ruħha magħna. Ix-xogħol ta' l-ewwel persuna fl-epistolarju qed jitwettaq bil-mod ta' ħsieb indirett tal-protagonista, ukoll fl-ewwel taqsima għax Nada taħsibha ħafna bħal ommha.

Balzan tisfrutta l-opportunita' li tikxef ruħ Nada biex toħloq effetti xierqa. Flok ma tantiċipa x'jista' jweġibha n-nannu, Nada tiftakar xi jkun qalilha darba. L-antiċipazzjoni taħdem fit-tifkiriet, u l-monologi spiss jieħdu xejra drammatika għax il-qarrej iħossu qed jissemma' naħa waħda ta' djalogu. Balzan takkomoda ritmi orali (kultant l-istil joqrob l-iskaz jew l-imitazzjoni tat-taħdit informali) ma' ritmi letterarji biex twassal aħjar l-ironija tal-fatt li Nada tħoss li l-bnedmin huma lkoll ta' nisel wieħed.

Nifhmu li l-letteratura tinqeda bl-arti tal-kelma u nagħrfu li l-lingwa hija art għammiela għall-għerf tal-bniedem, l-aktar meta narawha influwenza qawwija fuq il-mod kif il-bniedem jiżen u jwieżen il-viżjoni u l-valuri tiegħu tal-ħajja esterna u interna tiegħu. Il-lingwa tista' wkoll ixxekkel lill-bniedem l-aktar meta ma jipprattikahiex sew. Għax, ngħiduha kif inhi, it-tħaddim tal-lingwa titlob is-sengħa u l-prattika, mhux biss għall-ħeffa imma wkoll għall-preċiżjoni. U meta nkunu qegħdin nitkellmu ma' ħaddieħor aħna nkunu qed

nikkonfermaw ir-relazzjonijiet tagħna, anki jekk inkunu qegħdin nillatikaw bejnietna għax fil-proċess tat-taħdit it-tifsir jgħaddi minn wieħed għal ieħor bi qbil bejnietna skond il-kultura u l-użanza. Kultant, pero', il-bniedem fil-komunikazzjoni verbali tiegħu jkun jeħtieġlu jistabilixxi fejn ikun diverġenti u fejn ikun kompatibbli ma' ħaddieħor. Normalment il-lingwa istituzzjonalizzata, kif tidher f'attivitajiet lingwistiċi bħal stqarrijiet governattivi, rapportaġġ ġurnalistiku, u talb komunali, tagħfas l-aktar fuq tisħiħ u stabilita'. Jiġifieri t-tendenza hija li tistabilizza s-sistema ta' l-użu u tat-tifsir u ddarri aktar il-perċezzjoni. Il-ħsieb jidħol f'dak li hu mdorri jisma'. Imma l-letteratura tinkoraġġixxi l-kreattivita' u l-bidla. Għandha l-ħila tifli u terġa' tifli d-dinja, anki jekk titħasseb fuq il-konvenzjonijiet u twaqqa' xi perċezzjonijiet. Tant li fil-kreattivita' letterarja spiss jinħolqu sistemi stilistiċi u arranġamenti lingwistiċi ġodda li jikxfu għerf mhux tas-soltu. Il-lum il-ġurnata l-letteratura għandha sehem importanti biex tissara mad-dwejjaq tal-familjarita' li nsibu fil-konvenzjoni. Għaldaqstant, fl-arti verbali jeżistu żewġ proċessi li jaħdmu flimkien: il-proċess li jsostni l-familjarita' fil-perċezzjoni, iżomm dak kollu li hu regolari u magħdud bi drawwa, u jibqa' dejjem fuq l-imdorri biex il-perċezzjoni ssir awtomatika — ħa nsejħulu l-proċess ta' *awtomatizzazzjoni;* imbagħad hemm il-proċess li jnaqqas il-famljarita' ta' l-oġġett, jagħmel xi ħaġa mhix tas-soltu, jinqeda b'dak li hu l-istramb ħalli jwassal perċezzjoni li ma nkunux imdorrijin biha — dan il-proċess jissejjaħ *defamiljarizzazzjoni.*[19]

Id-defamiljarizzazzjoni fil-letteratura hija pjan li jġagħalna nħarsu lejn oġġett b'mod differenti. Meta Oliver Friggieri f'*Il-Gidba* jsejjaħ il-mentalita' magħluqa tal-kappillan raħli "kannibaliżmu", il-perċezzjoni tagħna tinbidel għax l-awtur qed jitkellem fuq l-ordinarju b'mod mhux tas-soltu, b'mod ġdid. Il-konvenzjoni ta' kif inħarsu lejn il-mentalita' parrokkjali ġiet sfidata u d-defamiljarizzazzjoni tisfurzana nkunu kritiċi. L-istess tagħmel Rena Balzan bir-rumanz epistolari. Imdorrijin niktbu ittri biex jinqraw mill-indirizzati. Imma x'ħin nintebħu li Nada qed tikteb ittra twila lil xi ħadd mejjet il-perċezzjoni tagħna tiġi ddefamiljarizzata. Għalfejn? X'inhi tgħid b'daqshekk l-awtriċi? Qed tgħid li meta aħna nkunu qegħdin infittxu l-identita' tagħna f'dawk li ġew qabilna, aħna nkunu qegħdin nikkomunikaw magħhom. Dan li jkun qed jiġri jekk aħna nwarrbu l-pre-konċezzjonijiet tagħna dwar id-drawwa tal-kitba ta' l-ittri.

---

[19] FOWLER, R., *Linguistic Criticism* (Opus Book, Oxford University Press, Oxford, 1990) juża t-termini *habitualisation* u *defamiliarisation* (p.40 f.). Din it-teorija hija mibnija fuq l-ideat ta' Victor Shklovsky, kritiku Russu ta' l-arti. Friggieri (1986) op.cit., jagħżel bejn *awtomatizzazzjoni* u *foregrounding* (p.37).

Għalhekk fir-reċensjoni li jien kont għamilt meta ħareġ ir-rumanz għall-ewwel darba jien għaddejt il-kumment li "The letter-form is evidently an architectural seance." [20] Dawn il-kittieba jagħtuna ri-orjentament tat-tifsir: id-defamiljarizzazzjoni toħloq tifsir ġdid. L-awtomatizzazzjoni ma tħalliniex naraw il-possibiltajiet estetiċi tal-lingwa, imma l-kreattivita' fil-letteratura tiddefamiljarizza l-lingwa b'mod konxju u dinamiku billi tifforgrawndja xi element stilistiku. Tista' tinħoloq xi tensjoni bejn l-innovazzjoni u l-konvenzjonalizzazzjoni bħalma għandna fil-każ psikostilistiku ta' l-epistolarju għall-kixfa ta' l-istil tal-moħħ: tensjoni li tinħass sew fit-tqawwim ta' kliem in-nannu. Ir-ri-konċettwalizzazzjoni f'Balzan hija dinamika u radikali, u tisfurzana nħossu l-essenza tan-nisel tagħna biex l-għeruq jinħassu għeruq.

[20] BRIFFA, C., "Family and Identity" f'*The Sunday Times* (Novembru 22, 1987), p.30.

**IL-PUNTODIVISTA**

Mela l-istorja hija ta' Nada. Tadotta l-metodu tan-narrazzjoni omnixjenti imma l-konċentrazzjoni hija dejjem fuq dawk l-avvenimenti li jaffettwaw lilha. Kliem in-nannu, is-skiet tan-nanna, ir-relazzjoni Erica-Karl, iż-żwieġ ta' Erica u Arnold, il-ġrajja ta' Claud u Maris — kollha jressqu l-perspettiva ta' Nada. Kollox jgħaddi minn quddiem il-qarrej skond kif tifhimha hi, u l-qarrej jirreaġġixxi emozzjonalment u moralment u jinterpreta l-ħsieb u l-għemejjel tal-karattri skond din il-perspettiva. Kieku l-istorja tathielna n-nanna kienet tkun mod ieħor u kien ikollna rumanz differenti.

Imma l-istorja hi kif inhi ġejja minn Nada li tisma' lin-nannu jitkellem fuq ommha, Erica, u fl-ewwel taqsima narawha tixtieq tgħaqqad kull nitfa ta' informazzjoni li tiġbor fuqha sabiex issawwar ġrajja sħiħa ħalli tagħraf min kienet tabilħaqq ommha. Kontra x-xewqa ta' missierha (jiġifieri, in-nannu ta' Nada) Erica titlaq mid-dar ta' ommha u ta' missierha biex tmur toqgħod ma' Karl, pittur li kien għadu kemm infired minn ma' martu, f'belt kbira. Hi tkun trid tiżżewweġ, imma hu ma jkunx irid. Erica titqal u Karl jeħodha bi kbira għax ma jkunx irid ulied. Jibqgħu jgħixu flimkien wara li titwieled Nada, sakemm Erica tbiegħlu pittura li tkun għal qalbu ħafna mingħajr ma tgħidlu, biex mingħaliha tagħmlu famuż, u hu jeħodha magħha bl-ikrah u jitlaqhom. Fin-niket tagħha Erica ssib il-faraġ f'Arnold, il-*foreman* tal-fabbrika fejn taħdem, u dan jitlobha tiżżewġu imma qabel trid tibgħat lil Nada tarbija għand in-nanniet biex ma toqgħodx tgħix ma' Erica u Arnold wara ż-żwieġ.

Fit-tieni taqsima nsibu lil Nada ta' sebgħa u għoxrin sena (probabbli din hi l-eta' ta' Nada r-rakkontatriċi) tmur tistudja l-matematika u tilħaq għalliema. Wara tieħu borża ta' studju u titlaq lin-nanniet biex tmur fit-belt il-kbira ħalli tistudja l-psikoloġija. In-nannu jagħtih attakk tal-qalb wara li jirċievi ittra u jmut. Nada tiltaqa' ma' Claud, student ieħor, li jkun irid jiżżewwiġha imma hi ma tkunx trid għax temmen li ma hux kapaċi jżomm relazzjoni permanenti fl-imħabba. Imur jaqbad ma' Maris, is-segretarja tal-professur tagħhom. Maris tibda tmur tieħu l-lezzjonijiet tat-tpinġija għand pittur, u Nada li baqgħet tħobb lil Claud marret ukoll sforz id-daqsxejn ta' għira li kellha għal Maris l-aktar fejn jidħol Claud. F'wirja tal-pittura, jaraw biċċa xogħol tal-pittur u Nada u Maris jagħrfu 'l ommhom, mingħajr ma jintebħu li huma aħwa mill-istess omm. Toħroġ il-verita': Erica hija omm Nada minn Karl u omm Maris minn Arnold. Iż-żewġt aħwa jaċċettaw lil xulxin. Nada wkoll issir taf li l-pittur huwa

missierha. Wara li tiggradwa Nada titlaq lura għand nannitha u tgħidilha b'kollox.

F'din il-ġrajja, bosta karattri (Karl, Arnold, Claud, Maris, in-nanna) huma l-oġġett fil-perċezzjoni ta' Nada, waqt li n-nannu u Erica jingħataw il-privileġġ li jkunu s-suġġett ta' din l-istess perċezzjoni għax tassimila ħafna magħhom. Lin-nannu tagħrfu bħala l-"protagonista ewlieni" (Kap 2) ta' ħajjitha u kliemu dejjem jissaħħaħ fir-rumanz u ommha sa mill-bidu tinħass parti minn "preżenza simultanja" li "tnewwel tamiet ġodda" (Kap 1). B'din l-organizzazzjoni n-narrazzjoni tingħata aktar immedjatezza u tiżdied l-intensita' tagħha.

F'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed* tixref, mela, l-puntodivista psikoloġika fejn l-avvenimenti tal-ġrajja jitqiesu mill-perspettiva tal-protagonista b'enfasi kbira fuq l-attitudni mentali li tiddetermina l-ġudizzju tagħha. Il-perspettiva interna tbejjed narrazzjoni ġol-konxju ta' Nada, u lil din narawha kif tħoss u kif tistma lill-karattri l-oħrajn.[21]

> (1) Fl-istudju ma dametx ma reġgħet kisbet ir-riedni f'idejha. Ix-xogħol jaljenaha u jgħinha tidfen fiha malajr kemm jista' jkun in-niket li l-mewt tħalli warajha. Il-professur anzjan kien sodisfatt bil-progress tagħha u d-dejn li kellha miegħu għaż-żmien li tilfet, ġie mħallas kollu. Il-problema ġdida li nħolqot bejnha u bejn Claud mhux suppost li kien hemm post għaliha fi ħsibijietha, iżda għal Nada l-attenzjoni li Claud jagħtiha ttaffi t-toqol ta' dan il-piż li xi drabi ma tiddarrasx iġġorr. (2) Jekk ma kellhiex dubju mill-ġibda li bdiet teżisti bejniethom, daqshekk ieħor ma kinetx żgura mill-kapaċita' tiegħu li jwiegħed imħabba assoluta u jibqa' jżomm kelmtu fil-ġejjieni. (3) Bla ma taf eżatt għaliex, għax qatt ma pprovatu qabel, fejn tidħol l-imħabba ma kellhiex l-istess fiduċja bħal ma kellha fil-qasam ta' l-istudju. (4) Kien diffiċli tikkonvinċi lilha nnifisha li Claud huwa r-raġel li jissaporti r-rabta ma' mara waħda għal tul ta' żmien, aħseb u ara għal ħajtu kollha. (5) X'aktarx li fil-preżent kien imġennen għaliha għax f'għajnejh tidher differenti mit-tnejn l-oħra tal-klikka. Għalkemm tħobbu, ma tiġrix warajh bħalhom u bl-imġiba tagħha ma tistqarrx quddiem kulħadd li hi mxennqa għalih. (6) Nada ma tistax tiċħad li għandha t-tendenza li tkun eżiġenti ħafna fil-ħajja ta' l-imħabba. (7) Ir-raġel li tagħżel biex tintrabat miegħu, irid iħobbha għaliha biss, kif inhi, mingħajr paraguni minfuħa, u l-imħabba tiegħu trid tieħu bixra dejjiema bħal tagħha. F'għażla ta' din ix-xorta ma tagħmilx kompromessi, anqas magħha stess u ma taċċettax li timxi fit-triq tan-nofs; jew kollox jew xejn. (Kap 8)

[21] Għall-konvenjenza dan il-paragrafu qed jinqasam b'numri li se jkollna bżonn fid-diskussjoni ta' wara. Kull numru jiġbor fih l-istrutturi kollha ta' warajh sa ma jasal in-numru li jkun imiss.

Din il-perspettiva interna hija soġġettiva ħafna. Nanalizzaw dan il-monologu intern biex naraw ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb ta' Nada. Il-parti mmarkata (1) tagħtina l-vuċi tar-rakkontatriċi biex tressqilna l-fatti tal-ġrajja. Il-ħsibijiet u l-perċezzjoni ta' Nada huma rrappurtati lilna b'mod indirett ħafna u nistgħu nsejħu din l-għamla ta' rappreżentazzjoni tal-ħsieb *rapport narrattiv ta' atti tal-ħsieb* (RNAĦ)[22] — element konvenjenti ħafna biex iqassar xi ħsibijiet li l-awtriċi ma tkunx tridna niffokaw wisq fuqhom. Bir-RNAĦ l-awtriċi tkun qed tidħol kemxejn bil-perspettiva tagħha. Il-kumplament tal-paragrafu jalterna bejn il-*ħsieb indirett ħieles* (ĦIĦ) — ara l-biċċiet immarkati (3), (5), u (7) — u l-*ħsieb indirett* (ĦI) — ara l-biċċiet immarakati (2), (4), u (6). L-istrutturi tal-ĦI għandhom xi frażi verbali introduttorja ("ma kellhiex dubju", "ma kinetx żgura", "Kien diffiċli tikkonvinċi lilha nnifisha li", "ma tistax tiċħad li"). B'dawn il-mezzi lil Nada narawha konxja ta' ħsibijietha u għalina l-esperjenza tagħha tinħass aktar immedjata, u hemm anqas intervent min-naħa ta' l-awtriċi. Fl-istess ħin it-taħlit ta' l-istrutturi tal-ĦI, il-ĦIĦ, u r-RNAĦ iqanqal ritmi varjati li jikkumplimentaw il-mixi tal-ħsieb u jirriflettu wkoll is-sentimenti. Nada taqbadna bil-qagħda ġewwiena tagħha skond il-qafas ritmiku maħluq minn dawn l-istrutturi. Meta l-vuċi tan-narratriċi (Nada l-kittieba ta' l-ittra, diġa' mgħobbija bil-verita') tidħol ħelu ħelu u titħallat mal-ħsieb tal-karattru (Nada tal-ġrajja, għadha ma tafx din ir-relazzjoni fejn se twassalha), l-awtriċi tkun qed timmanipulana sabiex nadattaw il-puntodivista tal-protagonista. Hija l-karattru-riflettur tal-ġrajja, u permezz tal-ĦIĦ aħna noħorġu 'l hemm mill-kontroll interpretattiv ta' l-awtriċi u noqorbu aktar lejn il-moħħ attiv tal-karattru biex naraw aħjar ix-xeħta personali.

Il-lingwa ta' din is-silta tkompli toħroġ il-perspettiva interna. L-użu tal-verb fil-preżent ("jaljenaha u jgħinha tidfen", "ttaffi t-toqol", "ma tiġrix warajh", "Nada ma tistax tiċħad", "Għalkemm tħobbu", "trid tieħu bixra dejjiema", "ma tagħmilx kompromessi") jirreferi għaż-żmien ta' l-att tan-narrazzjoni u jagħti arja ta' immedjatezza. Il-modalita' li toħroġ mill-aġġettivi u l-avverbji ("sodisfatt", "żgura", "assoluta", "x'aktarx", "eżatt", "diffiċli", "imġennen", "mxennqa", "eżiġenti", "dejjiema") tgħin fl-evalwazzjoni mentali. U ħafna

[22] Il-klassifikazzjoni tar-rappreżentazzjoni tal-ħsieb hija meħuda minn LEECH, G.N., SHORT, M.H., *Style in Fiction* (Longman, London & New York, 1989), Ch. 10. Ħafna mir-rappreżentazzjonijiet tar-RNAĦ jistgħu jitqiesu rapport narrattiv ta' l-azzjoni (RNA), imma billi Nada kellha tuża l-immaġinazzjoni tagħha biex timla l-vojt taċ-ċirkustanzi li ma kellhiex il-possibilta' li ssir midħla tagħhom (ara għeluq ir-rumanz) jidhirli li aħjar ħafna minnhom inqisuhom RNAĦ.

elementi ta' vokabolarju jmexxu ħsus il-protagonista: "jaljenaha", "tidfen fiha", "d-dejn", "Il-problema ġdida", "toqol", "tiddarrasx iġġorr", "fiduċja", "kompromessi". Dawn jilħqu l-quċċata tagħhom bil-bilanċ sintattiku ta' "jew kollox jew xejn" li jiġbdilna l-attenzjoni aktar għax qiegħed f'denb il-paragrafu u b'hekk jinstema' fir-ritmu tiegħu ton ta' finalita'. Il-perċezzjoni interna wkoll titwieżen bejn il-forom passivi ("ġie mħallas", "nħolqot", "imġennen", "mxennqa", "tintrabat") u t-transitivita' ("kisbet ir-riedni", "ttaffi t-toqol", "jwiegħed imħabba", "jibqa' jżomm kelmtu", "tidħol l-imħabba", "tikkonvinċi lilha nnifisha", "jissaporti r-rabta"). L-għadd ta' strutturi mraqqdin jikkontribwixxu għall-analiżi ġewwinija skond kif tifhimha Nada. Bihom għandna analiżi (mhux drammatiċita') meqjusa u estensiva ta' l-ideoloġija ta' Nada. F'din l-ideoloġija tixref l-idea li l-imħabba hija "rabta" "assoluta" li ma tagħmel ebda "kompromessi" minħabba li tiġbed magħha l-estremita' ta' "kollox" u tibqa' "dejjiema". Il-puntodivista ideoloġika titwaħħad mal-puntodivista psikoloġika sabiex flimkien jinsġu l-valuri femministi tal-ġrajja. Dawn il-valuri jistgħu jkunu maskili wkoll f'kuntesti oħra, imma fid-dinja testwali ta' *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* qegħdin jirrappreżentaw il-femminiżmu ta' Nada. Għalhekk Balzan titfagħna wara l-iskrin ta' għajnejn Nada bħala l-lok minfejn nistghu nittawlu lejn l-azzjoni tar-rumanz: biex nifhmu aħjar l-interpretazzjoni kunċettwali tal-protagonista u b'hekk joħroġ b'ironija qawwija l-kuntrast bejn din l-ideoloġija ta' Nada dwar l-imħabba u n-nuqqas ta' permanenza fir-relazzjoni ta' ommha u missierha. Fl-istess ħin l-esperiment ta' mħabba tan-nanniet irnexxa, għax bl-għożża u bl-imħabba li taw lil Nada tawha stabilita' emozzjonali li biha issa qiegħda titlob il-"bixra dejjiema" fl-imħabba tagħha.

**STIL MENTALI**

Il-kritika tagħraf l-importanza tal-lingwa fit-tiswir ta' l-esperjenzi umani. M.A.K. Halliday isejħilha din il-funzjoni esperjenzali jew *ideazzjonali* tal-lingwa.

> Language serves for the expression of 'content': that is, of the speaker's experience of the real world, including the inner world of his own consciousness. We may call this the *ideational* function, though it may be understood as easily in behavioural as in conceptual terms. In serving this function, language also gives structure to experience, and helps to determine our way of looking at things, so that it requires some intellectual effort to see them in any other way than that which our language suggests to us.[23]

Ir-riżorsi ideazzjonali ivarjaw, bħalma tvarja l-esperjenza, minn bniedem għal ieħor skond sehem l-individwu fis-sistema soċjo-ekonomika. Il-bniedem jitwieled f'familja u jidħol f'xibka ta' relazzjonijiet ma' ħaddieħor aktar ma jikber u jħallat esperjenzi li jestendu għall-iskola, għax-xogħol, u għall-affiljazzjonijiet soċjali oħra li jmexxu l-maturita' tiegħu. L-esperjenza bħala riżultat tar-relazzjonijiet soċjo-ekonomiċi ta' l-individwu tiġi personali. Għaldaqstant nagħrfu li l-ħażna semantika u l-istrutturi tal-lingwa jistgħu jkunu jinxtiebhu f'każijiet ta' individwi li jkollhom l-istess tiġrib, u jistgħu jkunu differenti ħafna f'każijiet oħra. Id-differenzi ideazzjonali joħorġu sew fil-letteratura minħabba li kull att lingwistiku jissawwar bi skop speċifiku u f'ambjent partikolari mill-awtur. L-istruttura tax-xogħol tirrifletti dawn iċ-ċirkustanzi. [24]

Biex nieħdu eżempju nerġgħu nsemmu lil Oliver Friggieri u lil Rena Balzan flimkien, żewġ rumanzieri Maltin ta' mpar xulxin u kontemporanji ta' xulxin. It-tnejn akkademiċi. Imma wieħed raġel isegwi l-linja tal-kritika filosofika u l-oħra mara mqabbda sew fil-karriera tax-xjenza. *Il-Gidba* ta' Friggieri u *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* ta' Balzan it-tnejn jittrattaw l-imħabba u l-individwaliżmu f'għadd ta' relazzjonijiet li l-protagonisti jkollhom. Imma l-ewwel rumanz jagħti l-vuċi maskili u t-tieni l-vuċi femminili, u għalhekk il-perspettivi fuq it-temi jvarjaw. U jvarjaw minħabba raġunijiet oħra, fosthom l-għanijiet tal-kittieba. Friggieri jagħfas fuq l-isforzi ta' l-individwu ħieles vis-a-vis l-irbit ta' raħal mimli

---

[23] HALLIDAY, M.A.K., "Language structure and Language Function" f' John Lyons, ed., *New Horizons in Linguistics* (Penguin Books, Middlesex, 1970, Reprinted 1971), p.143.

[24] Din il-parti tad-diskussjoni qiegħda bbażata ħafna fuq l-ideat ta' Fowler (1990), op.cit., Ch. 10.

kannibali soċjali; waqt li Balzan togħdos fil-qagħda ġewwiena ta' l-individwu biex tikxef sforzi ta' tiftix ta' identita'. Wieħed għandu viżjoni soċjali u filosofika, u l-oħra viżjoni psikoloġika.

U kif qegħdin fiż-żifna, ngħidu wkoll li kull awtur għandu ħażna ta' perspettivi ideazzjonali, jiġifieri kapaċi jikteb tipi differenti ta' lingwa. Il-perspettivi li joħorġu minn Friggieri il-ġurnalista, il-kritiku, u r-rumanzier huma kollha differenti; [25] u hekk ukoll fil-każ ta' Balzan: meta tikteb fuq ix-xjenza tagħti perspettiva wisq differenti minn meta tikteb rumanz. Dan jurina li hemm aktar minn mod wieħed kif tħares lejn id-dinja, u l-lingwa tgħinna nsibu dawn il-modi differenti. Ma nistgħux, għalhekk, naċċettaw id-determiniżmu lingwistiku li jinsisti fuq il-jasar kunċettwali ta' l-individwu minħabba l-istruttura tal-lingwa tiegħu. Hemm modi differenti kif tgħid l-istess ħaġa u f'din il-varjeta' wieħed jista' jġarrab kreattivita' li tikxef viżjonijiet ġodda. U hawn jidħol ħafna l-kunċett ta' defamiljarizzazzjoni: ir-realta' titfaċċa f'dawl ġdid minħabba għamliet ideazzjonali ġodda.

Issa ħa naraw x'użu tagħmel Balzan mill-proċessi ideazzjonali. Tinqeda bihom għal żewġ raġunijiet: biex toħloq effett f'punt speċifiku fir-rumanz — dan il-proċess ideazzjonali li joħloq effetti lokali nistgħu nsejħulu *struttura ideazzjonali lokali (*SIL); u biex tibni kumulattivament il-viżjoni tad-dinja tal-protagonista tagħha — dan nistgħu nsejħulu *struttura ideazzjonali kumulattiva* (SIK). [26] Kulmeta Balzan tfakkarna fix-xejra epistolari tar-rumanz tuża element ta' SIL: "Lilek, għażiż nannu" (Kap 2), "Nixtieq infakkrek, għażiż nannu (Kap 7), "Għażiż nannu... n-neputija tiegħek, Nada" (Kap 13). Dawn l-istrutturi ta' l-ittra jġagħluna mmexxu l-interpretazzjoni tagħna dejjem skond Nada. Iħalluna f'moħħha. Ifakkruna li dak li qed naqraw huwa l-puntodivista mentali tagħha. Dan hu l-effett lokali. Mill-bqija, l-elementi stilistiċi jibnu s-SIK tar-rumanz: il-proċessi tal-ħsieb, in-narrazzjoni, id-djalogu, il-lingwa konnotattiva, il-predominanza tan-nominalizzazzjoni — dawn kollha għandhom importanza ideazzjonali għax jagħtuna l-istil tal-moħħ ta' Nada.

---

[25] BRIFFA, C., "The Voice of a Nation's Conscience: Oliver Friggieri's Fiction in Recent Maltese Literature" f' W. Riggan, ed., *World Literatature Today* (The University of Oklahoma, Summer 1997), p. 495-505.

[26] SIK hija traduzzjoni ta' "cumulative ideational structuring" li juża Fowler (1990), op.cit., p.150, u SIL bnejtha fuqha għax Fowler isejjaħ dawn l-elementi "local processes" jew "local devices".

Jagħtuna, jiġifieri, il-viżjoni tad-dinja ta' Nada mibnija fuq l-għamliet ritmiċi li joħorġu mis-SIK tar-rumanz.

L-istil mentali magħġun mill-istrutturi ideazzjonali tar-rumanz jiġbor fih it-twaħħid li diġa' semmejt tal-puntodivista ideoloġika u l-puntodivista psikoloġika. Jeħtieġ inħarsu aktar lejn l-elementi lingwistiċi li qed jikkontribwixxu għat-tfassil ta' l-istil mentali ta' Nada. Diġa' stabilejna l-fatt li l-epistolarju qed jagħtina lil Nada minn ġewwa u għalhekk kull ħaġa li hemm fir-rumanz irridu ngħidu li tinsab f'ruħha. Il-vokabolarju, l-għamliet semantiċi, u l-istrutturi sintattiċi li tuża huma indikazzjoni tal-firxa tat-tiġrib tagħha. Għax il-proża trid issawwar il-karattru.

Nagħrfu li l-vokabolarju għandu importanza ideazzjonali u tematika għax huwa dinamiku fil-kuntest tiegħu minħabba l-impressjonijiet li joħloq. Jeħtieġ li nħarsu lejn l-istruttura lessikali tar-rumanz bħala għadd ta' proċessi u relazzjonijiet, u niftakru li l-kliem għandu tifsir denotattiv u konnotattiv. Ir-rumanziera aktar qed tilgħab bl-effetti konnotattivi biex tagħti l-kulur emozzjonali ta' Nada. Il-vokabolarju jiġbor dan il-kulur mill-kuntest, jieħu l-ħajja mir-relazzjoni mal-kliem ta' madwaru. Huwa għalhekk meħtieġ li nifhmu l-proċess ta' lessikalizzazzjoni fir-rumanz, għax il-vokabularju ta' bniedem jimmappjalu l-firxa kunċettwali tiegħu. Ngħidu aħna, in-nannu għandu t-tendenza li jsawwar in-nomi fl-astratt.

> "Int tgħallimt tisma' minn kmieni u l-effett jinħass fit-tiswir f'waqtu tal-ħsieb, li jagħmel ġieħ lil moħħok. Għax il-ħsieb biex jinħamel maċ-ċirkustanzi li jinqalgħu u jirnexxilu jifdihom, la jrid ikun bikri u anqas imwaħħar. It-tiswir tiegħu jrid isir f'waqtu. Jien kont ħafna ikbar minnek meta wasal għal dan l-għarfien. Domt għal żmien twil imxiegħel b'kemm-il dehwa li mhux biss ma nessitnix l-eżistenza tas-skiet fil-qalba tan-natura, iżda ġagħlitni nistkerrah lil din l-eżistenza u naħrabha. L-istorbju u l-ħsejjes li jtarrxu ta' madwari kienu jnewluli l-aljenazzjoni li għalija kienet aktar ta' fejda mill-ħobż li kont niekol. Meta fl-aħħar, b'għajnuna barranija, intbaħt bit-tifrik ta' ħajti taħt id-daqqiet taż-żmien imgħaġġel, kien kollu għalxejn li fittixt ir-rifda għalija nnifsi fil-qawwa artifiċjali li kont inħaddan. Il-ħsieb għajjien kien ikarkar lilu nnifsu bla sura. Iżda kien baqa' biżżejjed fdalijiet biex inissluli l-ħajra li nrabbi l-ħila u nerġa' nibda mill-ġdid. Kont inħossni żgur li fil-għażla nejja tiegħi ma dħaltx għat-telf, imma issa li t-telf kien jidher imminenti, ma kontx biħsiebni nittollera t-tixjin imnewwel minn ambjent maħdum li jien stess kelli sehem fit-tiswir tiegħu." (Kap 1)

Il-lingwa hija msejsa fuq livell astratt b'termini bħal "effett", "tiswir", "ħsieb", "ċirkustanzi", "għarfien", "dehwa", "eżistenza tas-skiet", "l-istorbju u l-ħsejjes", "aljenazzjoni", "fejda" "għajnuna", "id-daqqiet taż-żmien imgħaġġel", "rifda", "qawwa artifiċjali", "ħsieb għajjien", "sura", "fdalijiet", "ħajra", "għażla nejja", "telf", u "tixjin". Dawn it-termini astratti jsaħħu l-istil moralizzanti tan-nannu. Il-lessikalizzazzjoni astratta qed titlob ukoll strutturi sintattiċi kumplessi bħal gruppi nominali kkomplikati, sentenzi mraqqdin f'oħra, u binjiet ikkoordinati ma' oħrajn. Fid-diskors tiegħu n-nannu dejjem jinfexx fil-filosofija tal-ħajja, u b'din il-lingwa joħloq il-perċezzjoni tiegħu li m'hijiex komuni għall-kelliema "normali" tal-Malti. Biha jiddefamiljarizza għerf it-tiġrib. Kultant ikollu jinqeda b'termini differenti biex jirreferi għall-istess idea: "tiswir f'waqtu tal-ħsieb" u "il-ħsieb... la jrid ikun bikri u anqas imwaħħar". Repetizzjoni bħal din issawwar impressjoni ta' stil mentali b'tendenzi ta' għalliem. L-istil ta' moħħ għalliemi (u l-istil ta' moħħ in-nannu huwa istruttiv) jissaħħaħ imbagħad b'każijiet ta' lessikalizzazzjoni żejda bħal "l-eżistenza tas-skiet" minflok sempliċiment "is-skiet".[27] Lessikalizzazzjoni żejda tinħoloq ukoll bl-użu ta' sinonimi ("L-Istorbju u l-ħsejjes") u l-użu estensiv ta' termini għal kunċetti relatati ("tifrik ta' ħajti", "Il-ħsieb għajjien", "l-ħajra li nrabbi l-ħila", "t-telf", "tixjin") li jifforgrawndjaw it-toqol tal-ħajja li tħoss ix-xjuħija.

Ix-xeħta personali li toħroġ mill-elementi lessiko-grammatikali tad-diskorsi tan-nannu tintiret minn Nada. Nilmħuha wkoll fl-ewwel taqsima meta Nada tipprova ddaħħalna fl-istil mentali ta' ommha, Erica. Fir-rumanz tixref predominanza ta' nominalizzazzjoni li xxaqleb bosta drabi lejn l-astratt. Jispikkaw ukoll l-użu tal-verb fil-preżent, it-tul ta' l-istrutturi, u l-forom passivi ta' l-elementi. Inħarsu ftit lejn dawn l-eżempji tipiċi biex forsi nagħrfu aktar il-qagħdiet ġewwiena ta' Erica u ta' Nada. Is-siltiet fil-grupp (A) huma meħudin mill-ewwel taqsima u jikxfu l-viżjoni tad-dinja skond Erica; u s-siltiet fil-grupp (B) jinsabu fit-tieni taqsima u jirriflettu l-puntodivista mentali ta' Nada.

GRUPP (A)

1. Kull firda minn niesha kellha sseħħ kważi b'qawwa mekkanika msejsa fit-trażżin tal-ħsibijiet li t-tnikkir tagħhom ifixkilha fit-twettiq tad-deċiżjoni li kienet ħadet. (p.20)

---

[27] Il-lessikalizzazzjoni dejjem għandha relazzjoni mal-kuntest tagħha. Jekk il-lessikalizzazzjoni żejda hija xhieda ta' l-istil istruttiv ta' moħħ in-nannu, f'każijiet oħra tista' turi xi ħaġa differenti.

2. Il-kburija fix-xogħol, imqawma bil-għarfien tal-potenzjal tal-qawwa artistika, tirfed l-irġulija u toħroġ l-artist miblugħ fih. (p.29)

3. L-ispirtu qallieb tiegħu kellu jinbeżaq minn ġewwa għal barra bla ebda limitazzjoni, xi drabi wkoll taħt is-sura iebsa ta' stmerrija għal kull eżistenza li b'xi mod thedded li xxellef is-sikta misjuba minnu. (p.31)

4. Meta Karl telaq mid-dar, man-niket tal-firda, in-nuqqas ta' qraba u ħbieb beda jagħfas fuq moħħha b'forza tant qawwija li xi drabi l-ħsieb kien jinħass jixxejjen fil-ħafna tas-solitudni. (p.56)

GRUPP (B)

1. Bil-borża ta' studju li kisbet, rebaħ ukoll in-nannu li seta' jara l-bidu ta' l-eżekuzzjoni tal-pjan tiegħu bla ma jxellef l-indipendenza finanzjarja tan-neputija. (p.73)

2. It-tbassir tal-kontribut li għad tista' tagħti fil-ġejjieni, jnaqqsilha xi ftit mis-sens ta' ħtija fil-konfront tagħha ma' Maris. (p.96)

3. Il-permanenza ta' l-espożizzjoni tal-kwadri fl-istudju, tiġbidha aktar minn kull ħaġa oħra. (p.101)

4. Ir-ritwaliżmu tal-kburija personali jipparalizzaha quddiem il-kompetizzjoni akkanita li hi stess ippreċipitat il-wasla tagħha. (p.101)

Il-kwantita' kbira ta' nominalizzazzjoni hija l-bażi ta' l-impressjoni tagħna ta' dinja mgħobbija tiġrib. L-oġġetti jaħdmu ta' aġenti u jingaġġaw ruħhom f'attivitajiet ma' l-ambjent, imma l-effett huwa kumulattiv. In-nominalizzazzjoni timplika għarfien u twaħħid mat-tiġrib emozzjonali.

Minn dawn is-siltiet nindunaw kemm Nada, Erica, u n-nannu għandhom dispożizzjonijiet mentali simili, kif jixhdu l-elementi lingwistiċi li huma t-tlieta jużaw. Semmejna l-lessikalizzazzjoni żejda tan-nannu f' "l-eżistenza tas-skiet" (minflok "is-skiet" biss). Din tinsab ukoll f'Erica ("it-twettiq tad-deċiżjoni" minflok sempliċiment "id-deċiżjoni") u f'Nada ("l-eżekuzzjoni tal-pjan" minflok "l-pjan"). Jekk inħarsu lejn dawn it-tliet frażijiet nominali kif ingħataw fir-rumanz insibuhom imswarin minn

| (Nom Definit -1) + (il-Prepożizzjoni *ta'*) + (Nom Definit -2) |
|---|

Issa semantikament in-(Nom Definit - 1) jinħass żejjed għax jinsab fin-(Nom Definit - 2): jiġifieri, "is-skiet" irid ikollu l-eżistenza tiegħu, "id-deċiżjoni" jrid ikollha t-twettiq tagħha, u "l-pjan" irid ikollu l-eżekuzzjoni tiegħu. L-iskop fi frażijiet bħal dawn huwa li t-tieni nom jispikka b'aktar qawwa biex juri t-tiġrib tal-karattru aħjar li huwa parti mit-tema tar-rumanz.

Kultant insibu każijiet ta' lessikalizzazzjoni nieqsa. Meta Erica toqgħod tgħarbel il-ħsieb tagħha dwar ir-relazzjoni tagħha ma' Karl tinqeda b'ċerti ewfemiżmi biex turi li seħibha jrid jaħrab il-verita' u r-responsabilta' ta' dik il-verita'. Iħufu fil-ħsieb tagħha nsibu "jillegalizzaw ir-rabta ta' bejniethom" (Kap 4 = "jiżżewġu"), "ma jillegalizza ebda rabta" (Kap 5 = "ma jiżżewwiġx"), u "xkiel ta' rbit uffiċjali" (Kap 5 = "żwieġ"). Is-sostituzzjoni ta' kelma b'espressjoni kumplessa tenfasizza l-idea u twissi lill-qarrej biex joqgħod b'seba' għajnejn għal xi tifsir implikat. Fil-kumplessita' tas-siltiet ikkwotati jispikkaw ħafna "jillegalizzaw"/ "jillegalizza", "rabta"/ "rbit uffiċjali", u "xkiel" li jnisslu attitudni negattiva fuq iż-żwieġ bħala esperjenza legali ta' rabta u xkiel. It-tidwir tal-kliem iservi ta' analiżi tas-sitwazzjoni u jimla l-vojt. Fl-istess ħin jiddefamiljarizza r-relazzjoni ta' bejniethom biex joħloq perċezzjoni mhux tas-soltu, u b'hekk il-lessikalizzazzjoni nieqsa jkollha effett kreattiv.

## STIL TA' PROŻA AKKADEMIKA

Ma rridux ninsew li t-tliet karattri (in-nannu, Erica, u Nada) huma prodott ta' l-istess moħħ kreattiv. L-awtriċi hija xjentista,[28] u naslu ngħidu (għax huwa minn awl id-dinja) li l-istili ta' moħħhom huma qrib ħafna 'l tagħha għax l-elementi lingwistiċi li jħaddmu nsibuhom ukoll fl-istil xjentifiku. Nibdew biex ngħidu li kitba xjentifika akkademika hija ġeneralment mimlija espressjonijiet nominali. U għalhekk il-varjeta' ta' strutturi nominali (i.e. il-frażijiet nominali komposti, in-nominalizzazzjoni, u l-frażijiet nominali kumplessi) jagħmlu r-rumanz qrib ħafna d-dispożizzjoni xjentifika akkademika. Balzan fir-rumanz tipprova tikkomunika tagħrif preċiż imma fl-istess waqt toħloq ideat ġodda b'metafori bħal "għażla nejja", "ħafna tas-solitudni", u "It-tbassir tal-kontribut" biex il-ħsieb astratt jinbidel f'kunċett prattiku. L-użu tal-verb fil-preżent, it-transitivita', u l-forom passivi huma wkoll karatteristiċi tal-lingwa xjentifika. It-tendenza ta' dawn il-karatteristiċi hija l-impressjoni ta' oġġettivita' u l-parteċipji passivi juru li l-azzjonijiet ma għandhom ebda aġent speċifiku. B'hekk id-dinja għal Nada mhux dejjem tidher spjegata, u dan il-fatt isaħħaħ l-impressjoni tat-tiftix. Ir-rumanz huwa tiftixa, investigazzjoni umana.

F'diversi partijiet tiegħu l-proża tinqeda b'espressjonijiet nominali li jirreferu għal qagħdiet speċjalizzati fil-ħajja interna tal-karattri bl-istess qawwa u forza ta' terminoloġija teknika f'xi kitba akkademika. Fid-dinja testwali l-qagħdiet mentali huma kkonvertiti f'kunċetti tekniċi għal referenza aħjar. Imma fl-istess waqt jaħtfu magħhom ħsibijiet imsakkra fis-subkonxju u jorganizzawhom loġikament mar-ritmu tagħhom. Inħarsu ftit lejn dawn is-siltiet.

*Silta (A)*
"Il-qadim ma jitħallatx mal-ġdid. Jista' jiddaqqas u jinħamel miegħu, iżda jibqa' maqtugħ minnu bħal-lejl min-nhar. L-għażla superfiċjali li tidher bejniethom mhix għajr ix-xbieha ta' dagħbien li jifred u li ma jimteliex bil-laqx taż-żmien. Il-qadim ma jitħallatx mal-ġdid u l-ħsibijiet il-qodma jibqgħu jingħażlu mill-ġodda mqar meta jiġu mseħbin minn moħħ wieħed, aħseb u ara meta jissawru minn żewġt imħuħ daqshekk imbegħdin fiż-żmien bħal tagħna. Iżda jien ma nixbax nitkellem miegħek. Iġġagħalni nissogra nemmen li l-biċċa l-kbira ta' ħsibijiet ma jafux b'taqdim. Forsi għax baqgħu jevolvu u jiġġeddu fil-ftuħ ta' ġejjieni bla orizzonti. Il-ġejjieni tiegħek jinbena fuq il-preżent li xi darba, żmien ilu, kien jista' jingħadd bil-ġejjieni tiegħi;  iżda jiena u

---
[28] Ara n-Nota Bijografika fit-taqsima ta' wara.

int m'għandniex nitkejlu mal-ġejjieni limitat ta' għada. It-tiġdid jinkiseb bil-għajxien tal-preżent fil-ftuħ ta' ġejjieni bla orizzonti." (Kap 1)

*Silta (B)*
"L-isfond ta' ħajti l-preżent." (Kap 3)

*Silta (~)*
*Nixtieq infakkrek, għażiż nannu,* illi kieku Nada kellha terġa' tibda tgħix mill-ġdid, din id-darba b'rajha f'idejha, l-għażla tagħha ma tkunx differenti minn dik li ommha kienet għamlet għaliha. Iżda ż-żmien m'għandux għalfejn jerġa' lura biex jagħti ċ-ċans lil min ikun irid iħassar jew jikkonferma b'tennija, l-għażla li kienet saret għalih minn ħaddieħor. Fil-ġirja tiegħu 'l quddiem jislef il-preżent lil min jaf jgħix. Lil min jeżisti biss, jaħrablu bħal ħalliel bla ma jħallilu xejn f'idejh. Nada tħobb il-ħajja u għalkemm iż-żmien għaddej minn fuqha b'pass imgħaġġel ħafna, ma tistax tgerger li m'hu jħallilha xejn f'idejha. Issa li għalqet is-sebgħa u għoxrin sena għandha kull jedd tħares lura b'sodisfazzjon għax ma tantx ħliet ħin f'ħajjietha. Iżda l-passat ma jqanqal fiha ebda nostalġija. "Dak għeb mill-jien biex qatt jerġa' għal li kien," kien jgħid in-nannu fi preżent li llum jitqies b'passat. Kienet tgħallmet minn kmieni li m'għandhiex tixtieq dak li ma jistax ikollha u dak kollu li ma tixtieqx ma jġibilhiex nostalġija. Bla xkiel ta' xewqat mikruma, tħossha ħielsa li tgħix il-preżent mingħajr il-ħtieġa li tinsa l-imgħoddi. Għax l-imgħoddi mhux ta' min jinsieh għal kollox. Fid-dar tan-nanniet tagħha ma kien jonqosha xejn, kważi anqas l-eżistenza t'ommha. Forsi għax tilfet 'l ommha kmieni u postha mtela mill-ewwel minn dawk li jħobbuha għax iqisuha b'tagħhom. Huma wkoll kienu jsarrfu d-dinja għaliha u d-dinja li tgħożż qatt ma ġġarrfet quddiemha. It-tlieta flimkien kienu jsawru eżistenza ħielsa minn kull taqbid li jherri minn ġewwa. Anqas l-eta' avvanzata tan-nanniet ma kienet toħnoq ir-relazzjoni ta' bejniethom. Ħdejn il-ġenituri ta' tfal oħra kienu jidhru kbar fiż-żmien u mhux l-ewwel darba li xtaqithom iżgħar fl-eta' biex il-kuntrasti ma jagħtux fil-għajn. Għax dik il-ħabta kienet tixtieq tkun bħal sħabha f'kollox; mingħajr distinzjoni ta' xejn. Iżda l-imħabba li kienet imdawra biha d-dar, kif ukoll iż-żgħożija fil-ħsieb u fit-twemmin ta' niesha, jegħlbu kull sens ta' ħtija u sal-lum iġegħluha tkun kburija bl-identita' tagħha. (Kap 7)

Silta (A) hija l-ewwel paragrafu tar-rumanz. In-nannu jissettja r-ritmu psikoloġiku bid-definizzjoni tiegħu tal-preżent, definizzjoni li tħaddan il-kunċett tal-ġdid fiha imma li tagħraf u tammetti l-kontinwita' mill-qadim għall-ġdid. Il-ġdid u l-qadim huma termini relattivi minħabba li l-imgħoddi (qadim) inewwel il-preżent (ġdid) u l-preżent (qadim, f'sens futuristiku) irid inewwel il-ġejjieni (ġdid). Mhux taħlit irid ikun hemm imma kontinwita', u dan il-ħsieb huwa essenzjali fit-tema ta' l-identita'. It-taħlit iġib tfixkil fl-identita' għax il-valuri individwalisti ma jingħarfux. Fil-waqt li l-kontinwita' (li, kif rajna, tinħass ħafna

fl-istili mentali tat-tliet ġenerazzjonijiet) hija l-qofol ta' identita' stabbli — nemmen li din hija t-teżi ewlenija tar-rumanz.

Mela l-preżent jagħsar fih il-ġdid u l-kontinwita', u għaldaqstant is-Silta (B) tidher interessanti. Karl qiegħed ipinġi wiċċ Erica u jgħidilha: "Wiċċek irid jinbena fuq l-isfond ta' ħajtek." (p.22) U hi tlissen il-kliem ta' Silta (B) fejn qed tipprova tidfen il-"passat medjokri tagħha" għax qiegħda tippretendi "opportunitajiet aħjar fil-ġejjieni". Fis-subkonxju ta' Erica hemm l-enfasi fuq il-ġdid, imma l-pittur kien irnexxielu jaħtaf fuq it-tila "L-espressjoni ġewwiena" (p.105) biex jikxef l-ispirtu ta' din il-mara. Tant hu hekk li x-xbieha fixlitha lil Nada meta ltaqgħet max-xbieha mpittra ta' ommha għall-ewwel darba. U fil-bidu u fl-aħħar, post ommha fil-mera huwa dejjem ħdejha: kontinwita' b'implikazzjoni. Ix-xbieha fil-mera hija dejjem il-preżent. Meta tasal Nada (Silta ~) il-kontinwita' tispikka aktar u niltaqgħu mat-tisħiħ ta' l-imgħoddi biex tistgħana l-identita'. Hawnhekk il-ġdid jilbes dimensjoni li ġġorru lejn l-imħabba li hija l-bażi tal-kontinwita'. B'dan kollu l-ħsieb għandu jibqa' żagħżugħ u ħieles: dawn huma xi wħud mill-valuri li newlulha nannietha fl-imħabba. U bejn in-nannu u Nada trid tidħol l-omm. Is-simbolu tax-xbieha fil-mera jindika li d-dħul seħħ fil-psikoloġija ta' Nada mingħajr ma xxellfet il-kontinwita', anzi s-sejba ta' l-omm tat tisħiħ ġdid lill-identita'.

> Fuq kollox bejn l-imgħoddi, il-preżent u l-ġejjieni m'hemmx barrieri viżibbli li ma jingħelbux fil-ħsieb, u sakemm tibqa' tgħix kompletament fil-preżent, tista' timraħ fejn trid hi. (Kap 13)

Konklużjoni xierqa. Ir-rumanz jiftaħ b'definizzjoni ta' x'inhu l-preżent u jagħlaq bil-qawwa li għandu l-preżent biex imexxi l-ħsieb 'l hawn u 'l hemm.

Il-preżent, f'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed*, mela jiġbor kunċetti kumplessi u preċiżi repetittivament u biex ikun hemm koerenza jeħtieġ li l-kunċetti jitlaqqgħu flimkien. Imma mid-daqsxejn diskussjoni li għadna kemm temmejna jidher il-prinċipju ta' akkumulazzjoni lineari. Skond dan il-prinċipju kull element sinifikanti fir-rumanz jidħol fi proċess kontinwu biex il-preżentazzjoni tiegħu f'kull stadju dejjem tinbena fuq kulma jkun intqal qabel. L-element jiġbor għarfien minn dak li jkun diġa għadda. Donnu dak l-element fil-binja tal-qiegħ tiegħu kull darba jirrepeti kulma mess miegħu qabel u jżid xi ħaġa ġdida mal-ġabra.

Jeħtieġ issa nidħlu aktar fil-qalba ta' l-istil mentali ta' Nada ħalli nifhmu ftit aħjar il-perċezzjoni tagħha. Dan nistgħu nagħmluh billi neżaminaw il-forom ta' transitivita' li jiddeterminawlha l-viżjoni tagħha. It-transitivita' turina l-proċessi u l-parteċipanti tal-proċessi fil-ġrajjiet li jkunu għaddejjin minn quddiemna. Nieħdu din is-silta meta Nada tiltaqa' għall-ewwel darba mal-pittura ta' ommha mingħajr ma tkun taf min hi eżattament ix-xbieha:

> Ma' l-ewwel daqqa t'għajn il-kwadru tal-pittur ma kienx jidher xi biċċa xogħol speċjali. Kienet rat ħafna deskrizzjonijiet ta' wċuħ fil-pittura u waħedha sawret l-idea li x'aktarx ebda tpinġija oħra ta' din ix-xorta ma timpressjonaha iżjed bl-oriġinalita' tagħha. Iżda aktar ma ffissat tħares lejn il-kwadru, aktar bdiet issib x'jolqotha fih. L-għajnejn suwed u kbar kienu l-qofol tax-xbieha li kellha quddiemha. Il-bqija tal-wiċċ, għad illi b'fattizzi ċari, bħal jinħeba fid-dell tagħhom. L-espressjoni ġewwiena li qisha ġiet mikxufa apposta fil-beraħ mill-pittur biex jissokta jistudjaha bil-kumdita' tiegħu, kienet xi ħaġa ta' l-għaġeb. Tgħid il-mara sfat daqshekk disposta li terħi l-ispirtu tagħha f'idejh, jew kollox kien frott ta' l-immaġinazzjoni tiegħu? Kien hemm xi ħaġa familjari fil-pittura li lil Nada bdiet tħawwadha. Imma hi qatt ma kienet rat dik il-pittura qabel. Bħal tkexkixa ġriet ma' ġisimha kollu. (Kap 10)

L-istil sensittiv ta' moħħ Nada joħroġ minn dawn il-forom:

- insibu verbi li juru stat: "ma kienx jidher"
  "kienu l-qofol"
  "kien frott"
  "kien hemm xi ħaġa"

- insibu proċessi mentali fil-verbi:
  "kienet rat"
  "sawret l-idea"
  "ma timpressjonaha iżjed"
  "ffissat tħares"
  "sfat daqshekk disposta"
  "bdiet issib x'jolqotha fih"
  "jissokta jistudjaha"
  "terħi l-ispirtu tagħha"
  "bdiet tħawwad"
  "ma kienet rat"

- insibu proċess bħala bidla fuq xi ħaġa mingħajr il-kontroll tagħha:

"L-espressjoni...ġiet mikxufa"

- u azzjonijiet insibu: "jinħeba"
  "ġriet"

Il-predominanza tal-proċessi mentali juru stil introspettiv. Il-verbi jwasslulna xi attivita' jew stat tan-nomi assoċjati magħhom, u biex inkomplu l-analiżi jeħtieġ nirreferu għal dawn lin-nomi li jwasslu kunċetti u entitajiet partikolari. Il-biċċa l-kbira tan-nomi huma oġġetti mingħajr kontroll volontarju u jidħlu fi gruppi nominali għall-elaborazzjoni:

"il-kwadru tal-pittur"

"xi biċċa xogħol speċjali"

"ħafna deskrizzjonijiet ta' wċuħ fil-pittura"

B'assoċjazzjoni l-astratt jassumi aspetti ta' oġġett fiżiku. F'każijiet oħra n-nomi jkollhom sehem xi jwettqu:

"Il-bqija tal-wiċċ"

"L-espressjoni ġewwiena"

"Nada"

huma entitajiet li jaħdmu bħala benefiċjarji għax jirċievu xi azzjoni ;jew proċess. Kultant il-gruppi nominali juru xi ċirkustanza:

"bl-oriġinalita' tagħha"

"bil-kumdita' tiegħu"

jewinkella jagħtuna binjiet psewdo-lokattivi għax in-nomi jidhru qishom postijiet:

"fil-pittura"

"fid-dell"

"ma' ġisimha kollu"

Din l-aħħar frażi hija psewdo-lokattiva li tiddepersonalizza lil Nada għax tittrattaha donnha xi post. F'din is-silta n-nomi m'humiex aġenti jwettqu għemejjel imma huma parteċipanti passivi fil-proċessi mentali, u għax huma passivi joħolqu kuntrast mal-proċessi. L-ambjent huwa inattiv imma moħħ Nada huwa attiv b'dak li qed jirreġistra. B'moħħha, f'moħħha, u ma' moħħha l-ambjent qed jiġi kkontrollat u l-interazzjoni tagħha miegħu tinħass espressjoni ġewwiena. Il-fokalizzazzjoni prinċipali tibqa' fuq il-perspettiva interna u l-ħsibijiet tal-karattru ewlieni.

Li qed tagħmel Balzan huwa li ġġagħal il-lingwa tibni puntodivista bħala prinċipju organizzattiv tal-protagonista tagħha. Tagħtiha xeħta personali biex

moħħha jsir il-lok minfejn tista' tħares lejn id-dinja tagħha ħalli Nada tkun f'qagħda li tittrasforma sistematikament dik id-dinja minn waħda bla rbit għal waħda b'relazzjonijiet qawwija:  dinja li fiha l-bniedem jidher aġent ħieles ta' għemilu, iliġġem ħajtu. L-istrateġija stilistika tan-nominalizzazzjoni (mgħejjuna minn elementi oħra bħall-użu tal-preżent, it-transitivita', u l-forom passivi) taħdem biex twettaq id-defamiljarizzazzjoni għax il-qarrej jeħtieġlu jtella' perċezzjoni mhux tas-soltu.

## IN-NIXXIEGĦA TAL-ĦSIEB

Imma din l-istrateġija hija aktar minn hekk: hija psikostilistika. Toffri sfog għan-nixxiegħa tal-ħsieb[29] ta' Nada li ttella' assoċjazzjonijiet u impressjonijiet f'moħħha x'aktarx b'mod ħieles. Il-ħsieb u s-sensazzjoni jimxu bħall-mewġ, dejjem kontinwi, fir-rumanz. Balzan tiskandalja l-fond tas-subkonxju minħabba l-anglu tan-narrazzjoni li jnixxi interpretazzjoni konċettwali astratta. Lil Nada tagħtiha moħħ analitiku li jivverbalizza l-ħsieb u fl-istess waqt jifforgrawndja s-subkonxju. In-nominalizzazzjoni tressaq il-ħtieġa għall-preċiżjoni u għall-ġabra li tinkludi kollox,. U r-rikonċiljazzjoni ta' dawn iż-żewġ ħtiġiet (li m'hix ħaġa ħafifa) titwettaq bin-nominalizzazzjoni, imqanqla mis-subkonxju (jew mill-binja tal-qiegħ). In-nominalizzazzjoni hija element konvenjenti għal dan l-istil mentali biex jirreferi għal bosta aspetti ta' l-għemil uman — naturalment skond il-bżonn tad-dinja testwali — u fl-istess ħin jinkorpora kwalifakazzjonijiet u jdeffes aġġettivi kemm ikun jeħtieġ f'partijiet sintattiċi differenti. Din it-tip ta' lessikalizzazzjoni tipprovdi firxiet semantiċi aktar għall-introspezzjoni tal-karattri li jridu jrekknu dettal wara dettal u kwalifikazzjoni wara kwalifikazzjoni fl-istrutturi tagħhom. Imma ħa naraw daqsxejn kif Balzan timpjega t-teknika tan-nixxiegħa tal-ħsieb[30] fin-nisġa tar-rumanz.

> F'dik il-għodwa sabiħa tal-ħarifa, b'wiċċha kważi jmiss mal-ħġieġ tat-tieqa ta' quddiemha u b'ħarsitha mitfugħa fil-vojt magħżul li l-ebda ħajt diviżorju ma jista; jifridha minnu, Erica setgħet tisma' jidwi f'widnejha l-leħen imqanqal ta' Karl fl-ewwel stedina li għamlilha biex taqsam miegħu l-viżjoni ta' ħajja mnibbta fil-ħelsien, imqar jekk mhux dejjem mirfuda minnu.

[29] Din hija l-famuża "stream of consciousness" li Friggieri jsejħilha "nixxiegħa tal-kuxjenza": FRIGGIERI, O., *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (PEG, Malta, 1996), p.469. It-terminu bl-Ingliż sawru l-psikoloġista William James (1842 - 1910), ħu r-rumanzier Henry James (1843-1916), u l-kritiċi letterarji nqdew bih biex jiddeskrivu l-proċessi mentali li bdew jitfaċċaw fil-proża kreattiva l-aktar ta' Dorothy Richardson (1873-1957), James Joyce (1882-1941), u Virginia Woolf (1882-1941). Bil-Malti, nippreferi "nixxiegħa tal-ħsieb" għax il-ħsieb jirrifletti tifkiriet, xewqat, sentimenti, stkerrih, għarfien, injoranza, intuwizzjoni, sensi, kuxjenza, u dak kollu li jgħaddi minn ġo l-għarbiel tal-moħħ biex iwassal perċezzjoni li tirrifletti x-xeħta personali tal-karattru.

[30] Għalkemm hawnhekk m'hijiex issir id-distinzjoni, ta' min jagħżel sew bejn il-monologu intern u n-nixxiegħa tal-ħsieb. It-terminu "monologu intern" napplikawh x'aktarx għat-teknika użata fil-ħsieb dirett ħieles mingħajr ħjiel ta' narratur, u "nixxiegħa tal-ħsieb" napplikawh għar-rappreżentazzjonijiet tal-proċessi tal-ħsieb b'varjeta' ta' mezzi bħal ħsieb dirett, ħsieb indirett, ħsieb dirett ħieles, ħsieb indirett ħieles, u tixbihat. It-tnejn jistgħu jservu biex jikxfu l-psikoloġija tal-karattri.

Għaliex kellu jiltaqa' mal-mara li żżewweġ qabel ma sar jaf lilha? Kieku dak iż-żmien ma kienx lest jirhan lilu nnifsu daqshekk malajr, kieku issa missierha ma kienx jopponi bl-ikrah ir-relazzjoni mwaħħra ta' bejniethom u hi kienet tkun tista' tgawdi s-sliem ġewwieni li t-tifsira tiegħu tiftiehem biss b'manipulazzjoni barranija min-naħa tagħha. Iżda Karl jagħraf il-ħelsien aktar minn kull bniedem ieħor li taf hi u b'dan l-għarfien f'idejh seta' jsawwar realta' mqanqla li titwieżen bit-tiswir kontinwu tagħha. Fil-qofol taż-żgħożija kienet teħtieġ il-ħelsien u l-artist kien jeħtieġ imħabbitha għat-twettiq tiegħu nnifsu. Imqar jekk ix-xitwa kellha toqrob b'pass imgħaġġel, Erica setgħet tbassar biss staġun fietel, miftum mill-qilla sewdiena li kellha tiġi mxejna mat-tifrik tal-monotonija. Ix-xitwa li tagħżel hi tkun tista' tindehes mar-rebbiegħa mingħajr il-biża' li ż-żewġ staġuni jheddu 'l xulxin bil-firda mġebbda ta' bejniethom.

B'ħedla mentali aktar milli fiżika nqalgħet minn mal-ħġieġ tat-tieqa, b'fehma soda li ma tinsa qatt dik id-dehra mrattba tal-ħarifa. Kienet għażlet siegħa tal-jum li d-dar tkun vojta għal kollox biex tkun tista' titlaq fil-kwiet, bla tfixkil u mingħajr il-ħtieġa li titwikka bix-xebh ta' ħalliel li jiżgiċċa ħafif matul il-lejl. Għaliha d-dehra mit-tieqa kienet is-sħubija waħdanija li hi setgħet tagħżel li tinfatam minnha b'nostalġija. Kull firda minn niesha kellha sseħħ kważi b'qawwa mekkanika msejsa fit-trażżin tal-ħsibijiet li t-tnikkir tagħhom ifixkilha fit-twettiq tad-deċiżjoni li kienet ħadet. Karl kien ġa sar il-qofol ta' ħajjitha u li tarah hieni magħha kellha tkun il-mira tax-xewqat u s-sentimenti kollha tagħha. Il-ħsieb li hu kien qiegħed jistenniha biex jitbiegħdu flimkien għad-destinazzjoni magħżula minnu, jagħmlilha l-qalb u jbeżżagħha fl-istess waqt. Kien jeħtiġilha tibqa' tfakkar lilha nnifisha li ma kinetx se taħrab waħedha u li l-wegħda ta' Karl tinħass sħiħa daqs l-ambjent magħruf li se tħalli warajha. Kull għamla ta' nostalġija, ukoll dik marbuta ma' dehra għaddiena fin-nisel tagħha bħad-dehra mit-tieqa, għandha l-qawwa li ddallam il-viżjoni ċara li kienet taħseb li tħaddan. Jaqblilha titlaq bla aktar telf ta' żmien. Il-bagalja li ħejjiet b'xi ħwejjeġ tal-bżonn mhix tqila u ma tfixkilhiex fil-ħarba mill-emozzjonijiet mhux mixtieqa. Bħal ħalliel mifxul mill-biża' li jinqabad minnu stess, trid tlebbet 'il bogħod bla ma qatt tħares lura, anqas biex tkejjel id-distanzi mitmuma ta' bejnha u bejn il-fdalijiet prezzjużi li ħalliet warajha. (Kap 2)

Hawn għandna l-bidu tar-relazzjoni Erica-Karl, u Erica qiegħda tiżen il-qagħda tagħha. L-istil indirett ħieles, komuni f'rumanzieri oħra tas-seklu għoxrin bħal Virginia Woolf, jirrendi ħsieb f'għamla ta' taħdit indirett (li jinqeda ħafna bit-tielet persuna u bil-verb fil-passat) imma jżomm vokabolarju li jixraq lill-karattru u jtajjar ' l hemm biċċiet bħal "ħasbet" u "staqsiet lilha nnifisha" li stil narrattiv aktar formali x'aktarx juża. B'hekk Balzan tagħti d-dehra ta' aċċess intimu għal moħħ Erica mingħajr ma ċċedi għal kollox il-parteċipazzjoni awtorjali tagħha jew tan-narratriċi tagħha.

F'biċċiet minn din is-silta nħossu l-preżenza tan-narratriċi:

> F'dik il-għodwa sabiħa tal-ħarifa, b'wiċċha kważi jmiss mal-ħġieġ tat-tieqa ta' quddiemha u b'ħarsitha mitfugħa fil-vojt magħżul li l-ebda ħajt diviżorju ma jista; jifridha minnu, Erica setgħet tisma' jidwi f'widnejha l-leħen imqanqal ta' Karl fl-ewwel stedina li għamlilha biex taqsam miegħu l-viżjoni ta' ħajja mnibbta fil-ħelsien...

> B'ħedla mentali aktar milli fiżika nqalgħet minn mal-ħġieġ tat-tieqa, b'fehma soda li ma tinsa qatt dik id-dehra mrattba tal-ħarifa. Kienet għażlet siegħa tal-jum li d-dar tkun vojta għal kollox biex tkun tista' titlaq fil-kwiet...

Dawn huma stqarrijiet tan-narratriċi, stqarrijiet impersonali għax iridu jagħtu d-dehra ta' barra qabel ma l-qarrej jiddaħħal fil-moħħ. Imma permezz tal-lingwa figurattiva fl-ewwel paragrafu nibdew nidħlu f'moħħha, u dan iwassalna għall-mistoqsija tat-tieni paragrafu, mistoqsija mogħtija bi stil indirett ħieles mingħajr l-intrużjoni tan-narratriċi. Ir-ritmu tal-mistoqsija jagħmilha espressjoni familjari u nagħrfu aħna li dak huwa l-istil tat-taħdit ta' Erica. Fil-kumplament tat-tieni paragrafu nibqgħu f'moħħha minħabba l-istrutturi tal-probabilta' ("kieku..."; "jekk...") u l-għamliet tal-verb fil-preżent li jseddqu l-familjarita' u l-attwalita' tal-ħsieb. Il-metafori jsostnu dan l-istil għax huma kompatibbli mal-perċezzjoni. It-tielet paragrafu jerġa' jiftaħ bil-preżenza tan-narratriċi imma l-lingwa figurattiva (imqanqla mill-perspettiva ta' Erica) tqabbiżna spiss f'moħħ Erica sa ma donna nibqgħu hemmhekk l-aktar bl-użu tal-verb fil-preżent li jindika preżenza ta' moħħ dirett.

L-attwalita' u l-metaforiku, il-preżent u l-passat jintisġu flimkien u jaħdmu fuq xulxin fl-istrutturi kultant imtawlin biex l-ideat iqandlu lil xulxin. Minn idea ngħaddu għal oħra sa ma nsawru l-qafas tal-qagħda esperjenzali ta' Erica f'mument deċiżiv ta' ħajjitha. Huwa mument tqil fil-ħajja ta' żagħżugħa: titlaq lill-ġenituri tagħha għall-imħabba ta' raġel. U n-nominalizzazzjoni tkattar din id-dehra ta' toqol billi tippakkja l-espressjonijiet b'ħafna dettalji. L-istil huwa nominali ħafna u l-qarrej irid iħott dawk l-espressjonijiet biex jifhem kollox. Kultant wieħed jitħasseb jekk espressjoni bħal "tal-ħsibjiet li t-tnikkir tagħhom ifixkilha fit-twettiq tad-deċiżjoni li kienet

ħadet" setgħetx ingħatat b'mod eħfef bħal, ngħidu aħna, "aktar ma taħseb aktar iddum ma tieħu deċiżjoni". U xi wħud mill-elementi nominali ma ssibhomx fid-diskors komuni ("ir-relazzjoni mwaħħra", "dehra għaddiena fin-nisel").

Imma Balzan teħtieġ in-nominalizzazzjoni biex turi l-ħsieb speċjalizzat ta' l-introvert. Il-lingwa tnaqqas l-ambigwita' u ssir preċiża. Trekken bosta tagħrif ħa tinkorpora kondizzjonijiet u kontinġenzi li jistgħu jfettħu l-istil mentali u jfettqu fuq tnissil il-bniedem.

Balzan m'hix l-ewwel waħda li ħaddmet it-teknika tan-nixxiegħa tal-ħsieb għax fil-ġrajja ta' seklu sħiħ ta' żvilupp ir-rumanz Malti spiss jinfexx jinterjorizza l-esperjenza umana. Xogħlu huwa t-twettiq tas-sentenza "Cogito, ergo sum" (Naħseb, mela jien jien) u fil-"cogito" r-rumanzier ideffes wisq aktar mir-raġunar għax il-ħsieb juri sentimenti, beżgħat, sensazzjonijiet, tifkiriet, u fantasiji. Sa mill-ewwel rumanz letterarju li għandna, *Ineż Farruġ* (1889) naraw il-karattri ewlenin jitħassbu u jinkwetaw, u Alessandru f'*Taħt Tliet Saltniet* (1935) jidher introspettiv ossessjonalment. Ir-rumanz storiku ta' Agostino Levanzin (1872-1955), Ġużè' Muscat Azzopardi (1853-1927), Ġużè' Galea (1901-1978), u Ġużè' Aquilina (1911-1997) tella' fuq il-palk karattri bħala atturi soċjali imma tahom ukoll sensitivita' għall-ħajja ġewwiena li tgħum fl-emozzjoni u fil-moralita'. Kif qaleb nofs is-seklu għoxrin ir-realta' bdiet aktar tiġi llokalizzata fil-privat, u kien hemm bżonn tal-konxju soġġettiv tal-karattri — kif insibuhom fi Francis Ebejer (1925-1993), Frans Sammut (1945- ), Rena Balzan (1946- ), Oliver Friggieri (1947- ), Trevor Zahra (1947- ), u Paul P. Borg (1949- ). L-iskop tar-rumanz li jikxef il-ħajja interna tal-karattri m'huwiex is-solipiżmu (jew id-duttrina filosofika li tgħid li xejn m'hu veru ħlief l-eżistenza tal-bniedem) imma t-tperriċ imaġinattiv tal-kuxjenzi, il-ħajjiet interni ta' bnedmin oħra, permezz ta' l-assoċjazzjonijiet ħielsa u l-mixja libera tal-ħsibijiet u l-impressjonijiet imsawra f'moħħ ta' karattru f'xi waqt partikolari tal-ġrajja. Ir-rumanzi introspettivi li jinqdew b'xi għamla tan-nixxiegħa tal-ħsieb — ngħidu aħna, *Samuraj* (1974)*, Ħdejn in-Nixxiegħa (*1975)*, Requiem for a Malta Fascist* 1980)*, L-Istramb (*1980)*, Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (1987)*, Għeluq* (1990) — jiġġeneraw simpatija għall-karattri ewlenin tagħhom, għall-karattri li ruħhom qed titperreċ avolja x-xeħta ta' ħsibijiethom tista' tkun antipatka, stramba, egoista, jew b'xi mod ieħor kerha. Li awtur jgħaddasna kontinwament ġo moħħ karattru li ma jeħtiġlux simpatija jista' jkun intollerabbli għall-qarrej jekk l-

awtur ma jħaddimx pjan ta' assistenza ritmika li jagħmel il-proża varjata u interessanti.

Parti mill-istrateġija ta' Balzan f'din ir-rappreżentazzjoni interna hija l-bixra ta' l-istil indirett ħieles. L-awtriċi ddeffes ftit mill-elokwenza akkademika tagħha fin-nixxiegħa tal-ħsieb ta' Erica (u fit-tieni taqsima anki f'ta' Nada) mingħajr ma tidher ovvja.  Jekk nieħdu s-sentenzi tas-silta twila li kkwotajna u ndawruhom fl-ewwel persuna jinħassu aktar letterarji. Ħa nipprovaw biċċa:

> Għaliex kellu jiltaqa' mal-mara li żżewweġ qabel ma sar jaf lili? Kieku dak iż-żmien ma kienx lest jirhan lilu nnifsu daqshekk malajr, kieku issa missieri ma kienx jopponi bl-ikrah ir-relazzjoni mwaħħra ta' bejnietna u jien kont inkun nista' ngawdi s-sliem ġewwieni li t-tifsira tiegħu tiftiehem biss b'manipulazzjoni barranija min-naħa tiegħi.

Donnu xi ħadd qed jikteb tifkira awtobijografika. Tinstema' artifiċjali aktar mill-oriġinal għax tinħass wisq bħala kitba.

## IL-PREŻENTAZZJONI TAL-ĦSIEB

Dan kollu jżid isaħħaħ il-fatt li r-rumanz huwa psikoloġiku. Insiru nafu lill-karattri ewlenin mhux mid-deskrizzjoni imma minħabba li naqsmu l-ħsibijiet intimi tagħhom imwassla b'nixxiegħa mdamdma bin-nominalizzazzjoni biex turi t-toqol tar-responsabilta' fl-għarfien ta' l-identita'. Imma issa jeħtieġ naraw daqsxejn aktar milli diġa' rajna kif qiegħed jiġi ppreżentat il-ħsieb f'dan ir-rumanz. Ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb twasslilna n-nixxiegħa tal-ħsieb u hija parti mil-liċenzja tal-kittieb kreattiv għax ħadd ma jista' jara x'hemm f'moħħ ħaddieħor. Imma l-letteratura tħalli lill-kittieb iħuf fl-imħuħ biex jikxifhom fil-beraħ.

Qabel xejn ngħidu li r-rumanzieri jittrattaw il-ħsieb donnu taħdit intern, u għalhekk ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb għandha ħafna mir-rappreżentazzjoni tat-taħdit. Kull rappreżentazzjoni tal-ħsieb turi xi jkun qed jaħseb karattru u tagħti tiġrib immedjat tal-karattru. Il-modi differenti biex wieħed jirrappreżenta l-ħsieb huma:

Għamliet ta' rappreżentazzjonijiet tal-ħsieb fil-proża narrattiva

*Il-ħsieb dirett* (ĦD): Qalet bejnha u bejn ruħha: "Imma jien x'jedd għandi nippretendi mingħandu t-twettiq tiegħu bħala pittur ta' fama?"

*Il-ħsieb indirett* (ĦI): Tħassbet jekk kellhiex jedd tippretendi mingħandu t-twettiq tiegħu bħala pittur ta' fama.

*Il-ħsieb dirett ħieles* (ĦDĦ): Imma jien x'jedd għandi nippretendi mingħandu t-twettiq tiegħu bħala pittur ta' fama?

*Il-ħsieb indirett ħieles* (ĦIĦ): Imma hi x'jedd kellha tippretendi mingħandu t-twettiq tiegħu bħala pittur ta' fama? (Kap 9)[31]

*Ir-rapport narrattiv ta' atti tal-ħsieb* (RNAĦ): tħassbet dwar il-jedd tagħha biex tippretendi mingħandu t-twettiq tiegħu bħala pittur ta' fama.

[31] Din hija l-verżjoni li nsibu fir-rumanz, f'p.98.

Il-ĦD għandu sentenza introduttorja (Qalet bejnha u bejn ruħha:) u jinqeda bl-*inverted commas* donnu diskors ħiereġ dirett mill-fomm. Il-ĦDĦ huwa eżatt bħall-ĦD mingħajr l-element introduttorju u l-*inverted commas*. Filwaqt li l-ĦI għandu verb introduttorju (Tħassbet) u sentenza subordinata li ma tuża ebda għelm tad-diskors. Il-ĦIĦ huwa differenti mill-ĦD għax il-verb jitressaq lejn il-passat u l-ewwel persuna tinbidel fit-tielet persuna; barra minn hekk, il-ĦIĦ ma jdaħħalx element introduttorju imma jżomm il-mistoqsija. Ir-RNAĦ jinnominalizza dak li qiegħed jiġi rrapportat. Naturalment, hemm bosta varjazzjonijiet ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet.

Diġa rajna f'taqsima oħra ta' dan l-istudju kif Balzan tinqeda bil-ĦI, bil-ĦIĦ, u bir-RNAĦ biex tistidinna nidħlu wara l-iskrin ta' għajnejn il-karattru ħa nittawlu lejn il-ħajja mill-puntodivista ta' dak il-karattru. Huma dawn it-tliet modi l-aktar li tħaddem l-awtriċi. La Balzan tistidinna biex naqraw il-ħsibijiet tal-karattru ewlieni (u ta' dawk il-karattri li Nada ħadet minnhom) qiegħda allura tistidinna wkoll sabiex naraw kollox mill-perspettiva ta' Nada. Fl-aħħar tar-rumanz kważi niddakkru min-nominalizzazzjoni tal-ħsieb.

Issa dawn il-kategoriji tal-ħsieb jistgħu jinfirxu fuq spettru hekk:[32]

(+*indħil awtorjali)*

RNAĦ → ĦI → ĦIĦ → ĦD → ĦDĦ

(- *indħil awtorjali)*

Din hija gradazzjoni: aktar ma ngħaddu mir-RNAĦ għall-ĦDĦ aktar tonqos il-preżenza ta' l-awtur jew (fir-rumanz tagħna) tan-narratriċi. Għalhekk, meta nosservaw li Balzan tinqeda l-aktar bir-RNAĦ, bil-ĦI, u bil-ĦIĦ inkunu qegħdin nikkonfermaw li l-preżenza tan-narratriċi (Nada) hija essenzjali, għax ma rridux ninsew li r-rumanz huwa l-ittra tagħha. Kultant kważi jkun impossibbli tgħid jekk tkunx qed taqra l-ħsieb tal-karattru jewinkella l-opinjoni tan-narratriċi.

[32] Din l-iskema meħuda mill-mudell ta' Leech u Short (1989), op.cit., p.344.

> Imma Nada jkollha tammetti li r-rabja li xi drabi tħoss għalih hija turija li għadha tħobbu u li għadha ma wasletx fl-istat mixtieq li ma jibqax jimpurtaha minn kif imexxi 'l ħajtu 'l bogħod minnha. (Kap 9)

Min qed jaħseb hawn? Nada bħala l-karattru li qed tissara ma' l-imħabba tagħha għal Claud? Jew Nada n-narratriċi li qed tikkummenta fuq din l-imġieba ta' mħabba? L-użu tal-verb fil-preżent jixraq lit-tnejn li huma u jindika involviment emozzjonali. Hija mossa magħmula apposta sabiex ma ninsewx lin-narratriċi, imma aktar minn hekk hija mossa maħsuba biex twaħħad il-karattru u n-narratriċi flimkien ħalli l-qarrej jieħu l-puntodivista tal-karattru wkoll.

Il-ħsieb jiżżerżaq minn forma ta' rappreżentazzjoni għal oħra biex il-proċessi mentali jidhru aktar konxji. U l-istil ta' l-ittra wkoll jiżżerżaq mir-RNAĦ għall-ĦIĦ u kultant għall-ĦI biex l-ittra u l-moħħ jidħlu f'xulxin, ma jingħarfux minn xulxin. Imma teknikament jibqgħu ssinkronizzati. Nada, bħala l-karattru-riflettur tal-ġrajja, spiss tħaddem il-ĦIĦ biex il-ħsieb tagħmlu reali u attwali kemm jista' jkun. B'dan il-mod għandna l-intern drammatiku tal-moħħ li jsir il-frejm ta' referenza għax in-narrazzjoni tiffoka fuqu (u mhux fuq l-istorja). Imma wkoll meta Balzan tagħmel il-preżentazzjoni tal-ĦIĦ bħala biċċa għodda essenzjali għar-rumanz epistolari tkun tridna nibqgħu qrib tal-karattru u tkun tridna wkoll nissimpatizzaw kemm nistgħu ma' dak il-karattru. Il-preżentazzjoni tal-ĦIĦ huwa privileġġ mogħti lil Nada bħala karattru-riflettur tal-ġrajja u l-funzjoni tal-ĦIĦ hija biex tiddrammatizza l-għarbiel ta' moħħ fittiexi għat-tisħiħ ta' l-identita' bl-għarfien ta' nisilha.

## KONKLUŻJONI

Il-qawwa tar-rumanz tinsab fuq kif Rena Balzan jirnexxilha tħaddem il-proċessi tal-ħsieb biex toħroġ sfumaturi ta' karatterizzazzjoni u tinseġ ġrajja ta' ironija drammatika. Investigazzjoni kritika ta' rumanz psikoloġiku tifli l-qagħda mentali tal-karattri billi tħares lejn strutturi lessiko-grammatikali li jikxfu aspetti ta' karatterizzazzjoni. Il-proża narrattiva fiha kreattivita' lingwistika u letterarja li teħtieġ tkun spjegata sabiex wieħed iwessa' l-firxa ta' l-interpretazzjoni tiegħu.

*Ilkoll ta' Nisel Wieħed* jinqeda bit-teknika ta' l-epistolarju. Ir-rumanz huwa ittra miktuba minn Nada lil nannuha li hu mejjet, imma r-rumanz huwa miktub fit-tielet persuna. Minkejja din, pero', xorta nħossu li qegħdin f'moħħ Nada biex kull esperjenza tinħass aktar immedjata. In-narratriċi omnixjenti (Nada l-kittieba ta' l-Ittra) turina l-istil mentali ta' ommha u missierha — żewġ karattri differenti minn xulxin u aktar 'il quddiem nifhmu li Nada ħadet karatteristiċi mingħand it-tnejn. Imbagħad permezz ta' monologi interni Nada tikxef ruħha beraħ magħna sa ma tasal għall-konklużjoni li l-bnedmin huma lkoll ta' nisel wieħed.

Meta l-awtriċi tkun qiegħda ssaħħaħ dak li aħna mdorrijin bih tkun qiegħda wkoll ddaħħal il-perċezzjoni tagħna fi proċessi ta' awtomatizzazzjoni. Imma meta twasslilna perċezzjoni li m'aħniex imdorrijin biha tkun qed tħaddem id-defamiljarizzazzjoni biex ġġagħalna nħarsu lejn oġġett b'mod differenti. Il-kitba ta' l-ittra lil wieħed mejjet hija maħsuba biex tiddefamiljarizza l-attitudni tagħna ħalli nirrealizzaw li meta nagħrfu l-identita' tagħna aħna nkunu f'komunikazzjoni ma' missirijietna.

L-azzjoni tar-rumanz toħroġ mill-puntodivista ta' Nada li tħares lejn nannuha bħala l-protagonista ta' ħajjitha. Il-preżenza tiegħu tinħass tiġri fl-istil mentali ta' Nada. Dan l-istil l-aktar li jidher mir-rappreżentazzjonijiet tal-ħsieb li l-iskop tagħhom huwa li jimmanipulaw lill-qarrej skond il-protagonista li taħdem bħala r-riflettur tal-ġrajja.

Billi l-lingwa tagħti struttura lill-esperjenzi umani — jiġifieri għandha funzjoni ideazzjonali — tgħinna ħafna sabiex niddeterminaw il-mod kif karattru bħal Nada tħares lejn il-ħajja tagħha. L-istruttura ideazzjonali kumulattiva tar-rumanz tinbena minn bosta elementi stilistiċi li jwettqu l-istil tal-moħħ ta' Nada:

il-proċessi tal-ħsieb, in-narrazzjoni, id-djalogu, il-lingwa konnotattiva, in-nominalizzazzjoni kollha għandhom forom ritmiċi li jikkontribwixxu biex jibnu l-viżjoni tad-dinja ta' Nada. L-azzjoni ewlenija hija dejjem psikoloġika u għaldaqstant l-użu tal-lingwa jirrifletti l-qagħda emozzjonali u kunċettwali tal-karattru. Mit-tip ta' lingwa li juża n-nannu (lessikalizzazzjoni astratta u strutturi sintattiċi kumplessi) nagħrfu stil ta' moħħ isturttiv, u Nada tiret xi apsetti minnu; l-aktar in-nominalizzazzjoni mgħobbija tiġrib.

Il-proża li toħroġ minn dan kollu tilbes xejra akkademika biex tagħti impressjoni ta' oġġettivita' ħalli r-rumanz iżid jinħass bħala investigazzjoni umana. Minħabba li l-istili mentali fin-nannu, Erica, u Nada jinxtiebhu hemm ħajta ta' kontinwita' psikoloġika li hija l-qofol ta' l-identita' stabbli f'Nada, għax il-bażi tal-kontinwita' hija l-imħabba kif newluhielha n-nanniet. Dan kollu jixraq u huwa kompatibbli mal-bixra introspettiva tar-rumanz għat-twettiq ta' defamiljarizzazzjoni.

Din l-istrateġija psikostilistika tinqeda bit-teknika tan-nixxiegħa tal-ħsieb biex l-introspezzjoni jkollha aktar fejn timraħ u fl-istess ħin nibgħu fuq il-livell intimu tal-karattri. Huwa ħsieb speċjalizzat ta' introvert li għandna hawn — għamla li trid tgħarrex tnissil il-bniedem. Ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb tippermetti lill-kittieba tħuf bl-imħuħ biex tikxifhom beraħ huma u jgħumu fin-nixxiegħa tal-ħsieb. Balzan l-aktar li tuża huma l-għamliet ta' ħsieb indirett, ħsieb indirett ħieles, u rapport narrattiv ta' atti tal-ħsieb biex iżżommna kemm jista' jkun viċin ruħ Nada. Dawn il-forom jikkonfermaw il-preżenza tan-narratriċi li qed tikkomponi r-rumanz-ittra. L-ittra u l-moħħ jiżżerżqu f'xulxin u jitwaħħdu: b'hekk ir-realta' psikoloġika tinħass aktar drammatika u ssaħħaħ l-identita' bl-għarfien tan-nisel.

# 3. Nota Bijografika

L-Awtriċi u x-Xjenza
L-Awtriċi u l-Letteratura
Tlaqqigħ

# 3. Nota Bijografika

... il-kittieb hu fittiex tal-ġdid, u biex isib il-ġdid irid ikun jaf il-qadim; u l-qadim jinħeba jew jieħu bosta sfumaturi li jinkixfu biss fit-tiftix dettaljat. L-isfida tal-kittieb, mela, tibda minn hawn: kif se jfisser l-ansjetajiet tal-mument tiegħu, mifhumin ukoll bħala taqsima oħra fil-mixja ta' l-ansjeta' sħiħa, globali tal-bniedem fuq l-art.[33]

## L-AWTRIĊI U X-XJENZA

Rena Balzan twieldet is-Siġġiewi fil-5 ta' Novembru 1946. Attendiet l-iskola primarja tal-gvern tas-Siġġiewi mbagħad marret l-iskola ta' Santa Tereża ta' l-Imdina. Ta' 22 sena ggradwat bil-B.Pharm. mill-Universita' ta' Malta, u fl-1976 ħadet diploma ta' speċjalizzazzjoni fil-ġenetika applikata mill-Universita' ta' Milan. Baqgħet tkattar l-interess tagħha f'dan il-qasam sa ma waslet biex tmur tistudja f'Cranfield University, l-Ingilterra, minfejn ħadet il-Ph.D. fl-1994 fil-Bijoteknoloġija/ il-Bijoloġija Molekulari — il-bijoteknoloġija tapplika proċessi bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' prodotti għall-użu fil-mediċina u fl-industrija, bħal, ngħidu aħna, il-produzzjoni ta' antibijotiċi, ġobnijiet, u nbejjed.

Fil-preżent hija *lecturer* fl-Universita' ta' Malta u fl-1997 inħatret *chairperson* tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. L-għan ta' dan il-Kunsill huwa li jikkoordina u jimmaniġġja l-pjanijiet nazzjonali tax-xjenza u t-teknoloġija billi jagħti pariri lill-gvern, u b'hekk jidderieġi l-politika nazzjonali f'oqsma bħax-xjenza marina, l-informatika u t-teknoloġiji ta' komunikazzjoni, l-ilma, l-enerġija, il-bijoteknoloġija, il-bijodiversita', u l-fergħat relatati ta' l-industrija u l-edukazzjoni. Dan il-Kunsill jemmen li x-xjenza u t-teknoloġija m'għandhomx ikunu l-għan fihom infushom imma għandhom ikunu l-mezz li jwettqu l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli nazzjonali u internazzjonali. Meta nħatret *chairperson* ta' dan il-Kunsill Dr Balzan bdiet billi ssaħħaħ din il-ħidma u tagħraf prijoritajiet oħra bħat-twaqqif ta' *network* ta' edukazzjoni għax-xjenza u t-teknoloġija li jfittex inizjattivi biex jistimula u jseddaq attitudnijiet ġodda dwar

[33] Friggieri (1986), op.cit., p.5.

l-edukazzjoni tax-xjenza fl-iskejjel u fl-istess waqt il-kurrikulu tax-xjenza jiġi aġġornat.

Dr Balzan attendiet għall diversi konferenzi internazzjonali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija. Minn dawn insemmu s-sitt konferenza internazzjonali dwar is-"Superoxide and Superoxide Dismutase" li saret fil-Ġappun f'Ottubru ta' l-1993, fejn ippreżentat *paper* fuq "Cloning and Expression of an Iron Superoxide Dismutase Gene with a Mitochondrial Targeting Presequence in *Escherichia coli* and in Yeast"; u l-konferenza Ewropea dwar il-"Microbial Response to Stress: What's New and How Can it be Applied?" li saret fil-Portugall f'Marzu ta' l-1997, fejn ippreżentat xogħol fuq is-suġġett "Targeting of *Escherichia coli* Iron Superoxide Dismutase to the Mitochondrial Intermembrane Space of Yeast Cells Gives Protection against Oxidative Stress". Dawn ix-xogħlijiet ippreżentathom flimkien ma' ħaddieħor. Xi pubblikazzjoni xjentifiċi tagħha huma:

"Karyotype Instability in tissue Cultures Derived from the Mesocotyl of *Zea mays* Seedlings" fil-*Caryologia* (1978), 31, p.75-87.

"Heredity: A Fact that can be Tampered with?" f'*Hyphen* (1978), 1, p.26-29.

"Genetics: The Science of the Future" fil-*Future Generations Newsletter* (1988), 3, p.1-10.

"Cloning and Expression of an Iron Superoxide Dismutase Gene with a Mitochondrial Targeting Presequence in *Escherichia coli* and in Yeast", ko-awtriċi, fil-*Frontiers of Reactive Oxygen Species in Biology and Medicine* (1994), p. 275-276.

"*Escherichia coli* Iron Superoxide Dismutase Targeted to the Mitochondria of Yeast Cells Protects the Cells against Oxidative Stress", ko-awtriċi, fil-*Proceedings of National Academy of Sciences, USA,* (1995) 92, p.4219-4223.

"Oxidative Stress: A Potential Hazard for Living Organisms", ko-awtriċi, f'*Life Chemistry Reports* (1997), 15, p.3-14.

"Prokaryotic Iron Superoxide Dismutase Replaces Cytosolic Copper, Zinc Superoxide Dismutase in Protecting Yeast Cells against Oxidative Stress, ko-awtriċi, f' *Biochemsitry and Molecular Biology International* (1997).

## L-AWTRIĊI U L-LETTERATURA

Il-bixra xjentifika ta' moħħha spiss titfaċċa fl-istil u fil-lingwa tax-xogħlijiet letterarji tagħha. Xi wħud mill-kitbiet qosra tagħha dehru flimkien ma' ta' ħaddieħor f'għadd ta' antoloġiji maħruġa mill-għaqdiet letterarji Maltin. L-ewwel ktieb tagħha, *Ilwien Moħbija* (1973), kien imżewwaq b'diversi xogħlijiet ta' proża u poeżija, u għaxar snin wara dehru xi poeżiji tagħha, flimkien ma' ta' ħaddieħor, f'*Turġien* (1983).

Imma l-enerġija letterarja tagħha tidher l-aktar fir-rumanzi. Sa issa kitbet erbgħa u bihom fetħet kapitlu sinifikanti fil-ġrajja letterarja Maltija għax fihom nilmħu l-attitudnijiet femministi mill-puntodivista ta' mara. L-ewwel rumanz tagħha, *Fil-Firda l-Għażla* (1981), jittratta l-imħabba żagħżugħa u l-misteri tagħha u bit-tieni rumanz, *Il-Ħolma Mibjugħa* (1982), tesperimenta bis-simboliżmu — teknika li tħobbha għax anki fir-raba' rumanz tagħha l-ismijiet dejjem jirrappreżentaw xi ħaġa li tikkumplimenta t-tema — imma lill-karattri dejjem tħallilhom saqajhom ma' l-art. Hawnhekk ukoll tittratta t-tema ta' l-imħabba u ddaħħalha f'konnessjoni qerredija ma' karriera ambizzjuża.

F'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (1987) terġa' ddeffes l-imħabba imma din id-darba f'kompetizzjoni ma' l-egoiżmu. Kif rajna aktar 'il fuq, l-imħabba tieħu xejriet differenti f'dan ir-rumanz fejn tiddomina t-taqtigħa kontinwa bejn l-imħabba u l-egoiżmu. Imbagħad fir-raba' rumanz tagħha, *Fiż-Żifna ta' l-Ibliet* (1995), Balzan tagħtina mara żagħżugħa fuq vjaġġ lejn il-maturita'. Huwa vjaġġ psikoloġiku frott ta' tiġrib kiefer li juri (kemxejn tard) il-karattru veru tal-protagonista.

Huma rumanzi li jagħmlu lil Rena Balzan l-esponent ewlieni tal-proża femminista fis-snin tmenin u disgħin. Fil-bixra tagħhom huma soċjo-psikoloġiċi bit-tema dominanti ta' l-imħabba li kultant tkun imwarrba jew mibdula. Spiss in-nisa f'Balzan jiżżewġu lil min ma jħobbux u jostru fil-konxju tagħhom lil dawk li jħobbu. Imma minkejja dan, l-awtriċi għadha tirrispetta l-valuri taż-żwieġ u tal-ħajja, u għaldaqstant ma twassalx lill-protagonisti tagħha biex joqtlu lit-trabi tagħhom sabiex huma jkunu ħielsa. L-abort mhux għal snienha. Fuq kollox, Balzan hija l-esperta fil-bijoteknoloġija. Jiġifieri, l-argument letterarju kontra l-abort għall-avvanz tal-karriera ta' l-omm, ġej minn mara li hija kittieba kreattiva u xjentista.

Huwa b'dan il-mod li Balzan iddaħħal il-letteratura Maltija fl-isfera kurrenti tal-femminiżmu internazzjonali.  U għalhekk jixraq li fit-taqsima ta' wara naraw daqsxejn x'xejra jieħu l-femminiżmu fir-rumanz tagħna.

Balzan marret Berlin f'Settembru ta' l-1989 għall-konferenza internazzjonali fuq il-letteratura. Magħha marru wkoll Mario Azzopardi, Francis Ebejer, Victor Fenech, Achille Mizzi, u Lillian Sciberras. Hemmhekk tat sehemha f'diskussjoni fuq ir-rumanz Malti.

**TLAQQIGĦ**

Ix-xjenza u l-letteratura jidħlu f'xulxin f'Rena Balzan. Hemm kontinwita' stilistika għax hemm tlaqqigħ fl-istil mentali tagħha. Il-kultura xjentifika tagħha tagħtiha dispożizzjoni li biha tiżviluppa l-ideat kreattivi tagħha. Peter Serracino Inglott (li aktar kien qed jirreferi gaħll-poeżiji ta' Balzan) ifissru hekk dan it-tlaqqigħ kulturali ta' l-istil mentali tagħha:

> Ma tantx issib min ikun, bħal Rena Balzan, fl-istess ħin impenjat kemm fir-riċerka xjentifika kif ukoll fil-kitba ta' rumanzi u poeżija. Fil-każ ta' Rena Balzan, iż-żewġ ħidmiet jistgħu jitqiesu aspetti ta' l-istess stħarriġ? Ir-riċerka xjentifika hija fil-qasam tal-bijoloġija, aktar preċiżament fil-ġenetika. Il-kitba hija kważi dejjem indaġni psikoloġika, imwettqa tista' tgħid bi preċiżjoni klinika u bl-użu ta' għodda lingwistiċi hekk nodfa li donnhom ximindaqqiet sterilizzati. Bejn il-persunaġġi u l-karattri fir-rumanzi tagħha, ir-relazzjonijiet jintisġu qishom bejn l-elementi kimiċi li jiffurmaw ċellula bijoloġika, imma biż-żieda ta' fatturi misterjużi li jqawwu l-intensita' tal-mistoqsijiet dwar ix-xorti u dwar ir-riżultati statistikament improbabbli li tqajjem il-mixja ta' l-evoluzzjoni, anki qabel id-dehra tal-bniedem.[34]

Oliver Friggieri wkoll jagħraf dan il-proċess ta' tlaqqigħ meta jitkellem fuq rumanz ieħor ta' Rena Balzan:

> L-isfond xjentifiku ta' Rena Balzan, hi nnifisha kwalifikata professjonalment, jinħass sikwit fir-rumanz. Il-ġrajjiet mhux biss huma msemmija u rappreżentati u ġġudikati; huma wkoll analizzati. Dan hu l-kriterju xjentifiku msarraf f'metodu letterarju, jew aħjar f'mudell narrattiv. L-awtriċi li hi mara tax-xjenza hi wkoll ix-xjenzjata li tirrakkonta bl-istess dispożizzjoni tagħha fil-laboratorju. L-estensjoni tax-xjenza fil-letteratura trodd ir-riżultat ta' narrazzjoni li tanalizza, tfittex l-għaliex, toffri formula, tasal sa konklużjoni. Il-metodu xjentifiku jgħinha biex tiddeskrivi u tiddefinixxi karattru, u aktarx iżommha 'l bogħod fl-istess ħin mill-possibilta' li tħalli lir-rumanz jiżviluppa f'direzzjoni oħra, fost l-oħrjan fid-direzzjoni ta' inċidenti sħaħ, awtonomi.[35]

---

[34] SERRACINO INGLOTT, P., ed., *Ilħna Mkissra* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1989), p.113.

[35] FRIGGIERI, O., "Rena Balzan: Il-Kriżi skond Verżjoni Femminili", daħla kritika għal *Fiż-Żifna ta' l-Ibliet* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1995), p. xv-xvi

F'*Ilkoll ta' Nisel Wieħed* jinħass sew dan it-tlaqqigħ l-aktar, kif diġa sibna, fl-aspetti psikostilistiċi li tkellimna fuqhom. Il-moħħ xjentifiku u l-moħħ kreattiv juża stil mentali wieħed, u għaldaqstant l-għaġna li minnha trid tinħema l-karatterizzazzjoni hija magħġuna bil-magna tat-tlaqqigħ tax-xjenza u tal-letteratura. Il-qagħda analitika ta' moħħ Nada tmexxiha 'l quddiem fit-tiftix tagħha.

# 4. Il-Femminiżmu fir-Rumanz

Introduzzjoni
L-Esperjenza Maltija
Ir-Rumanz Femminista
Dilemmi Femminili
Il-Femminiżmu Prudenti
Il-Qofol l-Imħabba
Konklużjoni

# 4. Il-Femminiżmu fir-Rumanz

> Mhux ta' b'xejn, fil-mitoloġija, l-Art hija mara. U omm. Il-protesta femminista li tinstema' bejn il-linji, fis-silenzju ta' bejniethom, hija sejħa għal kisba mill-ġdid ta' l-integrita' umana, tal-bniedem sħiħ li għandu komponenti maskili u femminili.[36]

## INTRODUZZJONI

Bħala moviment soċjali il-femmiżmu jħeġġeġ id-drittijiet tan-nisa. Huwa terminu li jħaddan miegħu preokkupazzjonijiet dwar drittijiet legali u politiċi li għandhom x'jaqsmu ma' ugwaljanza: opportunitajiet indaqs, awtonomija, liberta' sesswali, u saħansitra determinazzjoni. L-għan ewlieni tal-femminiżmu huwa li jħabrek sabiex jelimina minn kull sfera soċjali t-twaqqigħ tal-mara u kull għamla ta' diskriminazzjoni u inugwaljanza minħabba s-sess. Hemm żewġ fażijiet

a. it-talba għad-drittijiet tan-nisa fuq bażi ta' similarita' tal-ġens — in-nisa huma bnedmin sħaħ bħall-irġiel u għalhekk għandu jkollhom drittijiet indaqs; u

b. it-talba għad-drittijiet tan-nisa fuq bażi ta' differenza tal-ġens — in-nisa huma differenti mill-irġiel u għalhekk għandu jkollhom id-dritt li jirrappreżentaw lilhom infushom.

Dan kollu jaffettwa l-femminiżmu letterarju. Ngħidu aħna, il-kritika femminista tiddiskuti lin-nisa bħala kittieba u lin-nisa bħala qarrejja ta' xogħlijiet femminili u maskili, tqanqal mistoqsijiet fuq l-estetika, il-politika, u r-relazzjoni tan-nisa mal-lingwa. Bis-saħħa tagħha din ix-xorta ta' kritika tellgħet għad-dawl kittieba nisa mitlufa jew minsija, jew li ma tantx kienu taw kashom qabel. Fl-istess waqt, intwerew ostakli li l-awturi nisa kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom u, fuq nota pożittiva, ingħataw importanza l-karatteristiċi ewlenin tal-kittieba femminili. Fuq kollox, il-kritika femminista stabiliet is-sinifikat ta' l-opportunita' għan-nisa biex jesprimu ruħhom b'mod ħieles.[37]

Minn din il-krtika ħarġu żewġ fergħat: il-fergħa Anglo-Amerikana li tikkonċentra fuq l-awtriċi u l-fergħa Franċiża li tagħfas fuq ix-xogħol.

---

[36] Serracino Inglott (1989), op.cit., p.71.

[37] Dan jidher ħafna mill-gazzetti ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd: bosta huma dawk in-nisa li jiktbu fihom biex jesprimu ruħhom u jmexxu xi interess li jkollhom.

Hawnhekk irrid nieħu mit-tnejn biex nuri l-awtentiċita' tal-vuċi ta' Rena Balzan bħala awtriċi u nikxfilha l-ideoloġija femminista tagħha; u nesplora wkoll il-binja femminista fit-test.[38] Issa ta' min iżid ukoll li l-kritiċi femministi jissellfu estensivament mit-teoriji ta' Bakhtin.[39] Ix-xogħol tiegħu huwa marbut l-aktar ma' dawn l-ideat:

a. id-djaloġiżmu — tiltaqa' ma' ħaddieħor jew ma' idea oħra permezz tad-djalogu jew tpartit verbali mħarrek biex jirreaġixxi, joġġezzjona, jafferma, jantiċipa, iwieżen xi idea jew opinjoni; l-iskop fid-djaloġiżmu huwa l-perċezzjoni attiva li titlob qari b'attenzjoni u reazzjoni interna;[40]

b. il-ħeteroglossja — il-qabda vuċijiet [41] soċjali mdaħħlin fi djalogu x'aktarx meta hemm opinjonijiet differenti; ta' interess hawnhekk ikunu d-djalogu bejn il-karattri u d-djalogu intern ta' xi karattru partikolari; [42]

ċ. il-karnivalizzazzjoni — kull manifestazzjoni li tmur kontra xi kultura uffiċjali; il-karnival huwa ritwal li jirriversja l-affarijiet (pereżempju, il-baxx jista' jagħmilha tan-nobbli) u hawnhekk qiegħed bħala simbolu ta' sovverżjoni ta' l-awtorita' uffiċjali. [43]

It-teoriji ta' Bakhtin jipprovdu metodu kif tħares lejn il-letteratura, u nistgħu nużaw xi wħud minnhom għall-iskopijiet tagħna. Imma, qabel ma nagħmel dan, ippermettuli nagħti titwila ġenerali fuq il-letteratura Maltija.

---

[38] Dan kollu diġa għamilt ħafna minnu fit-taqsimiet ta' qabel meta ddiskutejt ir-rumanz f'termini psiko-analitiċi u strutturalisti.

[39] Mikhail M. Bakhtin (1895-1975), kritiku Russu, li kiteb bosta xogħlijiet bir-Russu. Xi wħud minnhom inqalbu għall-Ingliż bħal *Problems of Dostoevsky's Poetics* (1963, Trad. 1984) u *Rabelais and His World* (1965, Trad. 1984).

[40] DENTITH, S., *Bakhtinian Thought: An Introductory Reader* (Routledge, London & New York, 1995), p.139-140.

[41] It-terminu "vuċi" għal Bakhtin ifsser attitudni, twemmin, ideoloġija, kultura, jew setgħa soċjali.

[42] HOLQUIST, M., *Dialogism: Bakhtin and His World* (Routledge, London and New York, 1994), p.69-70.

[43] BAUER, D.M., McKINSTRY, S.J., ed., *Feminism, Bakhtin, and the Dialogic* (State University of New York Press, USA, 1991), p.123 f.

## L-ESPERJENZA MALTIJA

Għal żmien twil (nistgħu ngħidu għal żewġ sekli sħaħ) il-letteratura Maltija ppreżentat il-polarita' tal-ġens — jiġifieri, dak l-istat li fih il-mara u r-raġel dejjem dehru kulturalment opposti ta' xulxin, daħlu f'qagħdiet konflinġenti, u wrew prinċipji u tendenzi kontrastanti. Il-kwalitajiet tal-waħda kienu jvarjaw mill-kwalitajiet ta' l-ieħor. L-individwalita' u r-razzjonalizzazzjoni spiss kienu jħeġġu l-awtorita' maskili, u ftit li xejn kienu l-waqtiet kreattivi meta n-nisa ngħataw xi poter jew awtonomija. Wieħed jista' jisħaq li anki l-lum il-ġurnata għadek issib sentimenti anti-femministi jew reazzjonijiet antagonisti fir-relazzjonijiet tal-ġens li jmorru kontra n-nisa. Anki jekk dan l-antagoniżmu jkun biss lingwistiku, minnu wieħed jista' jislet forom psikoloġiċi.

Pero' biex iżommu iebes kontra dawn it-tendenzi għandna grupp ta' poetessi, fosthom Maria Grech Ganado (1943- ), Rena Balzan (1946 - ), u Doreen Micallef (1949 - ), li jingaġġaw ruħhom fid-djaloġika femminista. Il-kitba tagħhom tissapportja l-kawża femminista għax iressqu ideat li jiċċallinġjaw l-assunzjoni ta' kultura monolitika. Juru l-importanza tal-vuċi u l-preżenza tal-mara, l-importanza ta' dik li tista' tissejjaħ intersoġġettivita apposta. Kittieba bħal dawn jinsistu li jerġgħu jinvestigaw l-impenn tagħhom sabiex l-attivitajiet femministi u l-vuċijiet djaloġiċi jidħlu f'xulxin ħa jżidu l-vuċijiet marġinali tan-nisa. L-immaġinazzjoni djaloġika tpoġġi fil-vetrina għall-wiri l-vuċijiet li qatt ma kienu jitħallew jinstemgħu biex tara kif jaħdmu: tistħajjel dinja differenti ;u tissuġġerixxi metodi għal tibdil attitudinali. Għalhekk id-djaloġika femminista tipprova tqatta' l-maskra ta' l-għamliet dominanti. Tipprova ssib mezz kif in-nisa jiftħu djalogi ma' l-oppressjonijiet tagħhom — oppressjonijiet fix-xejra ta' inferjorita' jew inġustizzja.

Kultant id-djaloġika femminista tintriga d-dikotomija ta' bejn il-pubbliku u l-privat [44] biex turi d-distanza li teżisti bejn

- ir-razzjonalita' pubblika — jiġifieri l-kultura dominanti: bosta drabi fil-femminiżmu din tfisser l-attitudnijiet dominanti ta' l-irġiel; u

[44] Il-"pubbliku" hawnhekk tfisser il-vuċi popolari; u l-"privat" tfisser l-elementi mhux offiċjali tal-ħajja.

- l-intersoġġettivita' — jiġifieri puntodivista jew opinjoni komuni għal xi grupp ta' persuni li għandhom l-istess żvantaġġ/i: bosta drabi fil-femminiżmu din tirreferi għan-nisa.

Is-sejħa hija għal etika li tista' tlaqqa' l-pubbliku mal-privat. L-għanijiet tad-djaloġiżmu femminista huma:

- valuri egalitarji — jiffavorixxi t-tneħħija tad-dominazzjoni tar-raġel u titlob ugwaljanza f'dinja razzjonalizzata; u

- għarfien ippersonalizzat ta' potenzjalitajiet — jiffavorixxi mod ta' ħajja li ma jiddepersonalizzax lin-nies imma jħalli lin-nisa u lill-irġiel jagħrfu 'l xulxin: ma jaċċettax l-impersonalita' li kultant tissejjaħ razzjonalita' newtrali.

Dik li Bakhtin isejjaħ lingwa dominanti jew awtorevoli fid-djaloġika femminista hija x'aktarx il-lingwa pubblika mmaskilinizzata; u l-lingwa persważiva u personali tiġi l-vuċi privata. Id-djaloġika femminista tipprova tlaqqa' dawn iż-żewġ lingwi f'atmosfera ta' djalogu. Kultant il-kultura dominanti jew popolari tħares bl-ikrah lejn il-femminiżmu għax tarah ta' theddida għall-awtorita' tagħha, u fil-limiti ta' din il-perċezzjoni jista' jintlemaħ mhux biss antagoniżmu fiżiku imma anki antagoniżmu psikoloġiku kontra n-nisa. Għalhekk il-femministi jippruvaw jirreżistu kull għamla ta' anti-femminiżmu (bħal subordinazzjoni, vjolenza, u diskriminazzjoni) u jinsistu li jkollhom aktar setgħa.

Fil-poeżija Maltija l-femministi għarfu li l-letteratura hija l-prodott ta' relazzjonijiet soċjali, u għandna diversi poetessi li ;jesponu fehmiethom f'ġieħ il-kawża tan-nisa. Imma fir-rumanz m'hemmx wisq min fetaħ fommu. Rena Balzan hija l-esponent tal-femminiżmu fir-rumanz Malti u l-kritika tiegħi fuqha hija mhux sempliċiment ħidma interpretattiva oħra imma parti mill-ħsieb tiegħi li juri kemm il-mara tista' tkun awtonoma intellettwalment permezz ta' proċessi letterarji. Ir-rumanzi tagħha, fl-aħħar snin tas-seklu għoxrin, huma l-aktar espożizzjonijiet ċari li għandna biex juru n-natura u l-effett ta' din l-awtonomija

femminista. Minnhom toħroġ[45] il-mara ħielsa, jew li kapaċi tkun ħielsa jekk tagħżel minn rajha li tinqata' minn mar-raġel. Fihom hemm id-demokrazija sesswali, fis-sens li nsibu qagħda soċjali li tpoġġi lill-mara fuq il-palk tas-setgħa flimkien mar-raġel. Fir-relazzjonijiet li tagħtin Rena Balzan, il-gruppi mhux tant jikkontrollaw lil xuxlin daqskemm juru li kapaċi jaħdmu għal rashom.

Imma l-aħjar nibdew bil-lant.

---

[45] Hawn l-aktar li għandi f'moħħi huma *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (1987) u *Fiż-Żifna ta' l-Ibliet* (1995).

**IR-RUMANZ FEMMINISTA**

Fir-relazzjoni nannu-nanna hemm il-ġenerazzjoni li kienet għadha tqis lir-raġel bħala l-patrijarka tal-familja. L-organizzazzjoni soċjali f'dan l-ambjent turi s-superjorita' tar-raġel (= in-nannu mimli diskors, fehmiet, deċiżjonijiet, u filosofija) u l-inferjorita' tal-mara (= in-nanna ħiemda, iġġarrab fis-skiet, u tħalli kollox f'idejn in-nannu, avolja b'riżerva).

> Mara ta' ftit kliem, in-nanna kellha s-sabar tisma' lil ħaddieħor jitkellem u Nada magħha biss tiftakar li setgħet tiftaħ qalbha mingħajr il-biża' ta' ħafna mistoqsijiet li probabbli ma jkollhiex aptit twieġeb għalihom. X'aktarx li n-nanna ta' spiss kien ikollha raġun f'dak li taħseb għad illi ma kienet tazzarda timponi l-fehmiet tagħha fuq ħadd. Timida minn qaddisha, kienet drat tagħti d-dritta lin-nannu f'kollox, iżda bla ma xxejjen kontinwament il-fehma tagħha biex tħalli lil tiegħu teħdilha postha. Tassew li kienet tħobbu la kellha l-ħila tilħaq dan il-kompromess għal żmien twil u tibqa' ħienja. Qatt ma wriet wiċċ b'ieħor u jekk irnexxielha tadatta ruħha daqshekk tajjeb ma' kull sitwazzjoni ġdida li nħolqot fiż-żwieġ tagħha, il-mertu li kien jistħoqqilha ma ġiex imċaħħad lilha mill-personalita' qawwija tan-nannu. (Kap 7)

In-nannu huwa l-figura ta' l-awtorita' li psikoloġikament sikket lil martu u influwenza lil bintu u lin-neputija. Kien sab xortih ma' martu:

> In-nanna baqgħet fidila lejh u ddur bih sa l-aħħar. (Kap 7)

Imtaħħta fid-dar. Il-pressjoni ideoloġika ħeġġitha biex tkun devota għall-familja, tiddedika l-enerġiji tagħha għal żewġha u għal uliedha. Tat servizz sħiħ lin-nannu u ssoċjalizzat lil bintha u lil bint bintha. Dawn huma funzjonijiet utieqa u ċentrali għar-riproduzzjoni fis-soċjeta', imma xorta jibqa' l-fatt li l-awtorita' tal-ġenerazzjonijiet ġiet investita fir-raġel. U n-nannu huwa l-kap tal-familja, anzi Balzan tagħmlu l-għerq tan-nisel: il-kap tat-tribu'.

Tiġrib in-nanna narawh fis-skiet u l-ħemda. Tagħtina l-impressjoni li hi xi oġġett personali, beni mobiljari jew xi biċċa propjeta' tal-mobbli. Imma bintha ddgħajjef din is-subordinazzjoni tal-mara u ma taqbilx "fuq xi aspetti tal-ħajja li jolqtu l-aktar" lilha (Kap 2). Tant li tinħoloq gwerra bierda bejn in-nannu u Erica, għax ipoġġu ideoloġiji differenti. Id-deċiżjoni iebsa ta' Erica tindika l-awtonomija fiha. Tindika l-qerda tas-subordinazzjoni għax tisfida l-awtorita' patrijarka ta' missierha. Titlaq mid-dar. Tmur ma' raġel mifrud minn martu.

Tgħix miegħu barra ż-żwieġ. Tittaqqal minnu. Tipprova taħkem lil Karl. U tifired minn ma' bintha għal raġel ieħor.

Ironikament, ma' Karl, Erika tassumi ċertu ammont ta' awtorita'. Darba minnhom tistaqsi bejnha u bejn ruħha:

> Għaliex ir-raġel li għażlet hi kellu jkun daqshekk miftum mill-fiduċja fih innifsu? (Kap 3)

Ir-"raġel li għażlet hi" tkompli turi l-awtonomija tagħha. U meta tipprova tnissillu din il-fiduċja lil Karl, jitlaqa'. Kienet kemxejn possessiva. Ma ħallitux jiżviluppa għal rasu. Mhux la kemm bniedem tħaffiflu l-proċess ta' l-awto-fidużja. Reġa' għandna l-klaxx ta' l-ideoloġiji: wieħed irid jgħix fil- u bil-ħelsien ta' l-arti, u l-oħra traħħam għall-istabilita' tradizzjonali li tara fiż-żwieġ u x-xogħol tar-raġel. Għax taħdem għalih tipprova taħkmu sakemm tixtieq li hu wkoll isib xi impieg siewi.

Imma Karl huwa mod ieħor. Diġa' rajnieh ma' mara oħra, ma' martu. Martu ppruvat tikkontrollah bis-sess:

> Kienet tisilfu 'l ġisimha ma' kull opportunita' li jkollha biex wara ġġagħlu jħoss ruħu aktar obbligat moralment lejha u biex tkattarlu d-dipendenza tiegħu fuq il-preżenza tagħha. (Kap 2)

Rikatt sesswali. Balzan qed tpoġġi d-degradazzjoni tal-mara li tinqeda egoistikament bil-femminilita' tagħha biex tasserixxi l-awtorita' fuq żewġha. Tinbena relazzjoni li tinseġ xibka ta' l-insib, u Karl kien "jinqabad fix-xibka ta' mħabbitha u għal aktar minn darba." (Kap 2) Il-qawwa tal-mara hija kbira. Balzan qiegħda toħloq kuntrast bejn il-ħemda bieżla u għammiela tan-nanna u l-kontrol sesswali u oppressiv ta' mart Karl. F'din ir-relazzjoni, Karl huwa l-vittma, l-emarġinat: il-vuċi li trid tinstema' imma tiġi maħnuqa. Għalih l-arti hija ħelsien. Ma tintgħamilx għall-flus, imma għas-sodisfazzjoni tal-jien tiegħu. Għaliex dawn in-nisa ma jifhmuhx? Għax lanqas Erica ma fehmitu. Kellha tiġi bintu, Nada biex tifhmu.

Fit-tielet ġenerazzjoni (Nada u Maris) il-mara tidher aktar awtonoma u raġonevoli. Tagħżel karriera li togħġob lilha u ma tfittixx biss l-avvanza tas-sieħeb tagħha. Issib ruħha tikkompeti ma' ħaddieħor bl-istess kondizzjonijiet għal opportunitajiet professjonali. Imma mhux f'kollox. Fl-arti le.

"Mort taraha l-wirja l-ġdida tal-pittura li hemm fil-Gallerija ta' l-Arti?"

"Le. Tridx immorru flimkien illum jew għada?"

"Jien ġa mort ilbieraħ. Hemm x'tara. Jisgħobbija li kullimkien għad baqa' żbilanċ bejn l-għadd t'artisti rġiel u nisa. Fil-livell ta' xogħol m'hemmx differenzi li jagħtu fil-għajn."

"Intom in-nisa bqajtu lura f'ħafna oqsma ta' l-arti... ma nafx għaliex."

"Imma jien naf. Għax f'din is-soċjeta' moderna, bħal f'dik ta' qabilha, il-maġġoranza tan-nisa m'għandhomx ħin għal sfog ta' din ix-xorta. Kull biċċa xogħol artistika teħtieġ dedikazzjoni ta' talenti u ta' ħafna ħin biex titwettaq. Fl-opinjoni tiegħi, l-arti għadha u tibqa' l-prerogattiva ta' l-irġiel."

"Tkunx daqshekk pessimista. Jekk tagħmlu ħilitkom biex tirnexxu għandkom dritt daqsna f'kollox."

"Bil-kliem malajr tirranġaw is-sitwazzjoni. Il-ħażin hu li issa biex noħorġu mis-sqaq li daħħaltuna fih, neħtieġu l-għajnuna tagħkom. Biex isseħħ l-emanċipazzjoni tal-mara, l-ewwel trid titwettaq l-emanċipazzjoni tar-raġel għax hu qiegħed f'ras is-soċjeta'." (Kap 8)

L-idea li i trid isseħħ l-emanċipazzjoni tar-raġel qabel dik tal-mara (fis-sens li qiegħda tifhem bih Nada) tindika l-maturita' ta' Nada.

F'ċerti setturi l-ħila u d-dedikazzjoni tal-mara m'humiex meqjusa ndaqs ma' tar-raġel. Ir-raġel jitqies aktar kwalifikat għax ikun assessjat fuq kriterji differenti. It-trattament u l-opportunitajiet differenti tal-mara huma msejsin fuq l-idea li hija inferjuri — idea li storikament rari ġiet sfidata. Hija idea bbażata fuq fatturi fiżiċi u psikoloġiċi mislutin mill-bijoloġija tal-mara. It-tradizzjoni tellgħet mentalita' li t-trobbija kellha tkun differenti għall-bniet u għas-subien, mentalita' li baqgħet tiġġebbed għall-edukazzjoni u għal fuq il-bank tax-xogħol. Is-soċjeta' daħħlihom f'oqsma differenti. Ma nistgħaġbux li sa fl-aħħar iż-żewġ naħat bdew jaraw il-funzjoni distintiva tagħhom donnha ddeterminata minn qabel minn xi liġi ġenerali. Din hi l-kultura li qegħdin jirreferu għaliha Claud u Nada fis-silta kkwotata hawn fuq.

M'hix il-bijoloġija li ħolqot id-differenzi tal-ġens, imma l-organizzazzjoni soċjali tad-differenzi bijoloġiċi. Dawn id-differenzi f'sehem il-mara u f'sehem ir-raġel ħarġu mill-patrijarkiżmu, jew mid-dominanza tar-raġel. Kull fergħa ta' setgħa fis-soċjeta' — il-militar, l-industrija, it-teknoloġija, il-finanzi, ir-reliġjon, l-

edukazzjoni, il-liġi, is-servizz tal-pulizija, il-politika — kienet (u bosta għadhom) f'idejn l-irġiel. Il-prijorita' legali kienet titlob li l-mara titlef kunjomha maż-żwieġ u tobbligaha timxi wara r-raġel. Donnu l-idea ġenerali kienet li ż-żwieġ għandu jkun ftehim ta' tpartit: il-mara toffri ruħha sesswalment u tpartat servizzi domestiċi ma' l-għajnuna finanzjarja. Għaldaqstant Karl u Erica jispjegaw iż-żwieġ f'termini legali: "jillegalizzaw ir-rabta ta' bejniethom" (Kap 4), "Kien għadu tal-fehma li ma jillegalizza ebda rabta" (Kap 5), "bla xkiel ta' rbit uffiċjali" (Kap 5). L-organizzazzjoni soċjali, mela, ħolqot valuri kulturali li xejn ma kienu oġġettivi.[46]

[46] F'rumanzi oħrajn Maltin miktubin minn irġiel fuq in-nisa jew li jinkludu n-nisa, l-awturi aktarx li jwasslu l-qagħda stereotipata tal-mara. Il-mara, fihom, tista' titlef ħafna mir-realiżmu tagħha għax il-mentalita' u n-nixxiegħa tal-ħsieb ikunu ġejjin mill-filter ta' moħħ ir-raġel. Għaldaqstant dawn aktar isaħħu l-istereotipi. Mill-banda l-oħra, ir-rumanzieri nisa, bħal Lina Brockdorff u Rena Balzan, jgħidulna xi jħossu dwar il-kunċett tas-setgħa, u joffru għarfien fil-ħajja femminili u fl-interpretazzjoni tal-kultura dominanti.

## DILEMMI FEMMINISTI

Ir-relazzjoni Erica-Karl tinħakem mill-organizzazzjoni soċjali imma fl-istess ħin tasserixxi awtonomija għaż-żewġ naħat. Imma biex nuru dan kollu jeħtieġ nibdew mill-bidunett.

Fl-Għaqda ta' l-Imqanqlin iltaqgħu, u t-tnejn li huma għarfu li setgħu jikkumplimentaw il-karattru ta' xulxin. Hu apprezza l-qagħda intellettwali tagħha u hi rrispettat it-talent artistiku tiegħu. Minħabba l-esperjenza li kien għadu kemm ġarrab fl-għaqda matrimonjali tiegħu, Karl beda jqabbel lil Erica ma' martu.

Martu kienet "tnissih id-dinja" (Kap 2) imma kienet possessiva żżejjed għax ma xtaqetx titilfu. Il-kontradizzjoni toħroġ meta titilqu hi kiesaħ u biered, "bla ma ħallietlu l-għażla f'idejh" (Kap 2) għax kienet kburij u

> ma taħmilx it-telf spejjeż ta' ħaddieħor. Tippreferi li titilqu hi milli tissogra li jitlaqha hu. (Kap 2)

Din kienet relazzjoni li ma setgħetx titkompla għax mibnija fuq l-egoiżmu, fuq il-possessjoni ta' xulxin għax anki hu kien il-ħin kollu jixtieqha.

Meta mbagħad ġiet Erica f'ħajtu, iltaqa' ma' fażi oħra fl-aspett tal-mara: l-intellettwalita'.

> Fil-qagħda ta' tperriċ mentali li ġie mħabbel fiha, il-fiduċja fih innifsu kienet għaddejja mill-prova tan-nar u fit-tixjin volontarju ta' kull sens t'umiljazzjoni, ma kien lest ibarri l-ebda ħajt tal-kenn li jislef il-wens. erica bdiet tinħass qrib sew ta' l-eżistenza tiegħu. It-tbissima tagħha ġġagħlu jsib lilu nnifsu u tagħtih il-qawwa biex jittanta jirbaħ l-għelt li kien issawwar madwaru. (Kap 2) [47]

Mill-mod kif titkellem u tifhem id-disinji tiegħu għarafha bi bniedma intelliġenti. Imma l-mentalita' tiegħu titkellem bil-vuċi awtorevoli tal-lingwa maskili (hawn għandna r-raġel ippreżentat mill-perċettiva ta' mara[48]):

---

[47] Ma rridux ninsew li hija mara li qiegħda tipprova tispjega l-mentalita' ta' raġel hawn. U jekk l-irġiel m'humiex dejjem disposti li juru r-realiżmu sħiħ tal-mara, lanqas in-nisa ma jistgħu jkunu disposti li juru r-realiżmu sħiħ tar-raġel.

[48] Pero' l-awtriċi għandna tradizzjoni sħiħa ta' letteratura minn irġiel li jitkellmu fuq ir-raġel u s-sentimenti tiegħu; filwaqt li m'għandna ebda tradizzjoni ta' nisa li jitkellmu fuq in-nisa.

> Fiha jkun jista' jsib il-mara li tilef, din id-darba magħġuna kif jixtieqha hu. (Kap 2)

Niftakru li din lis-sentenza ħierġa min-narrazzjoni ta' Nada msawra minn Rena Balzan — jiġifieri għaddiet mill-għarbiel ta' żewġ nisa. Il-mara qiegħda tagħti l-impressjoni tagħha fuq id-dominanza maskili: il-parteċipju "magħġuna" jikkolloka sew ma' "ħakma" u "superjorita' ". Fil-konxju tiegħu hemm struttura ta' setgħa maskili. Ipartat waħda ma' oħra: taż-żejjed u n-nieqes? m'hux bilfors għax tista' tkun kwistjoni li wieħed jirnexxielu fl-aħħar isib is-sieħba x-xierqa tiegħu.

Il-kurrent tal-ħelsien assoċjat ma' Karl ġagħal lil Erica titlaq 'il bogħod minn niesha. U Erica tinħakem mill-kultura maskili li tisħaq li l-mara għandha tpaxxi lir-raġel. Hi għamlet is-sagrifiċċju u tbegħdet mill-ġenituri tagħha, imma "hu ma kienx lest ibiddel id-direzzjoni li qabad minħabba fiha." (Kap 3) Din hi parti mill-patt tradizzjonali: l-ewwel hu, imbagħad hi. Ma tagħmel ebda pass li jista' jfixkillu t-twettiq artistiku tiegħu

> Id-dmir ewlieni li tagħraf lejh ma jħallihiex iġġagħlu biss jintebaħ bin-nostalġija mrikkba fuq is-sentimenti tagħha. (Kap 3)

Hija qagħda subordinata. Ħelset minn missierha biex inqabdet fin-nassa maskili tas-sieħeb tagħha. Imma fl-istess ħin, Karl jagħraf il-ħila intellettwali tagħha u jirrispettaha. U jpittirha għax jippenetralha 'l ruħha, u għax tpaxxih artistikament: "Il-pittura tiegħi trid qabel xejn tpaxxi lili." (Kap 3) Jixħet fuqha responsabilta' tqila: it-tkattir tal-fiduċja fih innifsu. It-twettiq ta' din ir-responsabilita' tkun aktar possibbli biż-żwieġ, għax temmen fil-qawwa tar-rabta, il-konvenzjoni tkellimha lil Erica u tgħidilha li t-tama titwessa' jekk ir-raġel li qiegħda tgħix miegħu jsir żewġha u jsib ix-xogħol. Taħdem għalih bil-qalb, imma impjieg jista' jressqu aktar lejha:

> Fl-opinjoni tagħha, jekk isaħħaħ il-qagħda tiegħu fis-soċjeta' ta' madwaru, jibda jagħraf aħjar iż-żewġ eżistenzi tagħhom marbutin flimkien fit-tama tal-ġejjieni, u b'rajh f'idejh ikun jista' jaqtgħalha xewqitha billi jagħżilha b'martu. (Kap 3)

Erica kisbet l-awtonomija minn missierha imma ġġorru fil-psikoloġija tagħha mhux biss għax kultant kliemu jidwi u jħuf f'moħħha imma għax wirtet bosta mill-valuri u l-attitudnijiet tiegħu. Għaliha x-xogħol u ż-żwieġ huma kompatibbli

ma' l-imħabba, huma fatturi ta' stabilita'. F'din ir-relazzjoni huwa Karl li qiegħed jirreżisti l-ideoloġija dominanti, u allura Erica x'tagħmel? Tirriversja l-partijiet konvenzjonali. Il-vuċi tagħha tassumi l-awtorita': tinqabad tqila biex tissiġillah magħha. Għal Karl l-ulied iġibu sensiela ta' problemi li jxekkluh fl-ideal tiegħu:

> "Kull individwu ġdid iġib, bla ma jaf, sensiela ta' problemi ġodda li jikbru miegħu. Fid-dinja tiegħi nħoss li ma niflaħx inġorr piż akbar minn dak tiegħi nnifsi." (Kap 4)

U meta tagħtih l-aħbar li kien se jkollha t-tarbija tiegħu, jirrabja għax kienet kisret il-ftehim ta' bejniethom:

> "Ir-responsabilita' tat-tarbija li waħdek għażilt li jkollok trid terfagħha int. Jien m'għandix x'naqsam magħha." (Kap 4)

Il-femminilita' tinxteħet f'salib it-toroq. Il-maħbub tagħha jħedded li jitlaqa'. Abort ma tasal qatt għalih: kienet lest li tħaddan il-ħajja l-ġdida mqar jekk titlef lil Karl. Il-piż imtaqqal fuq moħħha żied jitqal x'ħin intebħet li mara waħedha f'belt barranija kien se jkun diffiċli għaliha trabbi u taħdem f'daqqa. Lanqas ma riedet li tinġabar fil-kenn komdu ta' dar missierha għax dan il-pass kien jagħtiha sens ta' ħtija u telfa. Id-dinja tagħha f'daqqa waħda kienet oppressiva. Dak li hi tara bħala altruwiżmu, spara u ħa f'wiċċha għax Karl rah bħala indħil fil-ħelsien tiegħu.

Hi ma semgħetux jokrob għall-ħelsien, u għaffiġitha. Ixxennqet għall-imħabba dejjiema u baqa' f'wiċċha. Erica hija l-mara ta' kull żmien:

> Li tħobb u tkun maħbuba kien l-essenza ta' l-għajxien u l-fus li miegħu kellha ddur ħajjitha. (Kap 4)

Imma l-iżball tagħha kien li ppruvat taħkem lis-sieħeb tagħha. L-ironija hi li kienet ħarbet mill-ħakma ta' missierha u spiċċat taħkem hi sa ma ħarab seħibha minnha.

Il-mara f'salib it-toroq iddur lejnb Alla. F'mument ta' toqol titolbu l-ħniena, altrimenti twarrbu. L-inċertezza mill-ġejjieni hija l-biża' li ssallabha u tressaqha lejn il-Ħallieq biex tittama. Huma rari l-waqtiet meta Balzan tressaq lill-protagonista tagħha lejn Alla. Tħobb tħallih bi kwietu, imma f'mumenti ta'

toqol tal-ħajja Balzan iddawwar lill-protagonsita lejh biex turi u ssaħħaħ l-umanita' fiha, u tqawwi l-femminilita' nisranija.

Meta titwieled it-tarbija, titfaċċa f'Erica x-xewqa tradizzjonali li trabbi 'l bintha hi, mhux titlaqha f'idejn ħaddieħor biex hi tmur issegwi karriera. Imma dan kien biss ħsieb tax-xewqa u wara l-btala tat-tqala reġgħet lura lejn il-fabbrika u lit-tifla, kontra qalbha, daħħlitha f'*nursery* jew skola tan-nuna. U issa Erica sabet lilha nfisha f'dawn il-partijiet:

- omm ta' tarbija
- mara tad-dar
- ħaddiema ta' fabbrika
- mudella tas-sieħeb tagħha
- sieħba fl-imħabba

U Karl ħalliha taqdef waħedha, imma fiha bħala mudella ra ruħ umana u ħatafha dik ir-ruħ fuq it-tila. U terġa' Erica tieħu deċiżjoni f'isem Karl. Il-bejgħ tal-kwadru jirrifletti żewġ affarijiet:

a. li vuċiha m'hijiex emarġinata, u
b. li qed terġa' tipprova tiddetta lil Karl kif imexxi ħajtu.

Tinduna tard wisq li li Karl kienet ippruvat tippossedih:

> "Ma nafx kif domt daqshekk ma ntbaħt li kont qiegħda nipprova nwennes tifel minflok naqsam ħajti ma' raġel." (Kap 6).

Karl telaq għal kollox. Erica ddur għall-kumpanija mkenna ta' raġel ieħor (Arnold) wara t-twarrib tas-sieħeb tagħha (Karl) li kienet qabdet biex taħrab mill-partijarkiżmu ta' missierha. Is-sehem femminista tagħha ġagħalha tiddependi fuq ir-raġel għall-istabilita' emozzjonali. Imma Arnold ukoll idaħħalha f'salib it-toroq: tiżżewweġ lil Arnold u ltinfired minn ma' bintha, jew tibqa' ma' bintha u ma tiżżewwiġx. X'tagħmel? Erica tidher il-mara li għadha tiddependi fuq l-opinjoni tar-raħel.

> Għaliex iż-żewġt irġiel li stqarrew li jħobbuha kellhom ikunu daqshekk egoisti magħha? Wieħed ġagħalha tinfired minn niesha u minn dak kollu li kien għażiż għaliha u l-ieħor qiegħed jipprova joftomha minn bintha. Possibbli li l-irġiel kollha xorta? Għax għandhom iqisu rwieħhom b' superjuri, b'mod speċjali meta jiġu għall-għażla

> tagħhom? Suppost li s-superjorita' fuq l-oħrajn m'għadha titqies b'monopolju ta' ħadd. Jew forsi hi kienet nejja wisq biex tifhem il-bilanċ bejn id-drittijiet u d-dmirijiet umjani u issa jkollha tbati l-konsegwenzi? Imma ġa ħallset biżżejjed għal ħtijietha. Għax għandha titbiegħed ukoll minn bintha? (Kap 6)

Iż-żwieġ qiegħed quddiem nett f'moħħ Erica. L-ideoloġija femminista li toħroġ hija li n-nisa bħal Erica jistgħu jiġu kkastigati talli jagħmlu l-għażla tradizzjonali taż-żwieġ. Fid-djalogu tagħhom iridu jmejlu ruħhom għall-valuri ta' l-istrutturi tas-setgħa. It-traġedja ta' Erica hi li ma tistax tmur lura. Aħna u nagħrfu l-enfasi soċjali fuq iż-żwieġ u n-nuqqasijiet tiegħu nifhmu l-ambigwitajiet fil-qagħda tal-mara. U dan il-ħsieb qiegħed jgħaddi fir-rumanz mill-għarbiel femminili tal-puntodivista ta' Rena Balzan l-awtriċi, ta' Nada n-narratriċi, u ta' Nada u ta' Erica l-karattri — struttura narrattiva ta' femminiżmu pur, assolut.

**IL-FEMMINIŻMU PRUDENTI**

Ġrejna wara l-femminilita' ta' Erica sabiex nifhmu x'qed tipprova tgħid Rena Balzan. Ħa naraw. Tagħtina

1. il-mara li teħodha kontra l-patrijarkiżmu tar-raġel: lil missierha Erica taħarbu;

2. il-mara li tassumi s-superjorita' hi: lil Karl tipprova tiġbdu lejha bix-xogħol, taħkmu billi tagħmlu missier bla ma jrid, u tipprova ddeffislu l-fiduċja fih innifsu billi tbiegħlu l-pittura;

3. il-mara li taċċetta t-tmexxija tar-raġel: lil Arnold tagħtih li jixtieq.

Erica għadha l-mara nieqsa mill-istil mentali ta' waħda responsabbli u matura fl-awtonomija tagħha. M';hix lesta li tkun il-mara li tixtieq Rena Balzan. Il-femminiżmu ta' Rena Balzan huwa miġbur f'Nada, il-mara prudenti, għaqlija għax ma twarrabx l-imgħoddi. Tinqeda b'nisilha, bl-identita' tagħha biex tmexxi l-preżent tagħha li jrid jitnewwel lejn il-futur.

Balzan tiżviluppa relazzjonijiet sħaħ u varjati f'nisġa kumplessa ta' ħsibijiet, fehmiet, u għemejjel li jikxfu stili mentali differenti biex iwettqu dejjem it-tema ewlenija tal-kisba jew l-għarfien ta' l-identita' marbuta man-nisel. Hawnhekk hawn mewt li ma tmutx — in-nannu jibqa' jgħix fil-psikoloġija ta' bintu (Erica) u tan-neputija (Nada). Din tiġbor l-identita' tagħha minn għandu u bl-għarfien ta' ommha (imbagħad wara wkoll ta' missierha). Essenzjalment ir-rumanz huwa l-ġrajja tan-nisġa ta' l-identita' ta' Nada permezz ta' għarfien sħiħ ta' min kienu niesha u kif kienu jaħsbuha. Hemm kontinwazzjoni ta' l-istil tal-moħħ: nannu-Erica-Nada. Bid-differenza li Nada turi aktar maturita' minn Erica għax żammet bosta mil-loġika ta' nannuha.

Fir-rumanz, minħabba dawn ir-relazzjonijiet, jidher żvilupp sħiħ tal-femminiżmu. [49] Hemm il-fażi ta' meta l-mara (in-nanna) tinvolvi ruħha fit-tradizzjoni dominanti u tinternalizza l-kondizzjonijiet kollha ta' dik it-tradizzjoni. Imbagħad insibu l-fażi ta' meta l-mara (Erica) tipproponi li tasserixxi l-valuri u

[49] Barra minn hekk, ta' min iżomm f'moħħu li Nada fl-ewwel parti tagħti l-ħajja ta' ommha u għalhekk għandna l-istil tal-moħħ ta' Erica assimilat ma' ta' Nada: jiġifieri, il-femminiżmu magħġun u rrakkontat minn mara.

d-drittijiet tagħha. U fl-aħħarnett għandna l-fażi ta' meta l-mara (Nada) tfittex l-identita' tagħha u tagħraf lilha nfisha fil-kontinwita' ġenetika. Tliet ġenerazzjonijiet femministi li sawru l-ideoloġija tal-femminiżmu prudenti li jagħraf is-siwi u l-għaqal ta' l-antenati tiegħu, imqar jekk dan l-għaqal ikun ġej mill-vuċi maskili ta' xi nannu. U dan il-femminiżmu prudenti jirnexxi meta l-mara (Nada) titrabba fil-għożża ta' l-imħabba:

> L-imħabba li kienet imdawra biha d-dar, kif ukoll iż-żgħożija fil-ħsieb u fit-twemmin ta' niesha, jegħlbu kull sens ta' ħtija u sal-lum iġegħluha tkun kburija bl-identita' tagħha. (Kap 7)

F'Nada naraw it-tifla li qiegħda tikber. Tidħol fil-fażi ta' Oedipus u taffronta l-fatt tal-femminilita' tagħha.

> Kemm-il darba ħasbet illi li kieku kienet tifel, kienet tkun tixtieq tixbah lin-nannu f'kollox u li għalkemm tifla, meta tikber, xorta waħda tagħżel li tistudja dak li kien studja hu biex tkun tista' timxi fil-passi tiegħu. (Kap 7)

Il-masklinita' ta' nannuha qatt ma ħassitha ta' theddida (anzi taraha bħala ħaġa ta' ammirazzjoni) u baqgħet sa l-aħħar tirrispettah u tammirah. Trawwem fiha attitudni femminili li taffilja ruħha mal-masklinita' (fil-għamla ta' loġika ta' nannuha) biex tkun tiflaħ għat-tensjonijiet tal-ħajja. Din l-affiljazzjoni femminili twaħħad l-ansjeta' u l-lussu ta' l-imħabba (kemm bħala sentiment u kif ukoll bħala raġuni) iddrammatizzati fil-karattru ta' Nada.

Id-djaloġiżmu fir-rumanz jamplifika l-vuċijiet diversi tal-femminiżmu. Il-proża narrattiva ta' Rena Balzan hija mimlija ġlied għas-setgħa f'għamla ta' vuċijiet li jgħajtu aktar minn oħrajn. L-immaġinazzjoni djaloġika ta' l-awtriċi tislet dawn il-vuċijiet u turi kif jaħdmu;  tesplora l-modi kif in-nisa jiftħu djalogu ma' l-oppressjonijiet tagħhom — l-oppressjoni dominanti ta' Nada m'hix il-masklinita' imma n-nuqqas ta' identita' minħabba ċ-ċaħda tal-ġenituri tagħha; fil-waqt li l-oppressjoni dominanti ta' Erica hija s-superjorita' jew id-dominanza maskili. Jekk ir-rumanz niħduh kif qed ngħid bħala immaġinazzjoni djaloġika nifhmu ħafna mill-argumenti tal-femministi u l-bidliet dinamiċi fil-femminiżmu jagħmlu aktar sens għax huwa rumanz miktub minn mara fuq in-nisa. Il-kitba kreattiva ta' Balzan hija mezz biex tiżviluppa modi ġodda li jridu jlaħħqu man-nuqqas fil-vuċi femminili — jiġifieri jridu jwasslu ħafna mill-ħsibijiet femministi

biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' opportunitajiet li n-nisa ;jista' jkollhom minkejja kull progress soċjali ieħor.

Balzan tipprova ġġib id-differenzi kollha li tqajjem il-kategorija "mara" — turi esperjenzi ta' nisa bi kwalitajiet different:

*in-nanna*: il-mara tradizzjonali servili għar-raġel, ħiemda taqdih
*Erica*: il-mara radikali li teħodha mar-raġel b'bosta mezzi, tikkumbatti s-superjorita' tiegħu
*mart Karl*: il-mara seduttriċi (jew rikattattriċi) li tinqeda bis-sess ħa taħkem lir-raġel
*Nada:* il-mara prudenti li tibbilanċja l-għaqal ma' l-imħabba u tittratta lir-raġel daqsha
*Maris:* il-mara storbjuża li trid ħafna kumpanija u lir-raġel tridu għall-festi

Dawn huma l-ħeteroglossja tar-rumanz. Balzan qed taħtaf l-istratifikazzjoni tal-vuċijiet femminili, il-ħeteroglossja tan-nisa. Il-lingwa tagħha għandha t-tendenza ċentrifugali minħabba x-xejriet psikostilistiċi li tkellimna fuqhom qabel. Imma dawn huma kollha nisa, u d-differenzi jagħmluhom ħaġa waħda xorta — f'kategorija waħda ta' "mara". Għalehkk tematikament (anzi politikament) huma ċentripetali: il-kwalitajiet tagħhom jgħaqqduhom flimkien. Jingħaqdu u jbarru lil kulmin ma jiffittjax fil-kategoriji soċjali tagħhom. L-awtriċi tinqed bl-immaġinazzjoni djaloġika biex nifhmu l-konflitti ta' bejn lin-nisa u l-battalji ma' l-irġiel. Fil-każ ta' Nada jista' jkun hemm identifikazzjoni magħha u l-qarrejja femminili żgħażagħ jistgħu jieħdu sens sħiħ tagħhom infushom. Jagħrfu lil Nada u jerfgħu l-konxju tagħhom biex jilliberaw ruħhom mid-diżabilita' tad-dipendenza.

## IL-QOFOL L-IMĦABBA

Il-qofol tal-femminiżmu prudenti fid-dinja testwali[50] huwa l-imħabba li n-nanniet taw lil Nada. L-awtriċi ġġiegħel lin-narratriċi tħaddem rappreżentazzjonijiet mentali marbutin ma' l-għożża ta' l-imħabba tal-ġenituri. Hawnhekk qiegħed nirreferi għat-teorija ta' l-iskema[51] li ssaħħaħilna r-realta' mistħajla tad-dinja testwali. "Skema" (bil-plural "skemata") tfisser kunċett, rappreżentazzjoni mentali, jew element kognittiv ta' organizzazzjoni mibni fuq it-tiġrib personali ta' l-imgħoddi f'individwu. Il-perċezzjoni u l-mod kif nifhmu x-xogħol letterarju jissawru skond l-istennija tagħna; u dak li nistennew aħna nibnuh fuq dak li nkunu diġa' nafu. Jiġifieri, l-interpretazzjoni tad-dinja testwali tiddependi fuq l-attitudnijiet u l-assunzjonijiet li nkunu diġa' sawwarna mill-esperjenza tagħna tad-dinja. It-terminu "skema", mela, jirreferi għal organizzazzjoni attiva (ta' reazzjonijiet mgħoddija jew tiġrib personali ta' l-imgħoddi) li trid topera kulmeta jkun hemm xi reazzjoni jew xi proċess semantiku li jgħinna nifhmu d-dinja testwali. Il-komprensjoni tiddependi essenzjalment fuq kemm aħna kapaċi ntellgħu t-tagħrif relevanti li jkollna fil-fond tal-bir ta' moħħna. Nagħtu tifsir lit-tiġrib ġdid tagħna billi norbtu flimkien dak kollu li jkun dieħel mal-perċezzjoni u l-kunċetti li jkunu diġa' jeżistu fina minħabba t-tiġrib imgħoddi.

It-tħaddim u l-applikazzjoni ta' skemata xierqa fil-proċess ta' interpretazzjoni jgħinu lill-qarrej biex jgħaqqad it-tifsiriet fil-kuntest tagħhom u biex jagħmel inferenzi f'waqthom u f'lokhom. Il-komprensjoni letterarja għalhekk hija għażla u tħaddim ta' xi skema (jew grupp ta' skemata) li trid tiftaħ fuq dak li nkunu qegħdin nirċievu. F'dan is-sens it-tifsir ma nsibuhx fit-test imma rridu nibnuh. Ma nistennewx il-bajtra taqa' f'ħalqna, imma jrid ikun hemm interazzjoni bejn ix-xogħol letterarja u l-għerf maħżun fl-isfond ta' moħħna bħala interpretaturi. Jekk qarrej ma jħaddimx l-iskemata xierqa hi u dieħla l-informazzjoni mit-test jista' jixxekkel u ma jagħmilx sens sħiħ mill-kontenut. [52] Għaldaqstant, l-interpretazzjoni hija dejjem personali: id-

---

[50] Id-"dinja testwali" tfisser ir-realta' pproġettata mix-xogħol letterarju; id-dinja tar-rumanz.

[51] Il-pijunier tat-teorija ta' l-iskema huwa l-psikoloġista F.C.Bartlett bil-ktieb tiegħu, *Remembering: A Study in Experimental and Social Psychology* (Cambridge University Press, Cambridge, 1932). Fl-aħħar snin tas-seklu għoxrin din it-teorija bdiet tintuża biex tispjega r-realta' possibbli f'xogħlijiet letterarji.

[52] Dan li ppruvajt nuri fit-taħdita tiegħi, "L-Istrateġija Psikostilistika f'Dun Karm" li jien tajt fl-Universita' ta' Malta nhar il-31 ta' Ottubru, 1997, għall-Konferenza Dun Karm tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar.

differenzi fl-għażla ta' l-iskemata jwasslu għal differenzi fl-interpretazzjoni ta' l-istess biċċa xogħol minn qarrejja differenti. Imma ma ninsewx li dejjem ikun hemm xi għerf stereotipat dwar qagħdiet, ambjent, għemejjel, u sentimenti li jgħinu l-perċezzjoni — ngħidu aħna, il-kunċett ta' l-imħabba dejjem jassoċja ruħu ma' xi ħaġa sabiħa, il-kunċett ta' kamra ma' għeluq, u l-kunċett ta' mixi ma' ċaqliq. Barra minn hekk, l-isekmata huma strutturi flessibbli u dinamiċi, u dan jgħin ħafna l-kreattivita' tagħna aħna u napplikaw dak li nafu għal dak kollu li jkun dieħel ġdid. U la huma flessibbli u dinamiċi rridu nħarsu lejn il-proċess ta' bidla fl-iskemata, jiġifieri naraw kif skemata ġodda jissawru u oħrajn qodma jiġu mmodifikati.

Għax meta naqraw xi biċċa xogħol jista' jkollna

a. jew tisħiħ ta' l-iskema tagħna għax il-qari jikkonferma jew jirrinforza l-istrutturi tal-kunċetti dominanti tagħna;

b. jew tiġdid ta' l-isekma tagħna meta l-qari
- jisfida l-kunċetti dominanti li jkollna u jfixkilhom,
- ibiddel il-kunċetti dominanti li jkollna,
- iżid informazzjoni ġdida mal-kunċetti kominanti li jkollna.

Fil-każ ta' (b) dejjem hemm proċess li jintroduċi xi elementi ġodda. It-tiġdid ta' l-iskema jseħħ meta jkun hemm xi devjazzjoni lingwistika jew stilistika u jorbot sew ma' l-idea ta' defamiljarizzazzjoni għax joffri alternattivi għall-perċezzjoni. Filwaqt li t-tisħiħ ta' l-iskema jżomm id-dinja testwali realistika, familjari, u konvenzjonali.

Fil-każ tat-trobbija ta' Nada min-nanniet (li jagħmlu l-parti tal-ġenituri) il-mudell tar-realta' tagħna jinbena fuq l-iskema ta' MĦABBA TAL-ĠENITURI. Ġarsu ftit lejn l-ewwel ftit paragrafi ta' Kapitlu 7 fejn nilmħu lin-nanniet u 'l Nada flimkien. L-iskema ta' MĦABBA TAL-ĠENITURI tfaqqas mill-effett kumulattiv ta' l-elementi li jirreferu għaliha, bħal din il-lista:

"Bla xkiel ta' xewqat mikruma"
"ma kien jonqosha xejn"
"dawk li jħobbuha għax iqisuha b'tagħhom"
"jsarrfu d-dinja għaliha"
"dinja li tgħożż"

"eżistenza ħielsa minn kull taqbid"
"l-imħabba li kienet imdawra biha"
"iż-żgħożija fil-ħsieb"
"kburija bl-identita' tagħha"
"tibqa' grata lejh"
"daħka"
"tiftaħ qalbha"
"hienja"

Dawn l-elementi (li wieħed irid iqishom fil-kuntest tagħhom) kollha joħolqu l-iskema ta' MĦABBA TAL-ĠENITURI — hija skema li tixħet fuq il-liżar tal-ħsieb realta' familjari u konvenzjonali: hekk hi l-għożża tradizzjonali tal-ġenituri għall-ulied. L-iskema ssaħħaħilna l-kunċett ta' għożża fl-imħabba u tistabilixxi l-konnessjoni bejn il-psikoloġija ta' Nada u azzjonitha. Hija skema li tibni dinja testwali koerenti. Nifhmu għaliex hija l-mara prudenti li saħansitra tasal bla tlaqliq ta' xejn biex taħfer lil missierha li telaqha meta kienet għadha fin-nieqa. Mela, hawnhekk għandna t-tisħiħ ta' l-iskema — importanti għat-tema tal-femminizmu.

L-idea dominanti ta' ittra titlob il-qari minn indirizzat ħaj. Issa, meta r-rumanz iressqilna skema ta' ITTRA[53] (bl-elementi "Lilek, għażiż nannu", "Nixtieq infakkrek, għażiż nannu", "Għażiż nannu", "n-neputija tiegħek, Nada") indirizzata lill-mejjet ikun qiegħed jisfidalna l-iskema tagħna biex nintroduċu xi ħaġa ġdida fil-perċezzjoni tagħna. Jiġifieri nirrealizzaw li t-tfittxija ta' l-identita' tagħna hija fiha nfisha komunikazzjoni ma' dawk ta' qabilna — indirettament din il-komunikazzjoni tintrabat ukoll ma' l-iskema ta' MĦABBA TAL-ĠENITURI. B'hekk ikollna tiġdid ta' l-iskema. Ir-rumanz iridna nitmattru lintellettwalment biex inġebbdu l-iskema tagħna ħalli nikkontemplaw qagħda barra mill-estremitajiet tas-soltu. Għalhekk, wieħed jista' jqisu bħala ;biċċa xogħol li qed tipprova ġġedded l-iskema tagħna.

[53] Ma ninsewx li l-istruttura saflinija tar-rumanz hija epistolari; u l-ittra kultant titfaċċa fil-wiċċ.

## Konklużjoni

Ir-rumanz, *Ilkoll ta' Nisel Wieħed*, iħeġġeġ bil-femminiżmu u Rena Balzan tidher quddiemna bħala esponent ewlenija tal-femminizmu Malti minħabba li l-karattri tagħha jirrappreżentaw aspetti femminili differenti. Il-karattru ewlieni f'Balzan hija espożizzjoni ta' awtonomija femminista:  ma għandha ebda skop li tikkontrolla lir-raġel għax medhija turi li kapaċi taħdem għal rasha daqsu.

L-għamliet ta' femminiżmu li nsibu f'dan ir-rumanz huma

- il-mara servili għar-raġel, taqdih f'kollox
- il-mara radikali li tissielet kontra s-superjorita' tar-raġel
- il-mara seduttriċi li trid taħkem bil-qerq
- il-mara storbjuża tax-xalar
- il-mara prudenti li tirrispetta lilha nfisha u lir-raġel

Dawn kollha jitħaddtu bil-vuċi tagħhom ħalli jressqu d-djaloġiżmu femminili.

Is-simpatija tar-rumanz hija l-aktar imxaqilba lejn il-mara prudenti. Jagħtina wkoll l-għajn minfejn tnixxi din il-prudenza. L-imħabba li n-nanniet-ġenituri tawha lil Nada bniet personalita' li

- tifhem
- tagħder
- taħfer
- tirrispetta
- tħobb lil ħaddieħor

Imma teħtieġ ukoll l-għarfien tagħha nnifisha għall-għajxien psikoloġiku. Dawn l-azzjonijiet kollha jtellgħu  skema ta' PRUDENZA li hija l-iskema dominanti tar-rumanz.

# Biblijografija

## Biblijografija

ta' kotba kkonsultati f'dan l-istudju


BAKHTIN, M. M., *Problems of Dostoevsky's Poetics* (1963, Trad. 1984)

BAKHTIN, M. M., *Rabelais and His World* (1965, Trad. 1984).

BALZAN, R., *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (PEG, Malta, 1987)

BARTLETT, F.C., *Remembering: A Study in Experimental and Social Psychology* (Cambridge University Press, Cambridge, 1932)

BAUER, D.M., McKINSTRY, S.J., ed., *Feminism, Bakhtin, and the Dialogic* (State University of New York Press, USA, 1991)

BRIFFA, C., *Ħassieb Serju* (Pubblikazzjoni Agius and Agius, Malta, 1994)

BRIFFA, C., *Żagħżugħ fuq Vjaġġ* (Pubblikazzjoni Agius and Agius, Malta, 1994)

BRIFFA, C., *Il-Kisba tat-Tmiem* (Pubblikazzjoni Agius and Agius, Malta, 1994)

BRIFFA, C., "Family and Identity" f'*The Sunday Times* (Novembru 22, 1987)

BRIFFA, C., "The Voice of a Nation's Conscience: Oliver Friggieri's Fiction in Recent Maltese Literature" f' W. Riggan, ed., *World Literatature Today* (The University of Oklahoma, Summer 1997), p. 495-505.

BRIFFA, C., "L-Istrateġija Psikostilistika f'Dun Karm" taħdita mogħtija fl-Universita' ta' Malta nhar il-31 ta' Ottubru, 1997, għall-Konferenza Dun Karm tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar

DENTITH, S., *Bakhtinian Thought: An Introductory Reader* (Routledge, London & New York, 1995)

FOWLER, R., *Linguistic Criticism* (Opus Book, Oxford University Press, Oxford, 1990)

FRIGGIERI, O., *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (PEG, Malta, 1996)

FRIGGIERI, O., "Rena Balzan: Il-Kriżi skond Verżjoni Femminili", daħla kritika għal *Fiż-Żifna ta' l-Ibliet* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1995), p. xv-xvi

FRIGGIERI O., *L-Idea tal-Letteratura* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1986)

GALEA, Ġ., *San Ġwann* (Edizzjoni *Il-Ħajja*, 1970)

HALLIDAY, M.A.K., "Language structure and Language Function" f' John Lyons, ed., *New Horizons in Linguistics* (Penguin Books, Middlesex, 1970, Reprinted 1971), p.143

HOLQUIST, M., *Dialogism: Bakhtin and His World* (Routledge, London and New York, 1994)

LEECH, G.N., SHORT, M.H., *Style in Fiction* (Longman, London & New York, 1989)

LODGE, D., *Language of Fiction* (Routledge and Kegan Paul, London, 1966)

SERRACINO INGLOTT, P., ed., *Ilħna Mkissra* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1989)

# Glossarju

# Glossarju

ta' termini kif użati f'dan l-istudju

AWTOMATIZZAZZJONI, l-użu ta' strateġija stilistika li tħalli l-perċezzjoni tal-qarrej bla mittiefsa; strateġija li ddaħħal lill-qarrej awtomatikament f'dak li kien imdorri bih

DEFAMILJARIZZAZZJONI, l-użu ta' strateġija stilistika li ġġagħal lill-qarrej ibiddel il-perċezzjoni tiegħu billi jħares lejn idea komuni minn angolu mhux tas-soltu; strateġija li ġġagħal lill-qarrej jerġa' jorjenta it-tifsir

DINJA TESTWALI, id-dinja tar-rumanz; l-ambjent li jidher fil-ġrajja tar-rumanz; ir-realta' pproġettata mix-xogħol letterarju; realta' fittizzja tal-proża narrattiva kreattiva

DJALOĠIŻMU, tlaqqigħ ma' ħaddieħor ta' opinjoni differenti permezz ta' djalogu; tpartit verbali mħarrek bi skop ta' azzjoni

DJALOGU, diskors bejn il-karattri

EPISTOLARJU, fl-istil ta' l-ittra

ESPERJENZALI, ara IDEAZZJONALI

FORGRAWNDING, proċess lingwistiku f'test letterarju li jqabbeż 'l quddiem xi element biex jispikka

ĦETEROGLOSSJA, il-qabda vuċijiet soċjali mdaħħlin fi djalogu x'aktarx meta hemm opinjonijiet differenti

ĦSIEB INDIRETT, struttura li turi l-ħsieb b'mod indirett

ĦSIEB INDIRETT ĦIELES, struttura li turi l-ħsieb b'mod indirett imma hemm aktar liberta' fir-rappreżentazzjoni milli jkun hemm fil-ħsieb indirett

IDEAZZJONALI, li juri permezz tal-lingwa t-tiswir ta' l-esperjenza umana saħansitra anki d-dinja interna tal-konxju; esperjenzali

INTERSOĠĠETTIVITA', opinjoni komuni għal xi grupp ta' persuni li għandhom l-istess żvantaġġ/i

KARATTRU-RIFLETTUR, il-karattru li juri l-istil mentali fil-ġrajja

KARNIVALIZZAZZJONI, kull manifestazzjoni li tmur kontra xi kultura uffiċjali

LESSIKALIZZAZZJONI, l-għamla ta' vokabolarju użat f'biċċa xogħol

MONOLOGU INTERN, ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb ta' karattru mingħajr l-indħil tan-narratur

NARRATUR OMNIXJENTI, il-karattru li jirrakkonta l-ġrajja tar-rumanz li jkun jidher li jaf kollox fuq il-karattri l-oħra, ukoll x'jaħsbu u xi jħossu

NARRAZZJONI, il-mod kif biċċa xogħol letterarja tkun irrakkontata

NARRAZZJONI OMNIXJENTI, rakkont li jkun jaf kollox fuq kulħadd, anki l-ħsibijiet tal-karattri

NIXXIEGĦA TAL-ĦSIEB, teknika li turi t-tiġrib ġewwieni tal-karattru; il-proċessi mentali fil-proża kreattiva li jirriflettu tifkiriet, xewqat, sentimenti, stkerrih, għarfien, injoranza, intuwizzjoni, sensi, kuxjenza, u dak kollu li jgħaddi minn ġo l-għarbiel tal-moħħ biex iwassal perċezzjoni

NIXXIEGĦA TAL-KUXJENZA, ara NIXXIEGĦA TAL-ĦSIEB

NOMINALIZZAZZJONI, struttura lingwistika li l-element ewlieni tagħha huwa nom

OĠĠETT TAL-PER~EZZJONI, il-karattru jew il-ħaġa li ma jkunux l-għan ewlieni tan-narratur

PERSPETTIVA INTERNA, narrazzjoni ġol-konxju ta' karattru; rappreżentazzjoni tal-ħsieb li tikxef puntodivista jew attitudni jew il-mod ta' kif wieħed iħares lejn oġġett

POLARITA' TAL-ĠENS, stat li fih il-mara u r-raġel jidhru kulturalment opposti ta' xulxin

PRIVAT, l-elementi mhux uffiċċjali fis-soċjeta' jew fil-ħajja

PROŻA FITTIZZJA, rumanz (jew novella) li juri xi xogħol ta' l-istħajjil imma mhux bilfors ikollu xi valuri għall-bniedem (u għalhekk jista' ma jitqiesx bħala letteratura ta' kwalita')

PROŻA LETTERARJA, xogħol letterarju u serju ta' kwalita' għax joffri xi valuri għall-bniedem: ikollu l-ħila jwassal messaġġi universali u valuri li jgħoddu għall-qagħda umana

PSIKOSTILISTIKA, ara XEJRA PSIKOSTILISTIKA

PUBBLIKU, il-vuċi popolari

PUNTODIVISTA IDEOLOĠIKA, il-perspettiva ta' karattru li tikxef kunċetti kulturali; il-perspettiva li tixref f'karattru turi x'ideoloġija jħaddan

PUNTODIVISTA PSIKOLOĠIKA, il-perspettiva ta' karattru li turi l-istil mentali; il-perspettiva li tixref f'karattru jkollha enfasi kbira fuq l-attitudni mentali li tiddetermina l-ġudizzju ta' dak il-karattru

RAPPORT NARRATTIV TA' ATTI TAL-ĦSIEB, rakkontar li jgħid wieħed xi jkun qed jaħseb

RAPPREŻENTAZZJONI TAL-ĦSIEB, il-mod użat fir-rumanz biex il-qarrej ikun jista' jara x'qed jaħseb karattru

RAZZJONALITA' PUBBLIKA, l-kultura dominanti

RIFLETTUR, ara KARATTRU-RIFLETTUR

RITMU LETTERARJU, il-kwalita' u l-mixi ta' l-espressjonijiet magħżula għal xi skopjiet ta' xi biċċa xogħol, skopijiet li jistgħu jorbtu mat-tema ewlenija

RITMU ORALI, il-kwalita' u l-mixi kif jinħassu f'xi konverżazzjoni

RUMANZ EPISTOLARJU, rumanz li jinqeda bil-forma ta' l-ittra fin-narrazzjoni tiegħu

SKAZ, l-imitazzjoni ta' narrazzjoni orali

SOLIPSIŻMU, l-idea li l-jien biss jeżisti fil-bniedem

STIL MENTALI, l-impressjoni li wieħed joħloq tad-dinja; l-idea li wieħed ikollu ta' l-ambjent fiżiku u uman

STIL TAL-MOĦĦ, ara STIL MENTALI

STRUTTURA IDEAZZJONALI KUMULATTIVA, proċess ideazzjonali li jidħol ma' oħrajn biex jibni kumulattivament il-viżjoni tad-dinja tal-protagonista

STRUTTURA IDEAZZJONALI LOKALI, proċess ideazzjonali li joħloq effett f'punt speċifiku fir-rumanz

SUĠĠETT TAL-PER~EZZJONI, il-protagonista tan-narratur li jingħata ħafna privileġġi tan-narrazzjoni bħall-ħsieb dirett

TAĦDIT INFORMALI, diskors daqsxejn ħieles bħall-konverżazzjoni

TEKNIKA EPISTOLARI, il-karatteristiċi letterarji li jintużaw fl-ittra

TEKNIKA TAD-DOKUMENTARJU, il-karatteristiċi (bħan-narrazzjoni u d-deskrizzjoni) li jintużaw għal xi dokumentarju

TRANSITIVITA', proċess verbali bl-oġġett li jiddetermina l-viżjoni ta' karattru

VU~I, attitudni, twemmin, ideoloġija, kultura, jew setgħa soċjali

XEJRA PSIKOSTILISTIKA, it-tendenza li tgħaqqad il-psikoloġija narrattiva ma' l-istilistika u l-istil mentali